

Kompendju tal-Awditjar

| Saħħa pubblika

Rapporti tal-awditjar ippubblikati bejn l-2014 u l-2019

Diċembru 2019

MT

Kuntatt: www.contactcommittee.eu

© L-Unjoni Ewropea, 2019.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors.

Sors: Kumitat ta' Kuntatt tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-Unjoni Ewropea.

Għal kull użu jew riproduzzjoni tal-materjal li ġej, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur:

Il-Figuri 1, 6 u 8: © L-OECD/L-Unjoni Ewropea, 2018.

Il-Figuri 2, 3, 7, 9, 12, 13 u 14: © L-OECD.

Il-Figura 4: © L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).

Kelmtejn ta' qabel	7
Sommarju eżekuttiv	8
PARTI I – Saħħa pubblika fl-UE	9
Saħħa pubblika – Fajja itwal u aktar f'saħħitha	10
Politika tas-saħħa tal-UE	11
Il-bażi ġuridika u r-responsabbiltajiet	11
Objettivi tal-politika	12
Finanzjament	13
Saħħa pubblika fl-Istati Membri tal-UE	13
Prevenzjoni u protezzjoni	15
Aċċess għall-kura tas-saħħa	20
Il-kwalità tas-servizzi tas-saħħa	23
Teknoloġiji ġodda u Saħħa elettronika	26
Sostenibbiltà fiskali u aspetti finanzjarji oħra	30
PARTI II – Farsa ġenerali lejn ix-xogħol imwettaq mis-SAls	34
Introduzzjoni	35
Metodoloġija tal-awditjar	35
Perjodu awditjat	35
Prevenzjoni u protezzjoni	37
Objettivi tal-awditjar	37
Osservazzjonijiet prinċipali tal-awditjar	38
Aċċess għas-servizzi tas-saħħa	39
Objettivi tal-awditjar	39
Osservazzjonijiet prinċipali tal-awditjar	39
Il-kwalità tas-servizzi tas-saħħa	40
Objettivi tal-awditjar	40

Osservazzjonijiet prinċipali tal-awditjar	41
Teknoloġiji ġodda u Saħħa elettronika	42
Objettivi tal-awditjar	42
Osservazzjonijiet prinċipali tal-awditjar	42
Sostenibbiltà fiskali u aspetti finanzjarji oħra	43
Objettivi tal-awditjar	43
Osservazzjonijiet prinċipali tal-awditjar	43
Segwitu tal-awditi	44
PARTI III – Rapporti tas-SAls mad-daqqa t'għajn	45
Prevenzjoni u protezzjoni	46
Il-Belġju – Rekenhof – Cour des comptes – Rechnungshof	47
Politika Fjamminga dwar is-saħħa preventiva – valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-politika	47
Franza – Cour des comptes	51
Prevenzjoni ta' infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa: il-passi li jmiss	51
Il-Polonja – Najwyższa Izba Kontroli (NIK)	55
Il-prevenzjoni u t-trattament tad-dijabete tat-tip 2	55
Is-Slovenja – Računsko Sodišče Republike Slovenije	59
L-indirizzar tal-obeżità fit-tfal	59
Aċċess għas-servizzi tas-saħħa	63
Il-Ġermanja – Bundesrechnungshof	64
Riċerka fil-qasam tas-saħħa meħtieġa biex jiġi studjat il-valur tat-trattament ortodontiku	64
Il-Litwanja – Valstybės Kontrolė	68
L-aċċessibbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-orjentazzjoni lejn il-pazjenti	68
Malta – L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika	72
Il-funzjoni tat-tabib tal-familja – Il-qalba tal-kura tas-saħħa primarja	72
Il-Portugall – Tribunal de Contas	76

L-aċċess taċ-ċittadini għall-kura tas-saħħa fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa tal-Portugall	76
Ir-Rumanija – Curtea de Conturi a României	80
L-iżvilupp ta' infrastruttura tas-saħħa fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali biex jiżdied l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa	80
L-Unjoni Ewropea – Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri	84
Azzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali: ambizzjonijiet sinifikanti, iżda tenħtiegħ ġestjoni aħjar	84
Il-kwalità tas-servizzi tas-saħħa	88
L-Awstrija – Rechnungshof	89
Aċċertament tal-kwalità għat-tobba	89
Id-Danimarka – Rigsrevisionen	93
Rapport dwar id-differenzi fil-kwalità tal-kura fl-isptarijiet Daniżi	93
L-Irlanda – Office of the Comptroller and Auditor General	96
Ġestjoni ta' kirurġija elettiva li titlesta f'ġurnata	96
Teknoloġiji ġodda u Saħħa elettronika	100
Il-Bulgarija – Сметна палата на Република България	101
Saħħa elettronika	101
L-Estonja – Riigikontroll	105
Attivitajiet tal-Istat fl-implimentazzjoni tas-sistema tas-saħħa elettronika	105
Il-Latvja – Valsts Kontrole	109
Il-proġett "Saħħa elettronika fil-Latvja" huwa pass fid-direzzjoni t-tajba?	109
Sostenibbiltà fiskali u aspetti finanzjarji oħra	114
Il-Finlandja – Valtiontalouden Tarkastusvirasto	115
Projezzjonijiet tax-xejra għan-nefqa fuq is-sigurtà soċjali	115
Il-Greċja – Ελεγκτικό Συνέδριο	119
Awditjar tematiku orizzontali dwar l-arretrati tal-Istat rigward l-isptarijiet, l-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Forniment ta' Servizzi tal-Kura tas-Saħħa (EOPYY) u direttorat reġjonali tas-saħħa	119

L-Italja – Corte dei conti	123
L-implimentazzjoni tal-programm straordinarju għar-rinnovament tal-bini u l-immodernizzar teknoloġiku tal-proprjetajiet immobbli ta' istituzzjonijiet tas-saħħa pubblika	123
Il-Lussemburgu – Cour des comptes	126
Finanzjament pubbliku ta' investimenti fl-isptarijiet	126
Ir-Repubblika Ċeka – Nejvyšší kontrolní úřad	131
Fondi li jintefqu minn sptarijiet magħżula għar-rimborż tal-ispejjeż	131
Is-Slovakkja – Najvyšší kontrolný úrad Slovenskej republiky	135
Il-finanzi pubbliċi u l-proprjetà tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa	135
Spanja – Tribunal de Cuentas	139
Il-ġestjoni u l-kontroll tal-benefiċċji farmaċewtiċi mill-Kumpanija Ġenerali Spanjola tal-Assigurazzjoni Komuni tas-Servizz Ċivili (MUFACE)	139
L-Ungerija – Állami Számvevőszék	143
Analiżi fil-qosor tal-esperjenza miksuba mill-awditjar tal-isptarijiet	143
Lista tax-xogħlijiet tal-awditjar relatati mas-saħħa pubblika, li twettqu mis-SAls parteċipanti tal-UE mill-2014 'il hawn	146
Akronimi u abbrevjazzjonijiet	166
Glossarju	169

Kelmtejn ta' qabel

Għażiż qarrej,

Il-Kumitat ta' Kuntatt tal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar (SAIs) tal-Unjoni Ewropea jipprovdi forum biex jiġu diskussi u indirizzati kwistjonijiet ta' interess komuni li huma relatati mal-awditjar pubbliku fl-UE u fl-Istati Membri tagħha. Billi jsaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni fost il-membri tiegħu, il-Kumitat ta' Kuntatt jikkontribwixxi għall-effettività tal-awditjar estern tal-politiki u l-programmi tal-UE. Dan jgħin ukoll biex jissaħħaħ l-obbligu ta' rendikont fl-UE u fl-Istati Membri tagħha, u biex jittejbu l-ġestjoni finanzjarja u l-governanza tajba tal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-UE.

Fl-2017, fil-laqgħa annwali tagħna fil-Lussemburgu, aħna ddeċidejna li nagħmlu sforzi addizzjonali biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni ġenerali dwar ix-xogħol tal-awditjar li twettaq reċentement mis-SAIs tal-UE. Sena wara, fl-2018, aħna ppubblikajna l-ewwel kompendju tal-awditjar, li jippreżenta f'dokument uniku x-xogħol imwettaq mis-SAIs tal-UE f'dak li jirrigwarda l-impjieġ taż-żgħażaġh u l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Fid-dawl tas-suċċess ta' din l-ewwel edizzjoni, il-Kumitat ta' Kuntatt iddeċieda li jkompli l-attività u jindirizza suġġetti addizzjonali li huma ta' interess ġenerali. Għalhekk, aħna kburi li qed nippreżentaw it-tieni edizzjoni tal-kompendju tal-awditjar, li tiffoka kemm fuq l-awditjar li aħna wettaqna reċentement fil-qasam tas-saħħa pubblika kif ukoll fuq kwistjonijiet relatati.

Matul l-aħħar għexieren ta' snin, is-sistemi tas-saħħa fl-Istati Membri tal-UE ffaċċjaw bosta sfidi, bħal spejjeż li dejjem qed jiżdiedu u popolazzjonijiet li qed jixjieħu, u pazienti kif ukoll professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa li qed isiru dejjem aktar mobbli fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, is-saħħa pubblika tirrikjedi sforzi kkoordinati kemm mill-UE kif ukoll mill-Istati Membri kollha u, mingħajr dubju, is-suġġett se jkompli jkollu pożizzjoni prominenti fuq l-aġenda politika għall-ġenerazzjonijiet li jmiss.

Fl-Unjoni Ewropea, is-saħħa pubblika taqa' fil-biċċa l-kbira taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. L-UE tappoġġa prinċipalment l-isforzi li jsiru fil-livell nazzjonali u tiffoka speċifikament fuq li tikkomplementa jew tikkordina l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri fil-qasam tas-saħħa pubblika. Konsegwentement, is-saħħa pubblika, meqjusa mill-perspettiva tal-UE kollha, hija qasam kumpless għall-awditjar.

Din l-edizzjoni tal-kompendju toffri introduzzjoni ġenerali dwar is-saħħa pubblika u r-rwol tal-UE u tal-Istati Membri tagħha f'dan il-qasam ta' politika, u tipprovdi ħarsa ġenerali lejn xogħol tal-awditjar magħżul, li s-SAIs tal-UE ilhom iwettqu mill-2014, inkluż sommarju tax-xogħol tagħhom. Għal aktar informazzjoni dwar dawn l-awditi, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-SAIs ikkonċernati.

Nisperaw li dan il-kompendju tal-awditjar ikun sors utli ta' informazzjoni għalik.



Klaus-Heiner Lehne

Il-President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Il-President tal-Kumitat ta' Kuntatt u l-Kap tal-proġett

Sommarju eżekuttiv

I Is-saħħa pubblika hija x-xjenza li l-għan tagħha huwa li tipprevieni l-mard u ttawwal il-ħajja. Din taffettwa l-ħajja tan-nies kuljum u f'kull parti tad-dinja. Għalhekk, hija tinsab fuq l-aġenda politika ta' kull soċjetà moderna u se tibqa' hekk għall-ġenerazzjonijiet li jmiss.

II FI-UE, is-saħħa pubblika taqa' prinċipalment taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri tal-UE. Għalhekk, is-sistemi tas-saħħa jvarjaw konsiderevolment fost l-Istati Membri tal-UE. L-Unjoni Ewropea tappoġġa l-isforzi fil-livell nazzjonali u tiffoka speċifikament fuq li tikkomplementa jew tikkoordina l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri fil-qasam tas-saħħa pubblika.

III Konsegwentement, is-saħħa pubblika, meqjusa mill-perspettiva tal-UE kollha, hija qasam kumpless għall-awditjar. Madankollu, minħabba l-importanza tas-saħħa pubblika, l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-UE wettqu bosta awditi fuq kwistjonijiet relatati.

IV L-ewwel parti ta' dan il-kompendju tal-awditjar tagħti ħarsa ġenerali lejn is-saħħa pubblika fl-UE, il-bażi ġuridika tagħha, l-oġettivi prinċipali u r-responsabbiltajiet relatati. Hija turi wkoll l-isfidi prinċipali li kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri tagħha attwalment qed jiffaċċjaw f'dak li jirrigwarda l-qasam tas-saħħa pubblika.

V It-tieni parti ta' dan il-kompendju tal-awditjar tiġbor fil-qosor ir-riżultati ta' awditi magħżula li twettqu minn 23 SAI tal-Istati Membri li kkontribwew (l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja) u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri matul dawn l-aħħar ħames snin. Dawn l-awditi magħżula indirizzaw aspetti importanti tas-saħħa pubblika, jiġifieri l-azzjoni preventiva, l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u l-kwalità ta' dawn is-servizzi, l-użu ta' teknoloġiji ġodda u s-sostenibbiltà fiskali tas-servizzi tas-saħħa pubblika.

VI It-tielet parti ta' dan il-kompendju tal-awditjar fiha skedi informattivi dettaljati għal awditi magħżula li twettqu mit-23 SAI tal-Istati Membri u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

PARTI I – Saħħa pubblika fl-UE

Saħħa pubblika – Ħajja itwal u aktar f'saħħitha

01 Is-saħħa għandha rwol importanti mhux biss f'kull soċjetà moderna fl-intier tagħha, iżda anki għal kull wieħed minna b'mod individwali. Hija fattur importanti, jekk mhux l-aktar importanti, li jiddetermina l-kwalità tal-ħajja.

02 Is-saħħa pubblika, kif iddefinita mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), hija x-xjenza li l-għan tagħha huwa li tipprevieni l-mard, ittawwal il-ħajja u tippromwovi s-saħħa permezz tal-isforzi organizzati tas-soċjetà¹. Hija tinkludi l-attivitajiet kollha li għandhom l-għan li jżommu jew itejbu s-saħħa tan-nies.

03 Minbarra li hija ta' valur fiha nfisha, is-saħħa hija wkoll fattur ekonomiku importanti. Fl-Ewropa, bħal fi kważi l-ekonomiji żviluppati kollha, is-saħħa pubblika hija wieħed mill-akbar oqsma ta' nfiq bl-aktar tkabbir mgħaġġel. Il-ħaddiema tas-saħħa u tal-kura jirrappreżentaw madwar 8 % tal-forza tax-xogħol totali fl-UE².

04 Matul l-aħħar għexieren ta' snin, is-sistemi tas-saħħa Ewropej iffaċċjaw bosta sfidi. Il-popolazzjonijiet li qed jixjieħu wasslu għal domanda li dejjem qed tiżdied għas-servizzi tas-saħħa u fokus aktar qawwi fuq il-kura fit-tul. Il-forniment ta' teknoloġija u ta' trattamenti innovattivi u aktar effettivi fil-qasam tas-saħħa għen biex jittejbu l-kundizzjonijiet tas-saħħa f'ħafna oqsma, iżda f'xi każijiet dan ikkontribwixxa wkoll għal żieda fl-ispejjeż tas-settur tas-saħħa. Fl-istess ħin, ir-riżorsi finanzjarji huma limitati.

05 Is-sistemi tas-saħħa pubblika jridu għalhekk mhux biss ikunu sostenibbli finanzjarjament, iżda wkoll reżiljenti: jeħtieġ li huma jadattaw b'mod effettiv għal ambjent li qed jinbidel dejjem aktar malajr filwaqt li jieħdu vantaġġ mill-possibbiltajiet offruti mit-teknoloġija moderna.

06 Fl-UE, is-sistemi tas-saħħa nazzjonali qed jinteraġixxu dejjem aktar bejniethom, u l-pazjenti kif ukoll il-professjonisti tal-kura tas-saħħa qed isiru dejjem aktar mobbli fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, il-futur tas-saħħa pubblika se jirrikjedi sforzi kkoordinati kemm mill-UE kif ukoll mill-Istati Membri kollha bl-objettiv komuni li l-persuni jgħixu ħajja itwal u aktar f'saħħitha.

¹ Acheson, 1988; il-WHO.

² L-OECD/l-UE (2018), Health at a Glance: Europe 2018: State of Health in the EU Cycle, OECD Publishing, Pariġi/UE, Brussell, https://doi.org/10.1787/health_glance_eur-2018-en

Politika tas-saħħa tal-UE

Il-bażi ġuridika u r-responsabbiltajiet

07 It-**Trattat ta' Maastricht** poġġa s-saħħa fuq l-Aġenda Ewropea u jiddikjara li: “il-Komunità għandha tagħti kontribut biex tiżgura livell għoli ta’ protezzjoni tas-saħħa umana billi tinkoraġġixxi kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk neċessarju, tislef appoġġ għall-azzjonijiet tagħhom”³. Huwa ħejja t-triq għal appoġġ aħjar fil-qasam tal-kura tas-saħħa għall-Istati Membri f’oqsma bħal:

- titjib fis-saħħa taċ-ċittadini tal-UE;
- immodernizzar tal-infrastruttura tas-saħħa;
- tiżiħ tal-effiċjenza tas-sistemi tas-saħħa.

08 It-**Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)** enfażizza wkoll l-importanza tal-politika dwar is-saħħa, u fl-Artikolu 168 jiddikjara li “[...] livell għoli ta’ ħarsien tas-saħħa fiżika u mentali għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni”.

09 F’konformità mat-TFUE, ir-**responsabbiltà primarja** għall-ħarsien tas-saħħa u, b’mod partikolari għas-sistemi tal-kura tas-saħħa **hija f’idejn l-Istati Membri**, u l-azzjonijiet tal-UE għandhom jirrispettaw bis-sħiħ “ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-għoti tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura medika”.

10 Ir-**rwol** prinċipali **tal-UE** huwa għalhekk li tappoġġa, tikkomplementa jew tikkoordina l-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tas-saħħa pubblika. Jenħtieġ li din l-azzjoni tkun partikolarment “[...] diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, lejn il-prevenzjoni tal-mard u l-infirmità tal-bniedem, u li jevitaw il-fonti ta’ periklu għas-saħħa umana”⁴.

³ It-**Trattat ta' Maastricht** (1992), l-Artikolu 129.

⁴ L-Artikolu 168(1) taħt it-Titolu XIV tat-TFUE.

11 Fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, id-**DĠ SANTE** huwa responsabbli għall-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni ġenerali tal-istrateġija dwar is-saħħa. Dan jappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri billi:

- jipproponi leġislazzjoni;
- jipprovdi appoġġ finanzjarju;
- jikkoordina u jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prassi bejn il-pajjiżi tal-UE u l-esperti tas-saħħa;
- jorganizza attivitajiet għall-promozzjoni tas-saħħa.

Objettivi tal-politika

12 L-**objettivi strateġiċi tal-politika tal-UE dwar is-saħħa** kif definiti fil-programm dwar is-saħħa għall-2014-2020⁵ huma:

- il-**promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard u t-trawwim ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa** permezz tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mas-saħħa fil-politiki kollha;
- il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE minn **theddid transkonfinali** serju **għas-saħħa**;
- il-kontribuzzjoni għal **sistemi tas-saħħa** innovattivi, effiċjenti u sostenibbli; u
- il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-**kura tas-saħħa ta' kwalità għolja u sikura** għaċ-ċittadini tal-UE.

13 Il-**prijoritajiet speċifiċi għall-perjodu 2016-2020** tal-Kummissjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika huma, fost oħrajn, li tinkiseb aktar kosteffettività, jiġi indirizzat it-theddid globali emerġenti bħar-reżistenza għall-antimikrobiċi, jiġu indirizzati l-fatturi ta' riskju għal mard li ma jitteħidx u jiġi promoss it-tilqim.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar it-twaqqif tat-tielet Programm għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE.

14 Taħt il-**Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss**, li jkopri l-perjodu 2021-2027, il-Programm tas-Saħħa tal-UE se jkun kopert mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+). Il-proposta attwali tissuġġerixxi l-oġettivi ġenerali li ġejjin: tnejjija għall-kriżi, awtonomizzazzjoni tas-sistemi tas-saħħa, appoġġ għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa u għax-xogħol integrat fuq in-Netwerks Ewropej ta' Referenza (ERNs), Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa, u l-implimentazzjoni tal-aħjar prassi u innovazzjoni fis-saħħa pubblika.

Finanzjament

15 Il-politika tal-UE dwar is-saħħa tista' tiġi ffinanzjata taħt strumenti differenti. L-istrument prinċipali ddedikat esklussivament għas-saħħa huwa l-**programm tas-saħħa tal-UE**, b'baġit ta' madwar EUR 450 miljun għall-perjodu 2014-2020. Dan jiffinanzja inizjattivi fil-qasam tal-promozzjoni tas-saħħa, is-sigurtà tas-saħħa u l-informazzjoni dwar is-saħħa.

16 Strumenti oħra li jistgħu jiffinanzjaw ukoll attivitajiet relatati mas-saħħa huma:

- il-programm ta' riċerka **Orizzont 2020**, li jappoġġa proġetti f'oqsma bħall-bijoteknoloġija u t-teknoloġiji mediċi;
- il-**politika ta' koeżjoni tal-UE**, li tappoġġa investimenti fis-saħħa f'pajjiżi u f'reġjuni tal-UE;
- il-**Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi**.

Saħħa pubblika fl-Istati Membri tal-UE

17 Għalkemm ibbażati fuq valuri komuni – b'mod partikolari, l-ugwaljanza, l-aċċess universali għal kura ta' kwalità tajba u s-solidarjetà⁶ – is-sistemi tas-saħħa fl-Istati Membri tal-UE jvarjaw konsiderevolment.

⁶ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar valuri u prinċipji Komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 146, 22.6.2006.

18 Jeżistu differenzi bażiċi bejn is-sistemi tas-saħħa f'termini tal-mod kif dawn jiġu ffinanzjati u pprovduti. Fl-UE tista' ssir distinzjoni bejn tliet mudelli differenti ta' metodu ta' finanzjament⁷:

- il-**"mudell Beveridge"** huwa sistema pubblika ffinanzjata mit-taxxa li normalment tipprovdi kopertura universali u tiddependi fuq ir-residenza jew iċ-ċittadinanza;
- fis-**"Sistema tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa Soċjali"**, jew il-**"mudell Bismarck"**, il-kura tas-saħħa hija ffinanzjata permezz ta' kontribuzzjonijiet obligatorji tas-sigurtà soċjali, normalment minn impjegaturi u impjegati;
- il-**"mudell imħallat"** huwa bbażat fuq finanzjament privat minn skemi volontarji ta' assicurazzjoni jew pagamenti mill-but.

19 Fl-2016, il-Kummissjoni niedet, f'kooperazzjoni mal-OECD, l-inizjattiva "L-Istat tas-Saħħa fl-UE", li għandha l-għan li tassisti lill-Istati Membri biex itejbu l-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa tagħhom. Taħt din l-inizjattiva, fl-2018, il-Kummissjoni ppubblikat l-analiżi **"Health at a Glance"**, li tqabbel id-*data* pprovduta mill-Istati Membri kollha mal-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa rispettivi tagħhom.

20 L-analiżi tiffoka fuq kwistjonijiet bħall-azzjoni preventiva, l-aċċess għas-sistemi tas-saħħa u l-effettività tagħhom, kif ukoll is-sostenibbiltà fiskali. Il-konklużjonijiet prinċipali tar-rapport huma miġbura fil-**Figura 1**:

⁷ Il-Kumitat Ewropew tar-Regjuni: The Management of health systems in the EU Member States.

Figura 1 – Favur investment aktar intelliġenti fil-qasam tas-saħħa



Sors: il-Kummissjoni Ewropea, State of Health in the EU, Factsheet on the report Health at a Glance: Europe 2018 (l-OECD u l-Kummissjoni Ewropea).

Prevenzjoni u protezzjoni

21 Il-prevenzjoni tal-mard tinvolvi interventi li għandhom l-għan li jimminimizzaw il-piż tal-mard u l-fatturi ta' riskju assoċjati tagħhom⁸.

22 Din tista' tiġi kkategorizzata kif ġej:


- il-prevenzjoni primarja għandha l-għan li tipprevjeni l-mard qabel ma jseħħ;
- il-prevenzjoni sekondarja hija l-identifikazzjoni bikrija tal-mard;
- il-prevenzjoni terzjarja għandha l-għan li tnaqqas l-impatt tal-mard.

⁸ Il-WHO, 2017.

23 Fl-2016 huwa stmat li **790 000 persuna fl-UE mietu b'mod prematur** minħabba t-tipjip, il-konsum tal-alkoħol, dieti ħżiena għas-saħħa u nuqqas ta' attività fizika⁹ – ħajjiet li potenzjalment setgħu ġew salvati li kieku saret enfasi aktar qawwija fuq il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni.

24 B'mod partikolari, il-mard li ma jitteħidx (eż. mard kardjovaskulari, il-kanċer, il-marda ta' Alzheimer jew id-dijabete) jirrappreżenta proporzjon għoli ta' mwiet prematuri u jwassal għal infiq oġġla fil-qasam tas-saħħa. Dawn l-imwiet ħafna drabi jistgħu jiġu evitati billi sempliċiment jiġu eliminati l-fatturi ta' riskju prinċipali li jikkawżawhom (eż. it-tniġġis, it-tipjip, in-nuqqas ta' attività fiżika jew il-konsum tal-alkoħol) (ara l-**Figuri 2, 3 u 4**). Dan huwa partikolarment minnu għall-UE, peress li għadha r-reġjun bl-oġġla konsum tal-alkoħol fid-dinja. L-Ewropej jixorbu madwar 10 litri ta' alkoħol fis-sena. Barra minn hekk, madwar 20 % tal-adulti fl-UE jpejpu kuljum.


Figura 2 – Konsum ġenerali tal-alkoħol fost l-adulti
(2016 jew l-aħħar sena disponibbli)



Sors: Statistika tal-OECD dwar is-Saħħa.


⁹ L-OECD/l-UE (2018), Health at a Glance: Europe 2018: State of Health in the EU Cycle, OECD Publishing, Parigi/UE, Brussell, https://doi.org/10.1787/health_glance_eur-2018-en

Figura 3 – Rati ta' Tipjip ta' Kuljum fost l-adulti (2016 jew l-aħħar sena disponibbli)



Sors: Statistika tal-OECD dwar is-Saħħa.

Figura 4 – Mortalità attribwita għall-effetti konġunti tat-tniġġis tal-arja fl-unitajiet domestiċi u fl-ambjent (għal kull 100 000 abitant, 2016)



Sors: Statistika tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).

25 Għalkemm il-prevenzjoni għandha rwol ewlieni mhux biss biex jiġu salvati l-ħajjiet iżda wkoll f'dak li jirrigwarda l-iffrankar tal-**flus**, għall-inqas fit-tul, attwalment din **tammonta biss għal madwar 3 %** tan-nefqa totali tas-saħħa¹⁰.

¹⁰ L-OECD/I-UE (2018), Health at a Glance: Europe 2018: State of Health in the EU Cycle, OECD Publishing, Pariġi/UE, Brussell, https://doi.org/10.1787/health_glance_eur-2018-en

26 Il-prevenzjoni hija wkoll qasam ikkaratterizzat minn **inugwaljanzi sinifikanti** fil-biċċa l-kbira jekk mhux fl-Istati Membri kollha. Il-probabbiltà li persuna tibbenefika minn miżuri ta' prevenzjoni tas-saħħa hija korrelatata ħafna mal-edukazzjoni u/jew mal-istatus soċjoekonomiku, pereżempju:

- 20 % tal-adulti b'livell aktar baxx ta' edukazzjoni huma obeżi meta mqabbla mat-12 % ta' dawk b'edukazzjoni ta' livell ogħla;
- l-adulti li għandhom dħul aktar baxx huma anqas probabbli li jiksbu l-attività fiżika rakkomandata ta' 150 minuta kull ġimgħa u huma aktar probabbli li jpejpu b'mod regolari.

27 Sabiex jitnaqqas in-numru ta' mwiet prematuri u biex in-nies ikunu jistgħu jgħixu ħajja itwal filwaqt li jibqgħu f'saħħa tajba, jeħtieġ li l-enfasi **tinbidel minn fuq il-kura tal-mard għal fuq il-prevenzjoni tiegħu**.

28 Għalhekk, l-UE niedet, fi snin reċenti, bosta inizjattivi li jiffukaw speċifikament fuq il-prevenzjoni (ara l-**Kaxxa 1**).

Kaxxa 1

Inizjattivi tal-UE fil-qasam tal-prevenzjoni tas-saħħa

Prevenzjoni permezz tal-informazzjoni

L-oġettiv prinċipali tal-azzjoni tal-UE fir-rigward tal-prevenzjoni tas-saħħa huwa li tiġi pprovduta biżżejjed informazzjoni rilevanti biex il-konsumaturi jkun jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati tajjeb.

Biex tindirizza l-**obeżità**, fl-2007, il-Kummissjoni Ewropea adottat "Strateġija dwar kwistjonijiet tas-saħħa relatati man-nutrizzjoni, il-piż żejjed u l-obeżità" u niedet għadd ta' inizjattivi speċifiċi fl-istess qasam. Waħda minn dawn l-inizjattivi kienet l-istabbiliment tal-qafas legali għal indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa (eż. "kontenut baxx ta' xaħam" jew "kalċju għal għadam u snien f'saħħithom"). Fil-prattika, dan ipprojbixxa kwalunkwe indikazzjoni dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa fuq it-tikketti tal-ikel jew fir-reklami tal-ikel li ma kinux ċari, preċiżi jew ibbażati fuq evidenza xjentifika (ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006¹¹).

¹¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppubblikat Pjan ta' Azzjoni dwar l-Obeżità fit-Tfal¹², li jipproponi oqsma prinċipali għal azzjoni u sett ta' għodod possibbli biex jiġu indirizzati l-piż żejjed u l-obeżità fit-tfal u fiż-żgħażaġħ sal-2020.

Id-Direttiva tal-UE tal-2014 dwar il-Prodotti tat-Tabakk¹³ għamlet it-twissija dwar is-saħħa fuq it-**tabakk** u fuq il-prodotti relatati tiegħu obbligatorji, u pprojbiet l-elementi promozzjonali jew qarrieqa kollha fuq l-imballaġġ.

29 Fuq livell aktar ġenerali, fl-2018, il-Kummissjoni Ewropea waqqfet Grupp ta' Tmexxija dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa, il-Prevenzjoni tal-Mard u l-Ġestjoni ta' Mard li Ma Jitteħidx biex jappoġġa lill-pajjiżi li għandhom l-għan li jilħqu l-miri tas-saħħa tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari t-tielet għan "saħħa tajba u benesseri". Il-Grupp ta' Tmexxija jipprovdi pariri u għarfien espert lill-Kummissjoni fil-qasam tal-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni.

30 L-Istati Membri ħadu diversi azzjonijiet biex jindirizzaw il-fatturi ta' riskju prinċipali għas-saħħa:

- biex jitnaqqas it-**tipjip**, dawn il-miżuri inkludew kampanji ta' sensibilizzazzjoni, taxxi biex jiżdiedu l-prezzijiet, leġislazzjoni dwar l-ambjent mingħajr tipjip u restrizzjonijiet fuq ir-reklamar;
- biex jitnaqqsu r-riskji relatati mal-**konsum tal-alkoħol**, ħafna Stati Membri llimitaw l-aċċess tal-adolesxenti għal prodotti alkoħoliċi, żiedu l-prezzijiet u introduċew regolamenti aktar stretti għar-reklamar. Il-pajjiżi kollha tal-UE stabbilew livelli massimi ta' konċentrazzjoni ta' alkoħol fid-demm għas-sewwieqa;
- **L-obeżità** – għadd dejjem jikber ta' Stati Membri ħadu miżuri biex jippromwovu stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa u b'hekk jipprevjenu jew inaqqsu l-**obeżità** fost iċ-ċittadini tagħhom. Waħda minn dawn il-miżuri kienet li tingħata informazzjoni aħjar dwar in-

¹² EU Action Plan on Childhood Obesity 2014-2020, 24 ta' Frar 2014 [aġġornat fit-12 ta' Marzu u fit-28 ta' Lulju 2014].

¹³ Id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE.

nutrizzjoni biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu għażliet tajbin għas-saħħa, eż. tikkettar tal-ikel jew restrizzjonijiet fuq ir-reklamar tal-ikel li jkun immirat lejn it-tfal.

- Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri jimpenjaw infushom ukoll li jieħdu miżuri biex jitnaqqas it-**tniġġis tal-arja** billi l-għadd ta' mwiet fl-UE minħabba l-arja mniġġsa għadu jammonta għal 400 000 persuna fis-sena.¹⁴

Aċċess għall-kura tas-saħħa

31 L-aċċess universali għall-kura tas-saħħa huwa ddefinit bħala d-**disponibbiltà tas-servizzi tas-saħħa fil-ħin, fil-post u bil-prezz it-tajjeb**. Din hija waħda mill-prekundizzjonijiet l-aktar importanti għall-ugwaljanza fis-settur tas-saħħa.

32 Id-dritt ta' aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità tajba huwa minqux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (l-Artikolu 35) u konsegwentement huwa wieħed mill-prinċipji gwida tas-sistemi tas-saħħa fl-UE. Barra minn hekk, huwa wieħed mill-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-NU (it-tielet għan).

33 L-aċċessibbiltà għall-kura tas-saħħa tiġi ġeneralment imkejla bl-użu tal-indikatur "għadd ta' persuni li jiddikjaraw ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa mhux issodisfati". Il-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa ma jiġux issodisfati jekk is-servizzi mitluba ma jkunux disponibbli fil-ħin, fil-post it-tajjeb jew, fil-każ ta' sistemi tas-saħħa li jkunu tal-anqas parzjalment iffinanzjati mill-privat, bi prezz affordabbli.


34 B'mod ġenerali, l-aċċess għall-kura tas-saħħa fl-UE huwa garantit. Fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri, il-maġġoranza l-kbira taċ-ċittadini (ferm aktar minn 90 %) ma jirrapportawx ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa mhux issodisfati, u l-proporzjon tan-nies li jirrapportaw kwalunkwe ħtieġa mhux issodisfata ta' dan it-tip naqas aktar matul l-aħħar 10 snin (ara l-**Figuri 5 u 6**).

35 L-aċċess għall-kura tas-saħħa huwa, madankollu, mhux distribwit b'mod ugwali u l-**inugwaljanzi jipersistu** mhux biss bejn pajjiżi differenti iżda wkoll bejn reġjuni u bejn gruppi b'introjtu differenti fil-pajjiżi:

¹⁴ Ara r-**Rapport Speċjali Nru 23/2018** tal-QEA: It-tniġġis tal-arja: Saħħitna għadha mhix qed tiġi protetta biżżejjed.


- il-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa mhux issodisfati għadhom problema fl-Estonja u fil-Greċja, fejn aktar minn 10 % taċ-ċittadini rrapportaw ħtieġa tal-kura tas-saħħa mhux issodisfata fl-2016;
- il-probabbiltà ta' ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa mhux issodisfati hija ħames darbiet ogħla għal familji bi dħul baxx;
- żoni rurali u remoti huma spiss ikkaratterizzati minn nuqqas ta' tobba tal-familja, u ż-żmien ta' stennija għal kirurġija mhux ta' emerġenza żdied f'ħafna Stati Membri tal-UE fi snin reċenti.

Figura 5 – Ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati skont l-istatus soċjoekonomiku, l-Istati Membri kollha tal-UE (2008-2016)



Sors: Bażi ta' Data tal-Eurostat.

Figura 6 – Tobba prattikanti għal kull 1 000 ċittadin



* Id-*data* tirreferi għat-tobba kollha liċenzjati biex jipprattikaw, li tirriżulta fi stimar eċċessiv ħafna tal-għadd ta' tobbja prattikanti (eż. ta' madwar 30 % fil-Portugall).

** Id-*data* ma tinkludix biss tobbja li jipprovdu kura diretta lill-pazjenti, iżda tinkludi wkoll lil dawk li jaħdmu fis-settur tas-saħħa bħala maniġers, edukaturi, riċerkaturi, eċċ. (li jirrappreżenta 5-10 % oħra ta' tobbja addizzjonali).

Sors: Health at a Glance: Europe 2018 (l-OECD u l-Kummissjoni Ewropea).

36 Fil-livell tal-UE, id-*data* dwar l-aċċessibbiltà tas-servizzi tas-saħħa tiġi mmonitorjata regolarment. Fl-2016, il-Kummissjoni stabbiliet grupp ta' esperti dwar l-aċċessibbiltà, fost kwistjonijiet oħra.

37 It-titjib tal-aċċess għall-kura tas-saħħa, madankollu, jaqa' primarjament taħt ir-**responsabbiltà tal-Istati Membri**. Huma ħadu għadd ta' miżuri biex itejbu l-aċċess għall-kura tas-saħħa, bħal¹⁵:

- tiżiħ tal-kura primarja, inkluż koordinazzjoni aħjar bejn il-kura primarja u dik speċjalizzata;
- kopertura akbar tas-servizzi tas-saħħa, biex b'hekk jitnaqqsu l-pagamenti mill-but;
- pagi ogħla għall-impjegati fis-settur tas-saħħa;
- benefiċċji finanzjarji għal tobbja f'żoni mingħajr kopertura suffiċjenti, jiġifieri f'żoni remoti u rurali.

¹⁵ Skeda Informattiva Tematika tas-Semestru Ewropew: Sistemi tas-Saħħa.

38 Ittieħdu wkoll miżuri speċifiċi biex jiġi żgurat l-aċċess għall-kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor tal-UE (ara l-**Kaxxa 2**).

Kaxxa 2

Kura tas-saħħa transkonfinali fl-UE

Il-kura tas-saħħa transkonfinali – x'inhuma l-benefiċċji għaċ-ċittadini tal-UE?

Id-Direttiva tal-UE dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali, li ġiet adottata fl-2011, tistabbilixxi l-qafas legali għaċ-ċittadini tal-UE li jfittxu kura tas-saħħa fi Stat Membru tal-UE għajr dak fejn huma jkunu residenti.

Dan jagħti liċ-ċittadini tal-UE, li jkunu jixtiequ jfittxu kura barra mill-pajjiż, l-aċċess għal kura tas-saħħa sikura u ta' kwalità għolja fi Stat Membru ieħor tal-UE, filwaqt li jiġu rimborżati l-istess ammont li jirċievu kieku ġew trattati fil-pajjiż tar-residenza tagħhom.

Barra minn hekk, inħolqu Punti ta' Kuntatt Nazzjonali fl-UE kollha, sabiex jipprovdu informazzjoni dwar il-kura tas-saħħa disponibbli fl-Istati Membri differenti tal-UE u dwar il-kundizzjonijiet li taħthom jiġu rimborżati dawn is-servizzi.

Għalkemm il-mobbiltà tal-pazjenti tibqa' influwenzata ħafna mill-prossimità kulturali u ġeografika, il-kooperazzjoni fil-kura tas-saħħa transkonfinali tirrappreżenta pass importanti fl-espansjoni tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tas-saħħa.


Il-kwalità tas-servizzi tas-saħħa

39 Is-sistemi tas-saħħa ta' kwalità jilħqu l-oġettiv aħħari tagħhom li jżommu jew li jtejbu b'mod effettiv is-saħħa taċ-ċittadini. L-effettività tas-sistemi tas-saħħa spiss titkejjel abbażi tar-rati ta' mortalità evitabbli permezz tal-kura tas-saħħa (imwiet li setgħu jiġu evitati permezz ta' interventi tas-saħħa f'waqthom u ta' kwalità). L-indikaturi alternattivi huma l-istennija tal-għomor jew "indikaturi inqas stretti" bħall-esperjenza tal-pazjent jew il-kwalità tal-ħajja wara l-irkupru minn marda jew korriment.

40 Il-kunċett ta' rati ta' mortalità evitabbli permezz tal-kura tas-saħħa huwa marbut mill-qrib mal-kunċett ta' mortalità evitabbli permezz tal-prevenzjoni (imwiet li jistgħu jiġu evitati permezz tas-saħħa pubblika u l-prevenzjoni). Il-mortalità evitabbli permezz tal-prevenzjoni u l-mortalità evitabbli permezz tal-kura tas-saħħa flimkien jagħmlu r-rati ta' mortalità evitabbli. Fl-2015, aktar minn 1.2 miljun persuna mietu b'mod prematur (qabel l-età ta' 75 sena)

minħabba nuqqas ta' politiki dwar is-saħħa pubblika, miżuri preventivi u kura tas-saħħa effettivi. Aktar minn 570 000 minn dawn l-imwiet kienu meqjusa evitabbli permezz tal-kura tas-saħħa (ara l-**Figura 7** għal rati ta' mortalità evitabbli permezz tal-kura tas-saħħa skont il-pajjiż).

Figura 7 – Rati ta' mortalità evitabbli permezz tal-kura tas-saħħa (2015)



* Medja ta' tliet snin (2013-15).


Sors: Statistika tal-OECD dwar is-Saħħa 2018.

41 Matul dawn l-aħħar 10 snin, il-**kwalità tal-kura akuta** għal kundizzjonijiet ta' theddida għall-ħajja tgiebet konsiderevolment fl-UE kollha. Bejn l-2005 u l-2015, l-għadd ta' persuni li jmutu wara li jiġu ammessi fl-isptar naqas bi 30 % għal dawk li jsofru minn infarti mijokardjali akuti u b'20 % għal dawk li jkollhom puplesija. Madankollu, l-inugwaljanzi jippersistu bejn il-pajjiżi kif ukoll bejn sptarijiet differenti fl-istess pajjiż.

42 Fl-UE kollha sar progress konsiderevoli anki fir-rigward tar-**rati ta' sopravivenza għall-kanċer**, prinċipalment permezz tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' skrinjar flimkien ma' kura aktar effettiva u f'waqtha.

43 L-**istennija tal-għomor medja** fl-UE attwalment hija ta' 81 sena (ara l-**Figura 8**). Għalkemm l-istennija tal-għomor għadha qed tiżdied, fi snin reċenti kien hemm tnaqqis, b'mod partikolari fl-Ewropa tal-Punent. Il-kawżi prinċipali tal-imwiet fl-UE kollha jibqgħu l-mard ċirkulatorju u l-kanċer, li flimkien jammontaw għal aktar minn 60 % tal-imwiet kollha.

Figura 8 – L-istennija tal-għomor mat-twelid skont il-ġeneru (2016)



* Medja ta' tliet snin (2014-16).

Sors: Health at a Glance: Europe 2018 (l-OECD u l-Kummissjoni Ewropea).

44 L-istennija tal-għomor tvarja wkoll b'mod konsiderevoli, skont mhux biss il-ġeneru iżda wkoll l-istatus soċjoekonomiku. L-istennija tal-għomor ta' persuni b'livell baxx ta' edukazzjoni hija tmien snin inqas għall-irġiel u erba' snin inqas għan-nisa minn dik ta' persuni b'livell għoli ta' edukazzjoni.

45 Il-kwalità tal-kura u l-effettività tas-sistemi tas-saħħa huma **relatati b'mod qawwi ma' oqsma oħra tas-saħħa pubblika**, b'mod partikolari l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u l-prevenzjoni. Għalhekk, il-miżuri biex titjieb il-kwalità tal-kura jeħtieġu approċċ olistiku.

46 Xi wħud mill-miżuri meħuda fil-livell ta' Stat Membru biex tiżdied il-kwalità tal-kura huma l-użu ta' teknoloġija ġdida, bidliet organizzattivi fil-forniment ta' servizzi tas-saħħa u, b'mod ġenerali, fokus fuq kura aktar integrata u individwali.

47 L-evalwazzjoni tar-riżultati ta' dawn il-miżuri, madankollu, tibqa' kumplessa. Għalkemm saru sforzi biex tinġabar id-*data* dwar l-effettività tas-sistemi tas-saħħa, l-informazzjoni dwar indikaturi aktar kwalitattivi bħall-esperjenza tal-pazjent jew il-kwalità tal-ħajja tkompli tkun limitata.

48 Il-Kummissjoni Ewropea appoġġat l-iżvilupp ta' Indikaturi Bażiċi tas-Saħħa Ewropej (ECHI), li huma sett ta' indikaturi li jimmonitorjaw l-istatus tas-saħħa taċ-ċittadini tal-UE u l-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa tal-UE. Hija niedet ukoll is-serje "Health at a glance" f'kooperazzjoni mal-OECD.

49 Barra minn hekk, il-Kummissjoni waqqfet Grupp ta' Esperti dwar il-Valutazzjoni tal-Prestazzjoni tas-Sistemi tas-Saħħa biex tippovdi lill-pajjiżi tal-UE forum għall-iskambju ta' esperjenzi f'dan il-qasam u biex tappoġġa lil dawk li jfasslu l-politika nazzjonali billi tiżviluppa għodod u metodoloġiji ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-sistema tas-saħħa f'kooperazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħal-WHO u l-OECD.

Teknoloġiji ġodda u Saħħa elettronika

50 Is-saħħa elettronika, jew is-saħħa diġitali, tista' tiġi ddefinita bħala **l-għodod u s-servizzi kollha li jużaw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni** biex jitjiebu l-prevenzjoni, id-dijanjożi, it-trattament, il-monitoraġġ jew il-ġestjoni tas-saħħa.


51 It-teknoloġiji ġodda joffru kisbiet potenzjali enormi f'termini ta' effiċjenza u tal-kwalità ta' prevenzjoni u tas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Attwalment, l-użi prinċipali tat-teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-saħħa huma:

- rekords mediċi elettroniċi: rekords mediċi kompjueterizzati maħluqa minn u idealment kondiviżi bejn fornituri tas-servizzi tas-saħħa differenti;
- ePrescribing (preskrizzjonijiet elettroniċi): ġenerazzjoni, trażmissjoni u arkivjar ta' preskrizzjonijiet mediċi permezz tal-kompjuter;
- informazzjoni dwar is-saħħa online;
- l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa (eż. biex isiru l-appuntamenti) permezz tal-Internet.

52 Għalkemm l-użu ta' teknoloġiji ġodda fis-saħħa pubblika qed jiżdied fl-UE kollha, għad hemm disparitajiet bejn il-grupp ta' etajiet u l-grupp soċjoekonomiku.

53 Ir-**rekords mediċi elettroniċi** ġew promossi f'ħafna Stati Membri u l-użu tagħhom qed jiżdied fl-UE kollha. Stħarriġ li sar fi 15-il Stat Membru juri li medja ta' 80 % tat-tobba fil-kura primarja f'dawn il-pajjiżi użaw rekords mediċi elettroniċi fl-2016 (ara l-**Figura 9**). Fil-biċċa l-kbira minn dawn il-pajjiżi, il-pazjenti għandhom aċċess għar-rekords mediċi tagħhom stess u, f'xi wħud minnhom, il-pazjenti jistgħu wkoll iżidu jew jimmodifikaw l-informazzjoni li jkun fihom.

Figura 9 – Perċentwal ta' tobba fil-kura primarja li jużaw rekords mediċi elettroniċi (2016)



Sors: OECD Survey of Electronic Health Record System Development and Use.

54 Għall-**preskrizzjoni elettronika**, is-sitwazzjoni hija aktar varjata, xi pajjiżi bħall-Finlandja, l-Iżvezja, id-Danimarka, il-Portugall u Spanja għandhom rata ta' preskrizzjoni elettronika ta' kważi 100 %, filwaqt li f'pajjiżi oħra din ma ġietx implimentata (ara l-**Figura 10**). Madankollu, il-preskrizzjonijiet elettroniċi għandhom iżidu fl-importanza hekk kif 22 Stat Membru tal-UE huma mistennija jiskambjaw sommarji tal-pazjenti u/jew preskrizzjonijiet elettroniċi sa tmiem l-2021.

Figura 11 – Saħħa diġitali

Saħħa u Kura Diġitali



TRASFORMAZZJONI TAS-SAĦĦA U TAL-KURA FIS-SUQ UNIKU DIĠITALI - Ji ġi s'fruttat il-potenzjal tad-*data* għall-awtonomizzazzjoni ta' ċittadini u għall-bini ta' soċjetà aktar f'saħħha



Sors: il-Kummissjoni Ewropea.

56 F'April 2018, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni dwar l-iffaċilitar tat-trasformazzjoni diġitali tal-kura u tas-saħħa, li tidentifika tliet oqsma ta' prijetà differenti (ara l-Figura 11):

- **Aċċess sikur għad-*data* u l-kondiviżjoni tagħha.** Biex tiffaċilita aċċess akbar għall-kura tas-saħħa transkonfinali, il-Kummissjoni qed tiżviluppa infrastruttura ta' servizz diġitali fil-qasam tas-saħħa elettronika, li se tippermetti l-iskambju ta' preskrizzjonijiet elettroniċi u sommarji tal-pazjenti bejn il-fornituri tal-kura tas-saħħa. L-ewwel skambji transkonfinali bdew fl-2019. Fuq terminu itwal, il-Kummissjoni qed taħdem biex timplimenta format Ewropew ta' skambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE.
- **Konnessjoni u kondiviżjoni ta' *data* dwar is-saħħa** għar-riċerka, għad-dijanjożi rapida u għal titjib fis-saħħa. L-infrastruttura diġitali Ewropea tas-saħħa deċentralizzata hija ppjanata li tiffaċilita d-dijanjożi u t-trattament imfassla apposta, tgħin lis-servizzi tas-saħħa jkunu ppreparati aħjar biex jirreaġixxu għal theddid transkonfinali għas-saħħa, u ttejjeb l-iżvilupp u s-sorveljanza ta' prodotti mediċi.

- **Tiżiż fl-awtonomizzazzjoni ta' ċittadini** u fil-kura individwali permezz ta' servizzi diġitali. Is-servizzi diġitali jistgħu jtejjbu l-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kundizzjonijiet kroniċi, u jippermettu li l-pazjenti jipprovdu feedback lill-fornituri tal-kura tas-saħħa.

57 Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha rwol importanti fl-appoġġ li tagħti lill-Istati Membri biex jużaw teknoloġiji moderni fil-qasam tas-saħħa u fil-koordinazzjoni tal-isforzi nazzjonali (ara l-**Kaxxa 3**).

Kaxxa 3

Inizjattivi tas-saħħa elettronika

Fi Frar 2019, il-Kummissjoni ppreżentat sett ta' rakkomandazzjonijiet għall-ħolqien ta' sistema sikura li tippermetti li-ċittadini jaċċessaw il-fajls tas-saħħa elettroniċi tagħhom fl-UE kollha.

Din is-sistema l-ġdida tkun tibni fuq inizjattivi eżistenti biex jiġu skambjati r-rekords tas-saħħa, billi tinkludi l-iskambju ta' testijiet tal-laboratorju, rapporti ta' ħruġ mill-isptar u rapporti tal-immaġnijiet.

Il-benefiċċji għaċ-ċittadini tal-UE huma, fost affarijiet oħra:

- aċċess immedjat għar-rekords mediċi tagħhom waqt li jkunu barra mill-pajjiż, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;
- żieda fil-kwalità u kontinwità tal-kura għaċ-ċittadini li jmorru jgħixu barra mill-pajjiż;
- opportunitajiet ġodda ta' riċerka permezz tal-kondiviżjoni ta' *data* dwar is-saħħa (suġġett għall-kunsens tal-pazjent);
- kisbiet fl-effiċjenza billi tiġi evitata r-ripetizzjoni ta' testijiet tal-laboratorju jew tar-radjoloġija.


Sostenibbiltà fiskali u aspetti finanzjarji oħra

58 Is-sostenibbiltà fiskali hija waħda mill-isfidi prinċipali tas-saħħa pubblika li l-Istati Membri qed jiffaċċjaw. Bi spiża ta' madwar EUR 1.5 triljun (2016), is-saħħa hija waħda mill-elementi tan-nefqa pubblika tal-UE l-aktar importanti u li qed tiżdied b'rata mgħaġġla¹⁶.

¹⁶ Skeda Informattiva tas-Semestru Ewropew: Sistemi tas-saħħa.


59 Fl-2017, in-nefqa fuq is-saħħa kienet tirrappreżenta 9.6 % tal-PDG tal-UE, meta mqabbla mat-8.8 % fl-2008, u n-nefqa fuq is-saħħa *per capita* kienet ta' EUR 2 773 fl-2017 (ara l-**Figuri 12 u 13**).

Figura 12 – In-nefqa tas-saħħa bħala sehem mill-PDG (2017)



Sors: Statistika tal-OECD dwar is-Saħħa 2018.

Figura 13 – In-nefqa tas-saħħa *per capita* (2017)




Sors: Statistika tal-OECD dwar is-saħħa.

60 In-nefqa tas-saħħa hija prevista li tiżdied aktar, fil-biċċa l-kbira minħabba **bidliet demografiċi** flimkien ma' **spejjeż ogħla** għal teknoloġiji ġodda fil-mediċina u fil-kura.

61 Fl-istess ħin, in-nefqa fuq is-saħħa qed tiġi dejjem aktar skrutinizzata minħabba riżorsi finanzjarji limitati. Minħabba li f'żewġ terzi tal-Istati Membri **aktar minn 70 % tan-nefqa tas-saħħa hija ffinanzjata minn fondi pubbliċi**, is-sostenibbiltà ta' sistema tas-saħħa hija marbuta mill-qrib mas-sitwazzjoni ekonomika tal-Istat Membru u tal-UE kollha kemm hi.

62 Sistemi tas-saħħa li jkunu finanzjarjament sostenibbli jirrikjedu wkoll li jiġi identifikat l-iffrankar potenzjali. Attwalment, sa **20 % tan-nefqa fuq is-saħħa hija stmata li tista' tiġi evitata** u, għalhekk, tista' tintuża aħjar bnadi oħra¹⁷. Tnejn mill-oqsma spiss assoċjati mal-iffrankar potenzjali huma l-isptarijiet (b'mod partikolari l-għadd ta' sodod fl-isptar (ara l-**Figura 14**) jew il-permanenzi evitabbli fl-isptar) u l-farmaċewtiċi (eż. l-għażla, l-akkwist u l-ipprezzar subottimali).

Figura 14 – Sodod fl-isptar għal kull 1 000 abitant (2016)



Sors: Statistika tal-OECD dwar is-saħħa.

63 Relatata mill-qrib mas-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistemi tas-saħħa hija l-kwistjoni tar-reżiljenza tagħhom, iddefinita bħala l-kapaċità tagħhom li jirreaġixxu b'mod xieraq għal bidliet. B'mod partikolari, il-bidliet demografiċi fis-soċjetà moderna mhux biss se jirrikjedu żieda fis-servizzi tas-saħħa offruti, iżda wkoll trasformazzjoni hekk kif il-kura tas-saħħa akuta bbażata fl-isptar tagħti lok għal kura fuq terminu itwal li tkun aktar iċċentrata fuq in-nies fil-komunità.

¹⁷ L-OECD; Tackling Wasteful Spending on Health; Jannar 2017.

64 Il-Kummissjoni Ewropea enfasizzat kontinwament il-**ħtieġa ta' riforma fis-sistemi tas-saħħa pubblika** biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà filwaqt li jinżamm aċċess universali għal kura ta' kwalità tajba. Hija tappoġġa lill-Istati Membri f'dan ix-xogħol billi tipprovdi analiżijiet, linji gwida u għodod ta' monitoraġġ jew evalwazzjoni, u tirrakkomanda riformi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

65 Barra minn hekk, il-Kummissjoni waqqfet bord ta' esperti indipendenti biex jipprovdu pariri dwar l-investiment fis-saħħa u introduċiet għadd ta' inizjattivi biex isaħħu l-effettività u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali, u b'hekk iżidu s-sostenibbiltà tagħhom. Inizjattiva waħda ta' dan it-tip hija l-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa, approċċ xjentifiku għall-evalwazzjoni tal-effettività tat-teknoloġiji tas-saħħa. L-Istati Membri jikkooperaw permezz ta' netwerk¹⁸ biex titnaqqas id-duplikazzjoni tax-xogħol fil-livell nazzjonali.

66 B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni tappoġġa wkoll l-isforzi magħmula mill-Istati Membri biex jikkoordinaw l-inizjattivi tagħhom fil-qasam tar-riċerka u tas-saħħa elettronika sabiex tiżdied l-effiċjenza u jiġu ffrankati l-ispejjeż. Dan huwa appoġġat minn finanzjament mogħti mill-UE prinċipalment taħt il-programm Orizzont 2020 u l-programmi ta' riċerka sussegwenti.

67 Fl-UE kollha, l-Istati Membri għamlu **sforz kontinwu biex jirrifirmaw** is-sistemi tas-saħħa tagħhom sabiex jagħmluhom mhux biss aktar effettivi iżda wkoll finanzjarjament sostenibbli u reżiljenti.

68 Filwaqt li diġà sar progress f'xi oqsma, bħall-iffrankar fir-rigward tal-isptarijiet, dan il-proċess se jkun il-fokus tas-saħħa pubblika għas-snin li ġejjin.

¹⁸ Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali.

PARTI II – Ħarsa ġenerali lejn ix-xogħol imwettaq mis-SAls

Introduzzjoni

69 Din il-parti tal-kompendju tal-awditjar tiġbor fil-qosor ir-riżultati ta' awditi magħżula li twettqu minn 23 SAI tal-Istati Membri li kkontribwew¹⁹ u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Metodoloġija tal-awditjar

70 Is-SAIs iwettqu l-awditi tagħhom skont l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar u l-istandards rilevanti ta' implimentazzjoni żviluppati fil-livell nazzjonali biex tiġi żgurata l-kwalità tax-xogħol tal-awditjar u tar-rapporti.

71 Il-metodoloġija u l-proċeduri tal-awditjar intgħażlu u ġew applikati biex jiġi żgurat li l-kompiti tal-awditjar jitwettqu bl-aktar mod effettiv possibbli.

72 L-evidenza tal-awditjar inġabret permezz ta' analiżi ta' dokumenti u ta' *data* (statistika), kif ukoll permezz ta' intervisti mal-awtoritajiet nazzjonali u dawk reġjonali jew mal-benefiċjarji. Fejn rilevanti, dan kien ikkomplementat minn stħarriġ biex jinkisbu opinjonijiet minn grupp akbar u/jew usa' ta' risponenti. Metodi oħra użati kienu l-ittestjar dirett, l-istudji ta' każijiet u l-valutazzjoni komparattiva.

Perjodu awditjat

73 L-effetti tal-miżuri strutturali u dawk tal-impatt tal-programmi spiss ikunu diffiċli biex jiġu awditjati fi stadju bikri. L-awditi koperti f'dan il-kompendju ffukaw fuq programmi pluriennali li ġew implimentati bejn l-2011 u l-2019.

74 It-**Tabella 1** tippreżenta ħarsa ġenerali lejn l-oqsma prinċipali ta' prijorità tax-xogħol tal-awditjar imwettaq mis-SAIs.

¹⁹ L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Ungerija.

Tabella 1 – Ħarsa ġenerali lejn ix-xogħol tal-awditjar imwettaq mis-SAIs tal-UE rifless f'dan il-kompendju tal-awditjar

SAI	Titolu tal-awditu	Qasam prinċipali ta' prijorità				
		Prevenzjoni u protezzjoni	Aċċess għas-servizzi tas-saħħa	Kwalità tas-servizzi tas-saħħa	Teknoloġiji ġodda u Saħħa elettronika	Sostenibbiltà fiskali u aspetti finanzjarji oħra
L-Awstrija	Aċċertament tal-kwalità għall-prattikanti indipendenti tas-saħħa			✓		
Il-Belġju	Politika Fjamminga dwar is-saħħa preventiva – valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-politika	✓				
Il-Bulgarija	Saħħa elettronika				✓	
Id-Danimarka	Differenzi fil-kwalità tal-kura fl-isptarijiet Daniżi			✓		
L-Estonja	Attivitajiet tal-Istat fl-implimentazzjoni tas-sistema tas-saħħa elettronika				✓	
Il-Finlandja	Projezzjoni tax-xejra għan-nefqa fuq is-sigurtà soċjali					✓
Franza	Prevenzjoni ta' infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa	✓				
Il-Ġermanja	Riċerka fil-qasam tas-saħħa meħtieġa biex jiġi studjat il-valur tat-trattament ortodontiku		✓			
Il-Greċja	Awditjar tal-arretrati tal-Istat rigward l-isptarijiet u l-Istituzzjoni Nazzjonali tal-Kura tas-Saħħa					✓
L-Irlanda	Ġestjoni ta' kirurġija elettiva li titlesta f'għurnata			✓		
L-Italja	L-implimentazzjoni tal-programm straordinarju għar-rinnovament tal-bini u l-immodernizzar teknoloġiku tal-proprjetajiet immobbli ta' istituzzjonijiet tas-saħħa pubblika					✓
Il-Latvja	Il-proġett "Saħħa elettronika fil-Latvja" huwa pass fid-direzzjoni t-tajba?				✓	
Il-Litwanja			✓			
Il-Lussemburgu	Finanzjament ta' investimenti fl-isptarijiet					✓
Malta	Il-funzjoni tat-tabib tal-familja – il-qalba tal-kura tas-saħħa primarja		✓			

SAI	Titolu tal-awditu	Qasam prinċipali ta' prijorità				
		Prevenzjoni u protezzjoni	Aċċess għas-servizzi tas-saħħa	Kwalità tas-servizzi tas-saħħa	Teknoloġiji ġodda u Saħħa elettronika	Sostenibbiltà fiskali u aspetti finanzjarji oħra
Il-Polonja	Il-prevenzjoni u t-trattament tad-dijabete tat-tip 2	✓				
Il-Portugall	L-aċċess taċ-ċittadin għall-kura tas-saħħa fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa tal-Portugall		✓			
Ir-Repubblika Ċeka	Fondi li jintefqu minn sptarjiet magħżula għar-rimborż tal-ispejjeż					✓
Ir-Rumanija	Awditu tal-prestazzjoni fuq l-iżvilupp tal-infrastruttura tas-saħħa fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali biex tiżdied l-aċċessibbiltà għas-servizzi tas-saħħa		✓			
Is-Slovakkja	Il-finanzi pubbliċi u l-proprjetà tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa					✓
Is-Slovenja	L-indirizzar tal-obeżità fit-tfal	✓				
Spanja	Il-ġestjoni u l-kontroll tal-benefiċċji farmaċewtiċi mill-Kumpanija Ġenerali Spanjola tal-Assigurazzjoni Komuni tas-Servizz Ċivili (MUFACE)					✓
L-Ungerija	Analiżi fil-qosor tal-awditjar tal-isptarjiet					✓
Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri	Azzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali: ambizzjonijiet sinifikanti, iżda tenħtieġ ġestjoni aħjar		✓			

Prevenzjoni u protezzjoni

Objettivi tal-awditjar

75 Erba' mill-awditi inklużi f'dan il-kompjendju ffukaw primarjament fuq il-prevenzjoni tal-mard u l-protezzjoni tas-saħħa. Dawn l-awditi jkopru qasam wiesa' ta' suġġetti, li jvarjaw mill-politika ġenerali dwar il-prevenzjoni tal-mard fil-Belġju, għal kwistjonijiet speċifiċi bħall-prevenzjoni tad-dijabete (il-Polonja), l-obeżità fit-tfal (is-Slovenja) u l-infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa (Franza).

76 L-oġġettiv ġenerali ta' dawn l-awditi kien li jiġi vvalutat jekk id-diversi politiki u miżuri sussegwenti kinux imfassla sew u effettivi. Xi awditi taw attenzjoni partikolari lil gruppi tal-popolazzjoni li huma f'riskju ta' privazzjoni.

Osservazzjonijiet prinċipali tal-awditjar

77 L-awditi kollha osservaw nuqqasijiet f'termini ta' prevenzjoni jew protezzjoni tas-saħħa. Pereżempju, l-awditu Belġjan ikkonkluda li l-implimentazzjoni effettiva tal-politika dwar is-saħħa kienet konsiderevolment differenti skont l-oġġettivi tas-saħħa inkwistjoni. L-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni ġeneralment ma kinux orjentati ħafna lejn ir-riżultati u spiss ir-rappurtar kien nieqes minn informazzjoni rilevanti biex jiġi vvalutat l-impatt tal-interventi ffinanzjati. Fl-aħħar nett, ħafna kampanji u interventi ma kinux imfassla apposta biżżejjed għal gruppi żvantaġġati tal-popolazzjoni.

78 Ir-rapport mis-SAI Pollakka ddikjara li, minkejja l-għadd għoli u dejjem jiżdied ta' persuni li jbatu bid-dijabete fil-Polonja, l-ebda strateġija nazzjonali ma kienet ġiet fformulata għall-prevenzjoni jew għall-kura tal-marda.

79 L-awditu tas-Slovenja kkonkluda li l-Ministeri u l-Istitut ikkonċernati kienu tabilħaqq qed jikkontribwixxu biex tiġi indirizzata l-obeżità fit-tfal. Waħda mid-dgħufijiet osservati kienet, madankollu, li l-miżuri u l-attivitajiet iffinanzjati mhux dejjem laħqu t-tfal kollha u b'hekk ma żgurawx trattament ugwali. B'mod ġenerali, l-approċċ sistemiku tal-promozzjoni ta' stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa b'mod ġenerali ġie vvalutat bħala aktar effiċjenti mill-implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi.

80 Is-SAI Franċiża vvalutat l-implimentazzjoni tal-politika għall-prevenzjoni tal-infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa fi Franza bħala li għadha insuffiċjenti. Il-prevalenza tal-infezzjonijiet ma naqsitx aktar mill-2006 'l hawn u r-rappurtar estern dwar dawn l-infezzjonijiet mhuwiex komprensiv. Madankollu, żviluppi reċenti bħall-istabbiliment ta' ċentri ta' kontroll tal-infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa huma kkunsidrati bħala pass fid-direzzjoni t-tajba. Issa, għandhom jittieħdu inizjattivi ġodda biex din il-politika tiġi estiża għas-segmenti kollha tal-attivitajiet tal-kura tas-saħħa u biex titqies kompletament it-theddida tar-reżistenza għall-antibijotiċi.

Aċċess għas-servizzi tas-saħħa

Objettivi tal-awditjar

81 Sitt awditi f'dan il-kompendju vvalutaw l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa. Tlieta minnhom (il-Litwanja, il-Portugall u r-Rumanija) eżaminaw l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa b'mod ġenerali, wieħed (il-Ġermanja) iffoka fuq it-trattament ortodontiku u ieħor (Malta) eżamina r-rwol li t-tabib tal-familja għandu biex jiżgura l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri eżaminat jekk l-azzjonijiet li ttieħdu mill-UE fil-kura tas-saħħa transkonfinali jwasslux benefiċċji għall-pazjenti.

82 Minbarra li ffukat fuq il-prevenzjoni tad-dijabete tat-tip 2, is-SAI Pollakka vvalutat jekk il-pazjenti dijabetiċi kellhomx aċċess għal servizzi speċjalizzati u għall-mediċini tal-aħħar ġenerazzjoni.

83 L-objettivi prinċipali tal-awditi mwettqa kienu li jiġi vvalutat jekk l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u għall-konsultazzjonijiet speċjalizzati kienx garantit, u jekk il-miżuri implimentati biex itejbu l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa kinux effettivi.

84 Iż-żewġ awditi l-aktar speċifiċi kellhom l-għan, rispettivament, li jiksbu ħarsa ġenerali lejn l-ispejjeż u l-proċeduri għat-trattamenti ortodontiċi (il-Ġermanja) u li jaċċertaw sa liema punt it-tobba tal-familja ffaċilitaw l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa (Malta).

Osservazzjonijiet prinċipali tal-awditjar

85 B'mod ġenerali, l-awditi kkonkludew li s-servizzi tas-saħħa mhux dejjem kienu disponibbli fil-ħin u fil-post it-tajjeb jew bi spejjeż affordabbli.

86 L-awditu tal-Litwanja osserva dgħufijiet relatati mal-ġestjoni u mat-tnaqqis tal-listi ta' stennija għas-servizzi tas-saħħa, kif ukoll mal-ippjanar tad-domanda għal speċjalisti fil-kura tas-saħħa.

87 Dan ġie osservat ukoll mill-awditu tas-SAI Portugiża, li kkonkluda li fil-fatt kien hemm żidiet fil-ħinijiet ta' stennija għal konsultazzjonijiet speċjalizzati, u fl-għadd ta' pazjenti fuq il-listi ta' stennija għall-kirurġija, fit-tliet snin mill-2014 sal-2016.

88 Is-SAI Rumena kkonkludiet li l-investimenti fl-infrastruttura fis-settur tas-saħħa laħqu biss parzjalment l-oġġettiv li jiżdied l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa. Id-dgħufijiet prinċipali deskritti fir-rapport kienu relatati mal-prijoritizzazzjoni tal-fondi, il-koordinazzjoni, is-segwitu tal-investimenti, u l-proċeduri ta' akkwist.

89 Ir-rapport tal-awditjar tas-SAI Ġermaniża sab li l-benefiċċji tat-trattamenti ortodontiċi ma kinux ippruvati xjentifikament u li l-pazjenti nfushom spiss kellhom iħallsu għal servizzi u trattamenti ortodontiċi addizzjonali.

90 Ir-rapport tal-awditjar Malti kien aktar pożittiv, billi huwa vvaluta li l-funzjoni tat-tabib tal-familja hija f'konformità mal-miżuri strateġiċi ddefiniti fl-Istrateġija tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa. Madankollu, ġie osservat li espansjoni ulterjuri tal-funzjoni tat-tabib tal-familja biex din issir aktar iċċentrata fuq il-pazjent tkun tirrikjedi bidla fid-distribuzzjoni tal-finanzjament.

91 Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabet li l-Kummissjoni kienet appoġġat tajjeb lill-Istati Membri biex itejbu l-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-pazjenti għall-kura tas-saħħa transkonfinali, iżda kien għad hemm xi lakuni.

92 Is-SAI Pollakka kkonkludiet li l-aċċess għal trattament speċjalizzat għad-dijabete (tip 2) ma kienx disponibbli fil-ħin u fil-post it-tajjeb. Il-ħinijiet ta' stennija għal konsultazzjonijiet speċjalizzati kienu qed jitwalu u nstabu disparitajiet reġjonali kbar fl-aċċess għas-servizzi tas-saħħa.

Il-kwalità tas-servizzi tas-saħħa

Objettivi tal-awditjar

93 Tlieta mill-awditi inklużi f'dan il-kompendju – imwettqa mis-SAls tal-Awstrija, tad-Danimarka, u tal-Irlanda – jittrattaw il-kwalità tas-servizzi tas-saħħa.

94 Tnejn minn dawn l-awditi ffukaw fuq aspetti speċifiċi relatati mal-kwalità fl-isptarijiet: is-SAI Daniża vvalutat il-kwalità tal-kura fl-isptarijiet Daniżi u analizzat kwalunkwe differenza fil-kwalità bejn l-isptarijiet. Is-SAI Irlandiża eżaminat kif il-kirurġija elettiva li titlesta f'ġurnata ġiet immaniġġjata. Hija analizzat ir-raġunijiet għal varjazzjonijiet bejn l-isptarijiet, biex tidentifika modi possibbli ta' kif jiżdiedu r-rati tal-kirurġiji li jitlestew f'ġurnata kif ukoll

kwalunkwe ostakolu f'dan ir-rigward. Analizzat ukoll il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-punt sa fejn din tiffaċilita l-promozzjoni ta' ideat ta' prassi tajba.

95 Is-SAI tal-Awstrija vvalutat l-organizzazzjoni, is-suġġetti magħżula u t-trasparenza tal-aċċertament tal-kwalità tal-Gvern Federali għall-prattikanti indipendenti fil-qasam tas-saħħa.

96 Fl-awditjar tagħha dwar "Il-prevenzjoni ta' infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa", is-SAI Franċiża analizzat ukoll l-iskala u l-ispejjeż tal-infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa, u r-rwol li għandhom ir-regoli tal-iġjene u l-preskrizzjoni korretta tal-antibijotiċi.

Osservazzjonijiet prinċipali tal-awditjar

97 L-awditi kkonkludew li l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa kienet tvarja u wrew li meħtieġ li jsir titjib f'ċerti oqsma.

98 Ir-rapport dwar il-kwalità tal-kura fl-isptarijiet Daniżi osserva dgħufijiet fit-trattament tal-pazjenti kif ukoll nuqqas ta' konsistenza fil-kwalità tal-kura. Id-differenzi fil-kura affettwaw ir-riskju ta' riammissjoni u ta' mewt tal-pazjent. Madankollu, ir-raġunijiet għal haġna mid-differenzi jistgħu jiġu ttraċċati għal fatturi li jmorru lil hinn mill-kontroll tal-isptarijiet.

99 Ir-rapport tal-Irlanda dwar il-kirurġija elettiva li titlesta f'ġurnata wasal għal konklużjonijiet simili: minkejja l-isforz ġenerali biex jiżdied il-proporzjon ta' kirurġiji li jitlestew f'ġurnata minflok il-kura inpatient, kien hemm varjazzjonijiet sinifikanti bejn l-isptarijiet. Raġunijiet possibbli kienu n-nuqqas ta' protokoll u ta' listi ta' kontroll bil-miktub għall-għażla ta' pazjenti għal kirurġija li titlesta f'ġurnata, kif ukoll in-nuqqas ta' monitoraġġ jew rieżaminar mill-maniġment superjuri tal-għadd ta' pazjenti adatti għal kirurġija li titlesta f'ġurnata.

100 Ir-rapport tal-Awstrija dwar l-aċċertament tal-kwalità għal Prattikanti indipendenti tas-saħħa osserva dgħufijiet li jikkonċernaw il-validità tal-linji gwida dwar il-kwalità, il-miżuri tal-kwalità tal-output, id-dijanjożi standardizzata u d-dokumentazzjoni tal-prestazzjoni. Barra minn hekk, huwa ssuġġerixxa li jiġu evalwati l-alternattivi biex jiżdied l-għadd ta' kontrolli ta' validità fuq l-awtovalutazzjoni tat-tobba permezz ta' spezzjonijiet fil-kirurġiji.

101 Is-SAI Franċiża sabet li l-prevalenza ta' infezzjonijiet relatati mal-kura inpatient waqfet tonqos fl-2006. L-infurzar xieraq tar-regoli tal-iġjene u l-preskrizzjoni korretta tal-

antibijotiċi huma essenzjali f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, ġestjoni aktar attiva tar-riskju ta' infezzjoni titlob ukoll li jiġu kkunsidrati aħjar l-indikaturi tal-kwalità meta tiġi rregolata l-provvista tal-kura tas-saħħa.

Teknoloġiji ġodda u Saħħa elettronika

Objettivi tal-awditjar

102 Tliet rapporti f'dan il-kompendju (il-Bulgarija, l-Estonja u l-Latvja) jiffukaw fuq is-saħħa elettronika u fuq l-użu ta' teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-saħħa. It-tliet rapporti jeżaminaw jekk il-prekundizzjonijiet għall-introduzzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tas-saħħa elettronika kinux ġew issodisfati u jekk din ġiet implimentata b'mod effettiv. Is-SAI Latvjana vvalutat ukoll jekk is-saħħa elettronika kinitx kisbet l-oġettiv tagħha li tippromwovi kura tas-saħħa aktar effiċjenti.

Osservazzjonijiet prinċipali tal-awditjar

103 It-tliet rapporti kollha osservaw li għalkemm is-saħħa elettronika kienet meqjusa bħala prijetà tas-saħħa nazzjonali, l-implimentazzjoni kienet aktar baxxa milli kien mistenni u l-oġettivi tagħha ntlaħqu biss parzjalment.

104 Dan ir-risultat huwa spjegat minn għadd ta' raġunijiet differenti. Ir-rapport tal-Bulgarija osserva n-nuqqas tal-prekundizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tas-saħħa elettronika, jiġifieri l-eżistenza ta' qafas regolatorju, definizzjoni komprensiva tar-responsabbiltajiet, u sistema effettiva ta' koordinazzjoni u armonizzazzjoni bejn l-atturi differenti. Għalhekk, l-implimentazzjoni tas-saħħa elettronika fil-Bulgarija ffaċċjat dewmien u l-azzjonijiet li ttieħdu kienu biss parzjalment effettivi.

105 L-awditjar tas-SAI Estonjana kkonkluda wkoll li s-saħħa elettronika ma kinitx laqget l-oġettivi tagħha, bil-preskrizzjoni diġitali tkun l-unika soluzzjoni teknika li ntużat attivament fiż-żmien meta sar l-awditu. L-użu tar-Rekord Elettroniku tas-Saħħa u r-referenzjar tal-immāgnijiet kienu modesti, u r-Reġistrazzjoni Diġitali (sistema ta' prenotazzjoni elettronika għall-appuntamenti) ma kinitx ġiet implimentata. Ġew osservati dgħufijiet ulterjuri fl-ippjanar u fil-ġestjoni strateġiċi tas-saħħa elettronika u l-implimentazzjoni, minbarra li ddewmet, kienet konsiderevolment aktar għalja minn dak li kien inizjalment ippjanat.

106 Ir-rapport mis-SAI Latvjana wasal għal valutazzjoni simili billi osserva wkoll dgħufijiet fl-implimentazzjoni tas-saħħa elettronika, prinċipalment rigward nuqqas ta' involviment mill-partijiet ikkonċernati ewlenin, kif ukoll kwistjonijiet fil-ġestjoni u fis-supervizzjoni tal-proġett. Konsegwentement, l-awditu tal-Latvja vvaluta wkoll li l-oġettiv tas-saħħa elettronika nkiseb biss parzjalment.

Sostenibbiltà fiskali u aspetti finanzjarji oħra

Objettivi tal-awditjar

107 Tmienja mill-awditi f'dan il-kompendju analizzaw is-sostenibbiltà jew aspetti fiskali oħra tas-saħħa pubblika. Erbgħa minn dawn l-awditi (ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, l-Ungerija u s-Slovakkja) eżaminaw kwistjonijiet ta' konformità, filwaqt li l-erbgħa l-oħra (il-Finlandja, l-Italja, il-Lussemburgu u Spanja) analizzaw aspetti aktar ġenerali tas-sostenibbiltà fiskali u tal-ġestjoni finanzjarja.

108 L-oqsma koperti minn dawn l-aħħar erba' awditi kienu jvarjaw mill-projezzjoni tax-xejra għan-nefqa fuq is-sigurtà soċjali (il-Finlandja) għal investimenti pubbliċi fis-settur tas-saħħa (l-Italja u l-Lussemburgu), u l-ġestjoni finanzjarja soda tal-pagamenti lill-farmaċewtiċi (Spanja).

Osservazzjonijiet prinċipali tal-awditjar

109 L-aktar problemi komuni osservati fl-awditi tal-konformità kienu d-dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist kif ukoll fil-kontrolli interni, fil-ġestjoni finanzjarja u fil-ġestjoni tal-obbligazzjonijiet pendenti.

110 L-awditu tal-Finlandja fuq il-projezzjonijiet tax-xejra għan-nefqa fuq is-sigurtà soċjali identifika lok għal żvilupp tal-mudell użat u għal titjib tad-dokumentazzjoni tal-metodoloġija, u ra li r-risultati tal-projezzjonijiet ma ġewx ippubblikati regolarmet.

111 L-awditu tas-SAI Lussemburgiża skopra nuqqasijiet fir-rigward tal-awtorizzazzjoni, il-koordinazzjoni, ir-rappurtar u s-segwitu ta' investimenti akbar.

112 Problemi simili ġew osservati mis-SAI Taljana, li kkonkludiet li r-rappurtar fis-seħħ ma kienx adegwat biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-proġetti. Barra minn hekk, hija vvalutat li s-sħubija pubblika-privata ma kinitx qed tintuża b'mod effiċjenti.

113 Ir-rapport ta' Spanja kkonkluda li l-pagamenti tal-benefiċċji farmaċewtiċi lil spiżeriji u sptarijiet kienu saru biss parzjalment skont ir-regolamenti rilevanti u l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda.

Segwitu tal-awditi

114 Bħala prinċipju u prassi tajba, is-SAls kollha jagħtu segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tagħhom. L-approċċ użat jiddependi fuq ir-regoli interni ta' kull SAI. Is-segwitu jista' jitwettaq billi tiġi ttraċċata l-implimentazzjoni ta' kull rakkomandazzjoni jew bħala parti minn kompitu tal-awditjar ieħor.

115 Is-segwitu twettaq tipikament bejn sena sa tliet snin wara d-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, f'konformità mar-regoli interni tas-SAls. Xi wħud mis-SAls jagħtu segwitu għall-awditi tagħhom mingħajr ma jimpenjaw lilhom infushom għal xi skeda ta' żmien partikolari.

PARTI III – Rapporti tas-SAIs mad-daqqa t'għajn

PARTI III – Rapporti tas-SAls mad-daqqa t'għajn

46

Prevenzjoni u protezzjoni



Il-Belġju

Rekenhof – Cour des comptes – Rechnungshof

Politika Fjamminga dwar is-saħħa preventiva – valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-politika

Ħarsa ġenerali

116 L-awditu tas-SAI Belġjana vvaluta l-prestazzjoni tal-politika Fjamminga dwar is-saħħa preventiva fil-perjodu mill-2014 sal-bidu tal-2015.

117 L-użu tal-prevenzjoni biex tikkontribwixxi għal kisbiet fis-saħħa u livell ogħla ta' benesseri fost il-popolazzjoni huwa wieħed mill-oġettivi fil-memorandum ta' politika tal-Ministru Fjamming tas-Saħħa Pubblika. Il-politika Fjamminga dwar is-saħħa preventiva kienet ġiet ifformulata fil-forma ta' bosta oġettivi relatati mas-saħħa u kienet ġiet implimentata minn għadd ta' organizzazzjonijiet issussidjati taħtha.

Kif twettaq l-awditu

118 Il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:

- L-implimentazzjoni tal-politika dwar is-saħħa preventiva hija mfassla u organizzata tajjeb?
- L-implimentazzjoni tal-politika preventiva intenzjonata hija ta' kwalità għolja?
- Sa liema punt l-implimentazzjoni tagħti attenzjoni speċjali lil gruppi żvantaġġati tal-popolazzjoni?

119 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu l-Ministru Fjamming tal-Benesseri, is-Saħħa Pubblika u l-Familja u l-Aġenzija Fjamminga għall-Kura u s-Saħħa. Il-valutazzjoni kienet ibbażata prinċipalment fuq analiżi tad-dokumenti u intervisti.

Osservazzjonijiet prinċipali

120 Fil-prattika, ix-xenarju tal-implimentazzjoni nstab li jvarja konsiderevolment għal kull objettiv tas-saħħa u l-organizzazzjoni tax-xogħol li jitwettaq fuq il-post tista' tittejjeb.

- o Xi wħud mill-obiettivi tas-saħħa kienu jinvolvu ħafna organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni, iżda d-delimitazzjoni tal-kompiti mhux dejjem kienet ċara, u kienet tirrikjedi konsultazzjoni u ftehim estensivi.
- o Għal objettivi tas-saħħa oħra, kważi ma kien hemm l-ebda organizzazzjoni preżenti “fuq il-post”, għalhekk, l-appoġġ ma kienx adegwat.
- o L-allokazzjoni tal-fondi bejn l-obiettivi tas-saħħa u l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni ma kinitx iġġustifikata biżżejjed u kienet ibbażata fuq l-allokazzjoni fil-passat.

121 L-għażla ta' organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni permezz ta' proċedura ta' sejħa wasslet għal nuqqas ta' skambju ta' għarfien u qanqlet tensjonijiet bejn l-organizzazzjonijiet involuti.

122 L-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni ma kinux orjentati ħafna lejn ir-riżultati fil-qasam tal-iżvilupp tal-metodoloġija. Ir-rappurtar tagħhom kien fih ftit wisq informazzjoni biex jiġi evalwat l-impatt tax-xogħol tagħhom.

123 Fl-aħħar nett, il-gruppi żvantaġġati tal-popolazzjoni ma ngħatawx attenzjoni biżżejjed.

Rakkomandazzjonijiet

124 Xenarju tal-implimentazzjoni

- o Jenħtieġ li l-istruttura ta' implimentazzjoni għall-prevenzjoni tas-suwiċidju tiġi ssimplifikata, filwaqt li għall-prevenzjoni tat-tabakk, l-alkoħol u d-drogi jenħtieġ li l-kompiti jkunu bbażati fuq ftehimiet ċari, u għall-prevenzjoni tad-dijabete jenħtieġ li jsir aktar fuq il-post.

- Jenħtiegħ li l-għodod biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-programmi ta' skrinjar għall-kanċer jkunu kkoordinati aħjar u orjentati biex jilħqu b'mod suffiċjenti lill-gruppi fil-mira.
- Jenħtiegħ li l-prevenzjoni tal-aċċidenti tiffoka aktar fuq l-istimolu ta' konsultazzjoni multidixxiplinarja, billi jiġi stabbilit metodu ta' ħidma ċar, it-tqassim tal-kompiti u l-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-atturi varji.
- Jenħtiegħ li l-viżjoni fit-tul tkun żviluppata bi tqabbil mal-attività fiżika. Għandu jkun żgurat li l-implimentazzjoni tal-metodoloġiji għall-oġettivi tas-saħħa rigward in-nutrizzjoni u l-eżerċizzju tiġi appoġġata fuq il-post.
- Id-distribuzzjoni tal-fondi bejn l-oġettivi varji tas-saħħa jew it-temi ta' prevenzjoni għandha tkun iġġustifikata b'mod ċar.

125 Implimentazzjoni tal-politika dwar is-saħħa preventiva

- Il-gvern irid ikompli jiżen il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-proċedura ta' sejħa.
- L-output tal-organizzazzjonijiet sħab rigward l-iżvilupp tal-metodoloġija jistħoqqlu ppjanar u monitoraġġ aħjar, u jenħtiegħ li jkun marbut ma' baġit.
- Jenħtiegħ li l-Ministru Fjamming tas-Saħħa Pubblika jaħdem biex ikun hemm involviment akbar fix-xogħol ta' prevenzjoni kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak provinċjali.
- Il-konklużjoni ta' ftehimiet ta' ġestjoni jenħtiegħ li tkun allinjata kemm jista' jkun possibbli mal-pjanijiet ta' azzjoni għall-oġettivi tas-saħħa.
- Jenħtiegħ li l-Aġenzija Fjamminga għall-Kura u s-Saħħa tiżgura li l-implimentazzjoni attwali tkun tista' tiġi rikonċiljata mal-inizjattivi proposti fil-pjan annwali.
- Jenħtiegħ li r-rwol taċ-ċentri ta' gwida tal-istudenti fl-ilħuq tal-oġettivi tas-saħħa ta' Flanders jiġi żviluppat aħjar.

126 Logos (netwerks lokali tas-saħħa)

- Ir-relazzjoni bejn l-Aġenzija Fjamminga għall-Kura u s-Saħħa, l-Istitut Fjamming għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard u l-Logos jenħtiegħ li tiġi kkjarifikata u ottimizzata.

- o Ir-rwol tal-Logos fl-iżvilupp tal-metodoloġija jenħtieġ li jiġi rivedut u mtejjeb.
- o Il-konsistenza u l-kwalità tal-informazzjoni fis-sistema ta' reġistrazzjoni jenħtieġ li jittejjbu.

127 Proġetti

- o Jenħtieġ li l-Gvern Fjamming juri l-valur miżjud tas-sussidji lil organizzazzjoni (sieħba) għal proġetti ta' prevenzjoni.
- o Proġetti li ilhom għaddejjin għal bosta snin jenħtieġ li jiġu evalwati bil-ħsieb li jiġu integrati fl-operat regolari tal-organizzazzjoni ta' implimentazzjoni.

128 Gruppi żvantaġġati

- o Jenħtieġ li l-Gvern Fjamming jinvesti aktar fl-iżvilupp ta' metodi u materjali li jimmotivaw b'mod effiċjenti lin-nies li jinsabu fil-faqar biex iżommu imġiba favur is-saħħa, inkluż permezz tal-bini ta' għarfien fi ħdan l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni f'dan ir-rigward.

Pubblikazzjoni u segwitu

129 Ir-rapport ġie ppubblikat elettronikament fuq is-sit web tal-Qorti tal-Awditjar Belġjana fit-23 ta' Frar 2016 u ġie ppreżentat lill-Kummissjoni għall-Benesseri, is-Saħħa Pubblika u l-Familja tal-Parlament Fjamming fit-8 ta' Marzu 2016. Is-segwitu għal kull rakkomandazzjoni jiġi ġeneralment ippreżentat fl-ittri ta' politika annwali tal-Ministru.

Impatt mistenni

130 Matul l-implimentazzjoni tal-awditu, saru bidliet fil-leġislazzjoni fis-seħħ u ttieħdu għadd ta' inizjattivi li rrimedjaw xi wħud mill-konġestjonijiet (eż. linja gwida għall-iżvilupp u l-valutazzjoni ta' metodi ta' prevenzjoni).

Objettiv ġenerali ġdid tas-saħħa rigward l-ikel tajjeb għas-saħħa, l-imġiba sedentarja, l-attività fiżika, it-tabakk, l-alkoħol u d-drogi ġie adottat f'Settembru 2017.



Franza
Cour des comptes

Prevenzjoni ta' infezzjonijiet relatati mal-kura
tas-saħħa: il-passi li jmiss

Ħarsa ġenerali

131 L-awditu tas-SAI Franċiża vvaluta l-prevenzjoni tal-infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa fil-perjodu 2010-2018.

132 Infezzjoni jingħad li hija relatata mal-kura tas-saħħa jekk din isseħħ matul it-trattament ta' pazjent minn professjonist tas-saħħa, fil-kura ambulatorja, f'istituzzjoni tal-kura tas-saħħa soċjali jew f'istituzzjoni tas-saħħa (fl-aħħar każ, din tikkwalifika bħala nożokomjali). Din mhux neċessarjament tikkoinċidi mat-trattament innifsu: tista' sseħħ minn 48 siegħa sa sena wara.

133 Matul l-aħħar 30 sena, Franza implimentat politika pubblika strutturata biex tipprevjeni l-infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa, prinċipalment fl-isptarijiet, u biex tikkumpensa lill-pazjenti. L-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti kellhom rwol deċiżiv biex imexxu 'l quddiem din il-politika b'segwitu għall-kopertura mill-midja ta' każijiet miġburin flimkien ta' infezzjonijiet f'xi istituzzjonijiet tas-saħħa.

134 L-azzjonijiet implimentati naqqsu u mbagħad stabbilizzaw il-prevalenza ta' pazjenti infettati fl-isptarijiet għal madwar 5 % tal-pazjenti (jiġifieri madwar 470 000 pazjent infettat fis-sena). Filwaqt li l-infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa ħafna drabi jirriżultaw fi skumdità temporanja, dawn jista' jkollhom konsegwenzi ferm aktar serji. Madankollu, il-prevalenza ta' pazjenti infettati fil-kura ambulatorja mhix magħrufa u l-kejl tagħha għadu fi stadju bikri fis-settur tal-kura tas-saħħa soċjali.

Kif twettaq l-awditu

135 Il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:

- Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar kienet: X'inhuma r-riskji tal-politika għall-prevenzjoni tal-infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa?
- Flimkien mas-sottomistoqsijiet li ġejjin:
 - X'inhuma l-iskala u l-ispiża tal-mard relatat mal-kura tas-saħħa?
 - X'inhuma r-riżultati miksuba mill-politiki implimentati mill-Ministeru għas-Solidarjetà u s-Saħħa u d-diversi korpi tiegħu?
 - Kif nistgħu nieħdu inkunsiderazzjoni l-kwistjonijiet relatati mal-perkors tal-pazjent barra mill-isptarijiet u mar-reżistenza għall-antibijotiċi?
 - Ir-ristrutturar tal-azzjoni pubblika, f'liema livelli ta' ġestjoni tar-riskju għandu jiġi mmaniġġjat?
 - Id-diversi atturi kif jistgħu jinżammu responsabbli?

136 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu l-Ministeru Franċiż għas-Solidarjetà u s-Saħħa, id-diversi korpi li jinfurzw il-politiki tiegħu, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali, u l-isptarijiet pubbliċi.

137 Il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq intervisti u kwestjonarji mibgħuta lill-awtoritajiet rilevanti kollha.

Osservazzjonijiet prinċipali

138 Il-*Cour des comptes* għamlet l-osservazzjonijiet li ġejjin:

- Matul dawn l-aħħar 30 sena, awtoritajiet pubbliċi, istituzzjonijiet tas-saħħa u professjonisti implimentaw politika pubblika għall-prevenzjoni ta' infezzjonijiet nożokomjali. Ir-riżultati tagħha għadhom mhumieks adegwati. Il-prevalenza tal-infezzjonijiet relatati mal-kura inpatient waqfet tonqos mill-2006 u r-rappurtar estern tal-infezzjonijiet nożokomjali mhuwiegħ komprensiv. Issa jrid jittieħed pass ulterjuri biex

din il-politika tespandi għas-segmenti kollha tal-attivitajiet tal-kura tas-saħħa u biex titqies kompletament it-theddida tar-reżistenza għall-antibijotiċi.

- o L-istabbiliment reċenti ta' ċentri ta' kontroll ta' infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa fir-reġjuni kollha għandu jagħmilha possibbli li tiġi żviluppata azzjoni ma' professjonisti fl-oqsma tal-kura tas-saħħa ambulatorja u dik soċjali, u li jkun hemm koordinazzjoni aħjar mal-aġenziji tas-saħħa reġjonali. Taħt din l-istruttura l-għdida, il-Ministeru għas-Solidarjetà u s-Saħħa, permezz tal-Aġenzija tas-Saħħa Pubblika, jrid jieħu l-pożizzjoni leġittima tiegħu f'dak li jirrigwarda t-tmexxija u l-koordinazzjoni tal-azzjoni pubblika.
- o Biex jiġu ffaċċjati dawn l-isfidi l-għodda, huwa wkoll essenzjali li l-partijiet ikkonċernati kollha jingħataw setgħa aħjar fir-rigward tal-infurzar xieraq tar-regoli tal-iġjene u tal-preskrizzjoni korretta tal-mediċini antibijotiċi. Ġestjoni aktar attiva tar-riskju ta' infezzjoni titlob ukoll li jiġu kkunsidrati aħjar l-indikaturi tal-kwalità meta tiġi rregolata l-provvista tal-kura tas-saħħa u li l-iskemi ta' kumpens jiġu riveduti biex irawmu r-responsabbiltà.

Rakkomandazzjonijiet

139 Il-Cour des comptes ħarġet ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- o jitwettagħ s'tħarriġ nazzjonali dwar il-prevalenza ta' infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa fil-kura ambulatorja, b'metodoloġija adattata jekk ikun meħtieġ, sabiex jiġu mmirati s-setturi ta' riskju u l-azzjonijiet li għandhom jiġu żviluppati;
- o l-Aġenzija tas-Saħħa Pubblika (*Santé Publique France*), istituzzjoni pubblika li taqa' taħt is-superviżjoni tal-Ministeru għas-Solidarjetà u s-Saħħa, tiġi fdata b'mod espliċitu bil-koordinazzjoni ta' missjonijiet u mezzi ta' azzjoni taċ-ċentri ta' kontroll ta' infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa;
- o jiġu implimentati firxa ta' miżuri mmirati biex inaqqsu l-konsum tal-mediċini antibijotiċi u tiġi aġġustata r-remunerazzjoni bbażata fuq objettivi tas-saħħa pubblika li tiġi alllokata lil tobbja fil-prattika privata, sabiex tiġi żgurata l-effettività tagħhom;
- o jenħtieġ li l-aġenziji reġjonali tas-saħħa jagħtu prijorità lill-ispezzjoni u l-kontroll tal-faċilitajiet tas-saħħa u jisiltu l-konklużjonijiet operazzjonali kollha, inkluż is-sospensjoni tal-attività;

- o jitwettaq rieżaminar tal-kriterji għad-determinazzjoni tad-daqs u għall-kompożizzjoni tat-timijiet operazzjonali tal-iġjene fl-istituzzjonijiet tas-saħħa skont l-attività ta' dawn tal-aħħar u r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali. Fl-isptarijiet pubbliċi, jenħtiegħ li dawn it-timijiet jinġabru flimkien fil-qafas tal-gruppi territorjali tal-isptarijiet (*groupements hospitaliers de territoire*);
- o titreġġa' lura s-sospensjoni tal-obbligu għall-professjonisti tas-saħħa li jitlaqqmu kontra l-influenza (rakkomandazzjoni ripetuta).

Pubblikazzjoni u segwitu

140 L-Ewwel President tal-*Cour des comptes* ippreżenta r-Rapport Pubbliku Annwali tal-2019 lill-President tar-Repubblika Franċiża fl-4 ta' Frar 2019. Sussegwentement, dan ġie ppreżentat lill-midja u ppubblikat elettronikament fuq is-sit web tal-*Cour des comptes* fis-6 ta' Frar 2019. Ir-rapport ġie ppreżentat ukoll lill-Assemblea Nazzjonali fis-6 ta' April 2019 u mbagħad lis-Senat fis-7 ta' April 2019.

141 Il-*Cour des comptes* tiddedika attenzjoni partikolari għas-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tagħha. Tliet snin wara l-pubblikazzjoni tar-rapporti tagħha, hija teżamina l-punt sa fejn ir-rakkomandazzjonijiet tagħha jkunu ġew implimentati u l-effetti reali ta' dawk implimentati. Ir-rapport ta' monitoraġġ jista' jiġi inkluż fir-rapport pubbliku annwali.

Impatt mistenni

142 Il-politiki għall-prevenzjoni ta' infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa huma neċessità. Fid-dawl tal-għadd ta' pazjenti affettwati, jenħtiegħ li jiġu implimentati miżuri effiċjenti sabiex jipprovdu trattament fl-aktar ambjent sikur possibbli.



Il-Polonja
Najwyższa Izba Kontroli (NIK)

Il-prevenzjoni u t-trattament tad-dijabete tat-tip 2

Ħarsa ġenerali

143 L-awditu tas-SAI Pollakka vvaluta l-prevenzjoni u t-trattament tad-dijabete tat-tip 2 fil-perjodu 2013-2017 għall-kura tas-saħħa outpatient u fil-perjodu 2015-2017 għall-kura tas-saħħa inpatient.

144 L-istimi jindikaw li wieħed minn kull ħdax-il persuna fil-Polonja jista' jbatu mid-dijabete (tip 1 u 2) u li l-għadd ta' pazjenti li jbatu minn din il-marda qed jiżdied bi 2.5 % kull sena. Jekk tibqa' ma tiġix ittrattata, id-dijabete twassal għal għadd ta' konsegwenzi negattivi bħal puplesiji, pressjoni għolja u amputazzjoni tar-riġlejn (minħabba kumplikazzjoni ta' dak li hu magħruf bħala s-sindromu tas-"sieq dijabetika"), u għalhekk għal żieda fl-għadd ta' nies li ma jkunux jistgħu jaħdmu aktar u b'hekk jirċievu l-benefiċċji soċjali.

Kif twettaq l-awditu

145 Il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar li ġejja:

- Is-sistema tal-kura tas-saħħa tiżgura li jiġu identifikati minn kmieni dawk il-persuni li jbatu minn jew huma f'riskju ta' dijabete tat-tip 2 u li jiġu implimentati l-metodi effettivi ta' trattament għal din il-marda?

146 Mistoqsijiet speċifiċi:

- Il-Ministeru tas-Saħħa fformula politika nazzjonali dwar il-kura tas-saħħa biex jipprevjeni d-dijabete u jtejjeb is-saħħa tan-nies li jbatu minn din il-marda?
- Il-Fond Nazzjonali tas-Saħħa żgura d-disponibbiltà ta' servizzi u riżorsi relatati mad-dijabete għat-trattament tad-dijabete u l-kumplikazzjonijiet tagħha?

- Il-fornituri tal-kura tas-saħħa ħadu azzjoni f'dak li jirrigwarda l-qasam tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u t-trattament tad-dijabete tat-tip 2?
- Ipprovdew lill-pazjenti diabetiċi tat-tip 2 b'aċċess għal servizzi speċjalizzati?
- Implimentaw il-metodi ta' trattament għad-dijabete tat-tip 2 bl-użu ta' mediċini tal-aħħar ġenerazzjoni?

147 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu l-Ministeru tas-Saħħa, is-sedi tal-Fond Nazzjonali tas-Saħħa kif ukoll il-fornituri tal-kura tas-saħħa. Il-metodoloġija użata kienet tinkludi r-rieżaminar ta' dokumenti, stħarriġiet, u kjarifiki mill-impjegati tal-entitajiet awditjati u ta' organizzazzjonijiet oħra.

Osservazzjonijiet prinċipali

148 Id-dijabete hija magħrufa bħala l-“marda taċ-ċivilizzazzjoni” u l-għlieda kontra din il-marda hija waħda mill-prioritajiet tal-Ministru tas-Saħħa, li huwa inkarigat mill-formulazzjoni tal-politika nazzjonali dwar is-saħħa. Madankollu, ma ġiet ifformulata l-ebda strateġija nazzjonali għall-prevenzjoni tad-dijabete jew għat-trattament u l-kura ta' nies li jbatu minn din il-marda.

149 Il-Ministru tas-Saħħa ma identifikax b'mod xieraq il-bżonnijiet tas-saħħa jew ma ddeterminax l-għadd ta' speċjalisti tad-dijabete meħtieġa biex jieħdu ħsieb il-pazjenti li jbatu mill-marda. Huwa naqas ukoll milli jżid b'mod suffiċjenti s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar id-dijabete.

150 B'mod ġenerali, il-pazjenti Pollakki ma għandhomx aċċess għal trattamenti innovattivi għad-dijabete tat-tip 2 billi l-ebda waħda mill-mediċini li ġew pożittivament irrakkomandati mill-Aġenzija għall-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa u t-Tariffi, jiġifieri inkretini u gliflozins, ma ġiet inkluża fil-lista ta' medikazzjonijiet rimborżabbli.

151 Għalkemm il-Fond Nazzjonali tas-Saħħa ħa azzjoni biex itejjeb it-trattament ta' pazjenti bid-dijabete tat-tip 2, l-għadd ta' pazjenti fuq il-listi ta' stennija tal-kliniki speċjalizzati tad-dijabete u tal-isptar, kif ukoll il-ħin ta' stennija għas-servizzi, qed jiżdiedu. Fl-istess ħin, l-għadd ta' fornituri tas-servizzi kkuntrattati mill-Fond Nazzjonali tas-Saħħa qed jonqos.

152 In-nuqqas ta' reġistrazzjonijiet xierqa fir-rekords mediċi jissuġġerixxi wkoll li, f'ħafna każijiet, it-tobba ma segwewx il-prinċipji stabbiliti fir-rakkomandazzjonijiet mill-Assoċjazzjoni Pollakka tad-Dijabete (PTD) għat-trattament ta' persuni f'riskju ta' dijabete u ta' pazjenti bid-dijabete tat-tip 2, jew li ż-żamma tar-rekords tagħhom ma kinitx affidabbli. F'xi każijiet, il-pazjenti ma segwewx ir-rakkomandazzjonijiet tat-tobba. Konsegwentement, ir-riżultati tat-trattament ma kinux tajbin biżżejjed u l-ispiża għat-trattament tal-kumplikazzjonijiet tad-dijabete tat-tip 2 kienet għolja.

Rakkomandazzjonijiet

153 In-NIK għamlet ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- Jenħtieġ li l-Ministru tas-Saħħa jħejji programm komprensiv fil-livell nazzjonali ta' attivitajiet immirati għall-prevenzjoni, id-dijanjożi bikrija u t-trattament tad-dijabete.
- Jenħtieġ li huwa jieħu azzjoni biex jiġi stmat l-għadd ta' persuni li jibqgħu mingħajr dijanjożi u għalhekk ma jkunux konxji li jbatu mid-dijabete, u jenħtieġ li jiżviluppa metodi biex dawn jirċievu informazzjoni xierqa dwar is-sintomi u l-effetti tal-marda, kif ukoll iħeġġiġhom biex isirulhom dijanjożi u trattament xierqa.
- Jenħtieġ li l-Ministru tas-Saħħa jżid l-isforzi biex jiżviluppa mudell ta' ppjanar għall-persunal mediku.
- Jenħtieġ li l-President tal-Fond Nazzjonali tas-Saħħa jieħu azzjoni biex jiżgura l-aċċess fil-livell nazzjonali għas-servizzi pprovduti fil-qafas ta' kura outpatient komprensiva u speċjalizzata għal pazjenti dijabetiċi u għat-trattament komprensiv ta' feriti kroniċi.
- Jenħtieġ li l-fornituri tal-kura tas-saħħa:
 - jirreferu lil pazjenti bid-dijabete għal testijiet dijanjożiċi u konsultazzjonijiet speċjalizzati, kif irrakkomandat spiss l-Assoċjazzjoni Pollakka tad-Dijabete;
 - jirreferu lil pazjenti għal skrinjar tad-dijabete skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Assoċjazzjoni Pollakka tad-Dijabete;
 - jaderixxu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Assoċjazzjoni Pollakka tad-Dijabete għall-prevenzjoni tad-dijabete tat-tip 2;

- o iżommu rekords mediċi individwali b'mod li jiżgura informazzjoni sħiħa u affidabbli dwar id-dijanjożi u l-proċess ta' trattament tal-pazjent.

154 Jenhtiegħ li l-awtoritajiet pubbliċi jieħdu wkoll azzjoni konġunta u kkoordinata mal-organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa u tal-pazjenti biex jippromwovu stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, inklużi l-eżerċizzju u d-dieta, biex b'hekk jgħinu fit-tnaqqis tad-dijabete tat-tip 2 fil-Polonja.

Pubblikazzjoni u segwitu

155 Ir-rapport ġie ppubblikat fuq is-sit web tas-SAI Pollakka fis-26 ta' Marzu 2018 u ntbagħat kemm lill-awtoritajiet nazzjonali supremi kif ukoll dawk ċentrali. Dan attira l-interess qawwi tal-midja u saru kummentarji b'mod mifrux f'dan ir-rigward minn esperti tal-kura tas-saħħa.

156 B'rispons għar-rapport, il-Ministru Pollakk tas-Saħħa informa lis-SAI dwar l-azzjoni meħuda biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-awditu, inkluż l-analiżi tal-ħtiġijiet u l-iżvilupp ta' pjan għal programm ġdid tas-saħħa kif ukoll azzjonijiet biex tittejjeb l-effettività tal-edukazzjoni dwar is-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard.

Impatt mistenni

157 It-tisħiħ tas-sistema tal-kura tas-saħħa billi jiġi żgurat monitoraġġ aktar effettiv tal-prevenzjoni u l-kura tad-dijabete, iżid l-effettività tal-edukazzjoni dwar id-dijabete, u l-azzjoni ta' koordinazzjoni biex titnaqqas l-okkorrenza ta' każijiet ġodda ta' dijabete.



Is-Slovenja
Računsko Sodišče Republike Slovenije

L-indirizzar tal-obeżità fit-tfal

Ħarsa ġenerali

158 L-awditu tas-SAI Slovena vvaluta jekk il-mekkaniżmi biex tiġi indirizzata l-obeżità fit-tfal kinux effettivi u effiċjenti. L-awditu kopra l-perjodu mill-2015 sal-2016.

159 Il-Qorti tal-Awditjar tar-Repubblika tas-Slovenja ddeċidiet li timplimenta awditu dwar l-indirizzar tal-obeżità fit-tfal minħabba statistiċi allarmanti dwar tfal li għandhom piż żejjed u li huma obeżi.

160 Fl-1989, 12.5 % tat-tfal tal-iskola primarja fir-Repubblika tas-Slovenja kellhom piż żejjed filwaqt li 2.35 % kienu obeżi. Għalkemm is-sehem ta' tfal tal-iskola primarja li għandhom piż żejjed u li huma obeżi ilu jonqos mill-2010, iċ-ċifri xorta waħda baqgħu 43.2 % u 193.6 % oġġla rispettivament fl-2016 meta mqabbla mal-1989.

161 Problemi relatati mal-piż u mal-obeżità jiddependu, fil-biċċa l-kbira, kemm mill-istatus soċjoekonomiku tal-familja kif ukoll mill-impenn ta' kull individwu. Kulma jista' jagħmel l-Istat huwa li jimplimenta politiki li jippromwovu stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa.

Kif twettaq l-awditu

162 Il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar “Ir-Repubblika tas-Slovenja tittratta b'mod xieraq l-obeżità fit-tfal?” u fuq is-sottomistoqsijiet li ġejjin:

- L-oġġettivi u l-miżuri biex tiġi indirizzata l-obeżità fit-tfal huma ppjanati kif xieraq?
- L-operazzjonijiet tal-Ministeru tas-Saħħa, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport, u l-Istitut Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet biex tiġi indirizzata l-obeżità fit-tfal huma effiċjenti?

- Ġew milfuqa l-oġġettivi biex tiġi indirizzata l-obeżità fit-tfal u s-sehem tat-tfal li jieklu żżejjed u li huma obeżi qiegħed jonqos?

163 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu l-Ministeru tas-Saħħa, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport u l-Istitut Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika. Il-metodoloġija tal-awditjar kienet tinkludi r-rieżaminar ta' dokumenti, siti web, rapporti tal-midja u sorsi pubbliċi oħra ta' informazzjoni, intervisti mal-entitajiet awditjati u ma' partijiet ikkonċernati oħra, kif ukoll analiżi tad-*data*.

Osservazzjonijiet prinċipali

164 Is-SAI kkonkludiet li l-Istat (il-Ministeru tas-Saħħa, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport, u l-Istitut Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika) ippromwova stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa fost it-tfal fil-livell sistemiku (billi jirregola d-dieti tajbin għas-saħħa u l-attivitajiet fiżiċi) u addizzjonalment permezz ta' proġetti magħżula.

165 Għalkemm l-effetti tal-attivitajiet tal-Istat biex tiġi indirizzata l-obeżità fit-tfal huma viżibbli biss maż-żmien u ma jistgħux jitkejlu direttament, il-Qorti tal-Awditjar ivvalutat li l-Istat sa ċertu punt ikkontribwixxa biex tiġi indirizzata l-obeżità fit-tfal, kif jista' jidher indirettament mill-bidla fl-evoluzzjoni tal-proporzjonijiet ta' tfal li jieklu żżejjed u li huma obeżi. Madankollu, l-Istat jista' jtejjeb l-azzjonijiet tiegħu biex jindirizza l-obeżità fit-tfal permezz ta' miżuri u attivitajiet li jilħqu t-tfal kollha, u jagħmel l-implimentazzjoni tagħhom aktar effiċjenti.

166 Is-SAI osservat b'mod speċifiku li:

- l-iskejjel jipparteċipaw f'bosta proġetti u programmi addizzjonali għall-promozzjoni ta' stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-proġetti hija inqas effiċjenti meta mqabbla mal-approċċ sistemiku. Il-proġetti huma limitati fiż-żmien, u mhux dejjem jiżguraw it-trattament ugwali tat-tfal u jikkawżaw piż u spejjeż amministrattivi addizzjonali;
- is-sistema biex jiġu organizzati ikliet għall-iskola li jkunu tajbin għas-saħħa ġiet stabbilita b'mod xieraq u tiżgura t-trattament ugwali tat-tfal kollha;
- l-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel primarji ddum inqas mid-durata ta' 180 minuta fil-ġimgħa rrakkomandata mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

Rakkomandazzjonijiet

167 Il-Ministeru tas-Saħħa ġie rakkomandat biex:

- o iqis kif jista' jtejjeb il-konformità bejn l-ikket organizzati fl-iskejjel mal-linji gwida dwar in-nutrizzjoni;
- o jemenda r-regolamenti għall-ħruġ ta' ċertifikati mediċi li jiġġustifikaw l-assenzi minn lezzjonijiet tal-isport jew dieta speċjali;
- o jirrieżamina l-ħtiġijiet u jiddefinixxi l-proċeduri għal azzjonijiet bikrija biex tiġi indirizzata l-obeżità fit-tfal kif ukoll it-trattament possibbli ta' mard assoċjat.

168 Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport ġie rakkomandat biex:

- o jirrieżamina r-rekwiżiti għal entitajiet li jorganizzaw l-ikket fl-iskejjel, inklużi modi biex jiġu ssimplifikati u armonizzati l-proċeduri ta' akkwist pubbliku għax-xiri ta' ikel għall-ikket fl-iskejjel; iqis jekk għandhomx jiġu organizzati korsijiet ta' taħriġ regolari f'dan ir-rigward u minn min;
- o iwettaq analizzjiet dwar l-effiċjenza u l-effettività ta' programmi sportivi individwali;
- o jiżviluppa analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji għal proġetti relatati mas-sensibilizzazzjoni u l-ikel tajjeb għas-saħħa u jeżamina l-alternattivi għall-inkorporazzjoni tal-kontenut tal-proġetti u tal-programmi fi programmi regolari kemm ta' taħriġ kif ukoll edukattivi;
- o iqis it-tweqqi ta' korsijiet ta' taħriġ dwar l-importanza ta' stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa għall-persunal tal-iskola, it-tfal u l-ġenituri tagħhom;
- o iqis it-tweqqi ta' taħriġ għall-għalliema fil-qasam tal-promozzjoni tas-saħħa;
- o iwettaq analiżi dettaljata tal-persunal u tar-riżorsi meħtieġa biex jiġu introdotti 5 sigħat ta' edukazzjoni fiżika fil-gimġha għat-tfal kollha.

Pubblikazzjoni u segwitu

169 Ir-rapport ġie ppreżentat lill-entitajiet awditjati u ġie ppubblikat fuq is-sit web tal-Qorti tal-Awditjar tar-Repubblika tas-Slovenja fil-11 ta' Settembru 2018.

Impatt mistenni

170 Ir-riżultat prinċipali tal-awditu implimentat kien li informa lill-pubbliku dwar is-sitwazzjoni attwali u l-problemi li jinħolqu mill-piż żejjed u mill-obeżità fit-tfal.

171 Wieħed mill-effetti possibbli tal-awditu jista' jkun, fost oħrajn, li jgħib bidliet u emendi fir-regolamenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-ambitu rrakkomandat tal-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel.

PARTI III – Rapporti tas-SAls mad-daqqat'għajn

63

Aċċess għas-servizzi tas-saħħa



Il-Ġermanja Bundesrechnungshof

Riċerka fil-qasam tas-saħħa meħtieġa biex jiġi
studjat il-valur
tat-trattament ortodontiku

Ħarsa ġenerali

172 L-awditu tas-SAI Ġermaniża vvaluta l-valur tat-trattament ortodontiku. L-awditu kopra l-perjodu mill-2014 sal-2016.

173 Il-fondi statutorji tal-assigurazzjoni tas-saħħa jirrimborżaw biss it-trattament ortodontiku (eż. braces) jekk is-snien jew ix-xedaq li jkunu pożizzjonati ħażin ifixklu b'mod sinifikanti, jew jheddu li jfixklu, persuna meta tomgħod, tigde, titkellem jew tiegħu n-nifs. L-ispiża għal kull każ patoloġiku ttrattat kważi rduppjat fi snin reċenti. Skont l-istimi, aktar minn nofs it-tfal u l-adolexxenti kollha fil-Ġermanja jirċievu trattament ortodontiku. F'dan il-kuntest, il-Bundesrechnungshof, li għandha mandat biex tawditja s-sistema statutorja tal-assigurazzjoni tas-saħħa tal-Ġermanja, irrieżaminat kif il-fondi tal-assigurazzjoni tas-saħħa ttrattaw is-servizzi ortodontiċi għall-benefiċjarji tagħhom.

Kif twettaq l-awditu

174 L-oġettiv tal-awditu kien li jinkiseb għarfien dwar l-ispejjeż u l-proċeduri involuti fl-approvazzjoni, l-implimentazzjoni u l-fatturazzjoni tat-trattament ortodontiku mill-fondi statutorji tal-assigurazzjoni tas-saħħa.

175 Barra minn hekk, il-Bundesrechnungshof investigat jekk u sa liema punt il-Ministeru Federali tas-Saħħa żgura l-effiċjenza ta' dawn is-servizzi.

176 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu l-Ministeru Federali tas-Saħħa, il-fondi magħżula tal-assigurazzjoni tas-saħħa u l-organizzazzjoni umbrella ta' fondi statutorji tal-assigurazzjoni tas-saħħa.

177 L-awditu kien prinċipalment ibbażat fuq ir-rieżaminar ta' dokumenti pprovduti mill-Ministeru Federali tas-Saħħa u minn fondi tal-assigurazzjoni tas-saħħa, korpi ta' konsultazzjoni tal-pazjenti u korpi awtonomi tad-dentisti kuntrattati (proċeduri ortodontiċi, kuntratti, studji dwar l-ortodontika eċċ.), u fuq intervisti ma' rappreżentanti ta' dawn il-korpi.

Osservazzjonijiet prinċipali

Il-valur tat-trattament ortodontiku mhuwix sostnut minn riċerka xjentifika

178 Il-*Bundesrechnungshof* ikkonkludiet li l-Ministeru Federali tas-Saħħa u l-fondi tal-assigurazzjoni tas-saħħa ma kellhomx ħarsa ġenerali komprensiva tas-servizzi ortodontiċi speċifiċi pprovduti lill-pazjenti. Kien hemm nuqqas ta' *data* fil-livell nazzjonali, eż. dwar it-tip, id-durata u s-suċċess tat-trattament, il-gruppi ta' etajiet trattati, id-dijanjożi sottostanti, l-għadd ta' każijiet kompluti u t-trattamenti mwaqqfa. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda valutazzjoni fis-seħħ, ibbażata fuq din id-*data*, dwar il-valur miżjud tat-trattament ortodontiku. B'riżultat ta' dan, ma hemmx informazzjoni disponibbli dwar l-oġettivi tal-fondi tal-assigurazzjoni tas-saħħa biex jintnefqu aktar minn EUR 1 000 000 000 fis-sena fuq trattamenti ortodontiċi, jew dwar is-suċċess ta' dawn it-trattamenti, jekk dan ikun il-każ.

Il-benefiċjarji spiss iħallsu żżejjed għal trattamenti ortodontiċi

179 Barra minn hekk, il-*Bundesrechnungshof* sabet li d-dentisti spiss kienu joffru servizzi addizzjonali, li l-benefiċjarji kellhom iħallsu għalihom minn buthom. Dawn is-servizzi li tħallsu mill-pazjenti stess kienu prinċipalment jinvolvu metodi oħra ta' trattament, dijanjostika u apparat ortodontiku (eż. braces).

180 Skont studju mwettaq minn fond wieħed tal-assigurazzjoni tas-saħħa, tliet kwarti ta' dawk mistħarrġa kienu ħallsu huma stess għal servizzi privati mogħtija mill-ortodontisti li kienu qed jagħtuhom it-trattament. Kważi nofs ta' dawk mistħarrġa kienu ħallsu aktar minn EUR 1 000. Għall-biċċa l-kbira mill-każijiet, il-fondi tal-assigurazzjoni tas-saħħa ma kinux infurmati dwar it-trattamenti ortodontiċi u dwar is-servizzi li tħallsu mill-benefiċjarji stess u li dawn tal-aħħar kienu rċevew. Il-fondi tal-assigurazzjoni tas-saħħa kienu jsiru jafu biss dwar it-trattamenti u s-servizzi li rċevew f'każijiet eċċezzjonali, bħal meta l-benefiċjarji kienu jilmentaw dwar id-dentisti tagħhom. Hawnhekk, ukoll ma kienx ċar kemm it-trattamenti kienu rnexxew.

Rakkomandazzjonijiet

181 Il-*Bundesrechnungshof* irrakkomandat li jitwettaq sħarriġ u tinġabar *data* dwar is-sitwazzjoni tal-kura ortodontika kif ukoll dwar il-ħtiġijiet u l-oġettivi tat-trattament, l-indikaturi u l-kontrolli tal-kwalità, inklużi s-servizzi li jiġihallu mill-pazjenti stess. Jenħtieġ li l-Ministeru Federali tas-Saħħa jagħti bidu għall-evalwazzjonijiet u, fejn ikun meħtieġ, jaħdem biex jinħolqu l-kundizzjonijiet statutorji meħtieġa. It-tip ta' servizzi ortodontiċi pprovduti taħt assigurazzjoni tas-saħħa statutorja jridu jiġu ddeterminati biex jirriflettu r-risultati ta' din ir-riċerka fil-qasam tal-kura tas-saħħa. Jekk is-servizzi li jiġihallu mill-pazjenti stess ikunu ppreferuti mis-servizzi attwali pprovduti mill-fondi tal-assigurazzjoni tas-saħħa, jenħtieġ li l-korpi rilevanti jqisu jekk għandhomx jinkludu dawn is-servizzi fil-kura pprovduta mill-fondi tal-assigurazzjoni tas-saħħa.

Pubblikazzjoni u segwitu

182 Il-*Bundesrechnungshof* ippreżentat ir-rapport tagħha lill-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi tal-Kumitat tal-Baġit tal-*Bundestag* bħala parti mir-rapport annwali tagħha dwar il-ġestjoni finanzjarja federali tal-Gvern Federali.

183 Ir-rapport tal-awditjar ġie ppubblikat fuq is-sit web tal-*Bundesrechnungshof* f'April 2018. Il-pubblikazzjoni tiegħu kienet akkumpanjata minn sqarrija għall-istampa (ara www.bundesrechnungshof.de/en/themen/health-health-insurers/health-health-insurers, it-tielet punt fil-lista).

184 Il-*Bundesrechnungshof* biħsiebha tagħti segwitu dwar jekk il-Ministeru Federali tas-Saħħa hux qed jieħu passi effettivi biex jgħin sabiex tiġi żgurata l-kosteffettività tal-benefiċċji tal-assigurazzjoni tas-saħħa għat-trattamenti ortodontiċi.

Impatt mistenni

185 B'rispons għar-rakkomandazzjoni tal-*Bundesrechnungshof*, il-Ministeru Federali tas-Saħħa kkummissjona rapport xjentifiku biex jirriċerka, jippreżenta u jevalwa l-istat attwali ta' għarfien mediku dwar l-effetti fit-tul tat-trattament ortodontiku fuq is-saħħa orali.

186 Flimkien mal-assoċjazzjonijiet ċentrali tal-fondi tal-assigurazzjoni tas-saħħa u d-dentisti kkuntrattati, il-Ministeru biġsibu jevalwa r-rakkomandazzjonijiet biex tittieħed azzjoni, li ġew imfassla mill-esperti, u jiddiskuti l-passi li jmiss li għandhom jittieħdu biex tissaħħaħ ir-riċerka fil-qasam tal-kura tas-saħħa u jiġi vvalutat il-valur tal-ortodontika.



Il-Litwanja Valstybės Kontrolė

L-aċċessibbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-orjentazzjoni lejn il-pazjenti

Ħarsa ġenerali

187 L-awditu tas-SAI Litwana vvaluta l-aċċessibbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-orjentazzjoni lejn il-pazjenti. L-awditu kopra l-perjodu mill-2014 sal-2016. Id-*data* mill-2017 u l-2018 ġiet eżaminata wkoll, jekk din kienet rilevanti għall-bidliet li seħħew.

Kif twettaq l-awditu

188 Il-valutazzjoni ffukat fuq il-kwistjonijiet li ġejjin:

- il-ġestjoni tal-ħinijiet ta' stennija għal servizzi tal-kura tas-saħħa;
- ix-xerqien tal-ippjanar għall-għadd meħtieġ ta' speċjalisti fil-kura tas-saħħa;
- l-effettività tal-użu ta' tagħmir għali li jkun proprjetà ta' stabbilimenti mediċi;
- l-iżvilupp tal-kundizzjonijiet meħtieġa biex tkun żgurata l-aċċessibbiltà tat-teknoloġiji mediċi l-aktar reċenti u r-rieżaminar ta' teknoloġiji li diġà qed jintużaw;
- l-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-ġestjoni tal-aspettattivi tal-pazjenti.

189 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu l-Ministeru tas-Saħħa, l-Aġenzija ta' Akkreditazzjoni tal-Kura tas-Saħħa tal-Istat u l-Fond Nazzjonali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa.

190 Barra minn hekk, id-*data* u l-informazzjoni nġabru minn stabbilimenti mediċi pubbliċi u privati, muniċipalitajiet, organizzazzjonijiet professjonali ta' speċjalisti tal-kura tas-saħħa, organizzazzjonijiet tal-pazjenti u stabbilimenti xjentifiċi.

191 Il-metodoloġija tal-awditjar kienet tinkludi reviżjoni ta' dokumenti, valutazzjoni komparattiva, sħarriġ ta' stabbilimenti mediċi u muniċipalitajiet, sħarriġ tal-popolazzjoni, intervisti, analiżi tad-*data* u ttestjar.

Osservazzjonijiet prinċipali

In-nuqqas ta' effettività tal-miżuri maħsuba biex inaqqsu l-ħinijiet ta' stennija għas-servizzi

192 Il-Ministeru tas-Saħħa ma kellux informazzjoni oġġettiva dwar il-ħinijiet ta' stennija, kif ukoll ix-xejriet u l-fatturi sottostanti li fixxlu l-ippjanar ta' miżuri effettivi biex dawn jitnaqqsu. Il-Ministeru naqas ukoll li janalizza l-impatt tal-miżuri użati fuq il-fluttwazzjonijiet fil-ħinijiet ta' stennija. Il-miżuri li jnaqqsu l-ħinijiet ta' stennija ma kinux ippermettew li jinkisbu r-riżultati mixtieqa minħabba n-nuqqas ta' indirizzar ta' kwistjonijiet ewlenin relatati mal-flussi tal-pazjenti, il-funzjonament tas-sistema tas-saħħa elettronika, l-iżbilanċ tal-istruttura tal-ispeċjalisti tal-kura tas-saħħa, eċċ. Bħala mod biex jindirizzaw il-kwistjonijiet relatati mal-aċċessibbiltà tas-servizz, 17 % tal-pazjenti kienu jużaw servizzi mħallsa (nofshom għamlu hekk minħabba kjuwijiet twal iżżejjed), u 19 % kienu qed iwettqu awtotrattament.

Il-ħtieġa li jsir titjib fl-ippjanar għad-domanda għal speċjalisti tal-kura tas-saħħa

193 Meta fassal it-talba għat-taħriġ ta' speċjalisti tal-kura tas-saħħa għal stabbilimenti tax-xjenza u l-edukazzjoni, il-Ministeru naqas milli jivvaluta l-bidliet fl-istruttura tas-servizz, id-domanda għal dawn is-servizzi fir-reġjuni, l-ammont ta' xogħol tal-ispeċjalisti, ir-riżenji tat-tobba mill-professjoni, u t-tbassir tal-emigrazzjoni. Il-Ministeru pprova biss jissostitwixxi tobba li kienu se jirtiraw, iżda ma ħax inkunsiderazzjoni d-domanda għal infermiera. L-għadd ta' tobba qabeż il-medja tal-UE, madankollu, kien hemm nuqqas ta' esperti f'oqsma speċifiċi, bħall-kardjoloġija, l-oftalmoloġija u n-newroloġija, kif ukoll ta' infermiera, li affettwa l-aċċessibbiltà tas-servizzi.

L-użu ineffettiv ta' apparat għali fi stabbilimenti mediċi, u n-nuqqas ta' inċentivi għall-valutazzjoni ta' teknoloġiji ġodda

194 Aktar minn nofs (59 %) tal-apparat mediku għali (li jiswa aktar minn EUR 29 000) kien jintuża b'intensità baxxa, filwaqt li 7 % ta'dan l-apparat ma kien jintuża xejn. Matul il-perjodu awditjat, il-Ministeru beda l-proċeduri għall-akkwist ta' apparat ġdid, madankollu huwa naqas milli jaġġi bidu għar-ridistribuzzjoni ta' apparat għali, u b'hekk ħalla l-problema tal-użu ineffettiv ta' apparat disponibbli mhux solvuta.

195 Il-bidu tal-valutazzjoni ta' teknoloġiji ġodda kien kajman (matul il-perjodu ta' erba' snin, l-istabbilimenti mediċi u l-fornituri privati ppreżentaw għall-valutazzjoni 11-il teknoloġija biss) minħabba n-nuqqas ta' finanzjament għall-użu ta' teknoloġiji tal-kura tas-saħħa ġodda u approvati. Meta tfaċċaw teknoloġiji ġodda, dawk disponibbli spiss ma ġewx ivvalutati. Dan wassal għal nuqqas li jiġi żgurat li l-pazjenti kollha jirċievu trattament permezz tat-teknoloġiji l-aktar reċenti.

Il-pazjenti ma kinux involuti fl-iżvilupp tal-kura tas-saħħa biex l-aspettattivi tagħhom jiġu ssodisfati

196 Kemm il-Ministeru kif ukoll l-istabbilimenti mediċi naqsu milli jagħmlu użu minn sħarriġ tal-pazjenti maħsub biex jiddetermina l-aspettattivi tagħhom. Għalkemm nofs il-muniċipalitajiet awditjati ġabru *data* dwar stabbilimenti mediċi, huma naqsu milli jagħmlu użu minnha fit-teħid ta' deċiżjonijiet rigward l-organizzazzjoni tas-servizzi. Ir-rappreżentanza tal-pazjenti kienet frammentata – ir-rappreżentanti tal-pazjenti kienu involuti biss f'40 % tal-gruppi ta' ħidma li huma qiesu importanti. Il-pazjenti ma ġewx notifikati b'mod komplet dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, u dan ikkontribwixxa biex madwar 20 % tal-pazjenti jgħid li l-appuntamenti tagħhom, b'hekk komplew jiżdiedu l-ħinijiet ta' stennija.

Rakkomandazzjonijiet

197 Sabiex tiżdied l-aċċessibbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, jitnaqqsu l-ħinijiet ta' stennija, u jintużaw ir-riżorsi disponibbli b'mod aktar effettiv, is-SAI rrakkomandat li:

- jiġu mmonitorjati u analizzati regolarment l-użu u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-flussi tal-pazjenti, kif ukoll l-impatt tal-miżuri li jnaqqsu l-ħinijiet ta' stennija, u l-implimentazzjoni tal-miżuri tiġi bbażata fuq l-eżiti ta' dan il-monitoraġġ u din l-analiżi;
- tiġi żviluppata sistema għall-ippjanar tad-domanda għall-ispeċjalisti kollha tal-kura tas-saħħa fuq il-bażi tal-analiżi tad-*data*;
- tiġi estiża l-valutazzjoni annwali tal-istabbilimenti billi tinkludi indikaturi tal-użu għal apparat mediku għali;
- tiġi speċifikata l-proċedura għall-finanzjament ta' teknoloġiji ġodda vvalutati, u jiġu rieżaminati u vvalutati mill-ġdid it-teknoloġiji tal-kura tas-saħħa li diġà qed jintużaw.

198 Sabiex tittejjeb l-orjentazzjoni tal-pazjenti lejn is-sistema tal-kura tas-saħħa, is-SAI rrakkomandat li ġej:

- o jiġi estiż u/jew rivedut il-kontenut tal-istudji u tal-istħarriġ dwar il-prospettiva tal-pazjenti mwettqa mill-Ministeru u mill-istabbilimenti mediċi biex jidentifikaw l-aspettattivi tal-pazjenti, li mbagħad jistgħu jintużaw biex isir titjib fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa;
- o jiġi estiż il-kontenut tal-informazzjoni maħsuba biex tneġġegħ lill-pazjenti biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom u jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, kif ukoll il-mezzi li jipprovduha;
- o jiġu stabbiliti kriterji għall-inklużjoni ta' organizzazzjonijiet tal-pazjenti fit-teħid ta' deċiżjonijiet minn kumitati u gruppi ta' ħidma rigward it-titjib tal-kura tas-saħħa.

Pubblikazzjoni u segwitu

199 Ir-rapport tal-awditjar ġie ppreżentat lill-entitajiet awditjati, lill-kumitat parlamentari dwar l-awditjar, lill-istabbilimenti mediċi u lill-pubbliku ġenerali (waqt Signals 2018, konferenza internazzjonali organizzata mis-SAI fl-2018).

200 F'konformità mad-dati ta' skadenza għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet miftiehma fir-rapport, ir-rapporti semiannwali jiġu ppreżentati lill-kumitati parlamentari.

Impatt mistenni

201 L-awditu huwa mistenni li jirriżulta f'bidliet organizzattivi/proċedurali (fl-oqsma tal-monitoraġġ tal-aċċessibbiltà tas-servizzi, l-ippjanar tad-domanda għal speċjalisti tal-kura tas-saħħa, il-valutazzjoni tal-użu tal-apparat mediku, l-identifikazzjoni tal-aspettattivi tal-pazjenti u l-inklużjoni tal-organizzazzjonijiet tal-pazjenti) u fil-kunsiderazzjoni mill-ġdid tad-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament (minħabba teknoloġiji ġodda).



Malta

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika

Il-funzjoni tat-tabib tal-familja – Il-qalba tal-kura tas-saħħa primarja

Farsa ġenerali

202 L-awditu tas-SAI Maltija vvaluta l-funzjoni tat-tabib tal-familja (general practitioner (GP)) u r-rwol tiegħu fil-kura tas-saħħa primarja. L-awditu kopra l-perjodu mill-2014 sal-2016.

203 Id-dokumenti nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea jirrikonossu li minkejja estensjoni sinifikanti tas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja, maż-żmien, dan is-settur qatt ma kien fuq quddiem nett tas-servizzi tas-saħħa f'Malta.

204 L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ta' Malta kien diġà evalwa l-funzjoni tat-tabib tal-familja fi ħdan iċ-Ċentri tas-Saħħa fl-2001 permezz ta' verifika tal-effettività *Primary Healthcare – the General Practitioners Function within Health Centres*. Dak iż-żmien, mill-verifika ntwera ċar is-sodisfazzjon ta' dawk li jagħmlu użu mis-servizzi tal-GP. Madankollu, ir-Rapport qanqal tħassib dwar aspetti varji ta' kif qed jingħata s-servizz. Il-kwistjonijiet li tqajmu, primarjament, kienu relatati mal-kontinwità ta' kura permezz ta' servizz aktar personalizzat, id-distribuzzjoni mhux daqshekk bilanċjata ta' GPs fiċ-ċentri tas-saħħa, u li mhux qed isir użu mis-sistema għall-appuntamenti u l-kosteffiċjenza tas-servizzi.

Kif twettqet il-verifika

205 L-oġġettivi tal-verifika intenzjonati biex jiddeterminaw l-estent ta' dawn:

- ħidmiet relatati mal-funzjoni tal-GP jirrendu s-servizzi relatati aċċessibbli u kwalitattivi fl-għan tagħhom li jilħqu l-oġġettivi tal-kura tas-saħħa primarja;
- strutturi ta' organizzazzjoni u amministrattivi jiffaċilitaw il-mod kif jingħata s-servizz; u
- effettività fl-infiq għas-servizzi pprovduti.

206 L-entitajiet prinċipali li ġew verifikati kienu d-Dipartiment tal-Kura tas-Saħħa Primarja (Malta), l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex (Għawdex) u d-Dipartiment tal-Aċċidenti u Emerġenza tal-Isptar Mater Dei.

207 Il-metodoloġija għall-verifika kienet tinkludi r-reviżjoni ta' dokumenti, il-gwida u kontroll ta' intervisti nofshom strutturati, u s'tħarriġ, u eżerċizzji ta' kkostjar tad-diversi servizzi pprovduti mill-funzjoni tal-GP. L-iskop ta' din il-verifika ma kienx jinkludi dawk is-servizzi l-oħra (mhux tal-GP) ipprovduti minn diversi speċjalisti mediċi fiċ-ċentri tas-saħħa.

Osservazzjonijiet prinċipali

208 Mill-verifika ħarġu indikazzjonijiet qawwija li, ġeneralment, il-funzjoni tal-GP qed tosserva l-miżuri strateġiċi nazzjonali deskritti fl-Istrateġija Nazzjonali għas-Sistema tas-Saħħa f'Malta u li s-servizzi qed jiżdiedu u jitwessgħu.

209 Min-naħa l-oħra, din ir-reviżjoni siltet ukoll ċerti kwistjonijiet. Bl-organizzazzjoni preżenti, aktar twessigħ tal-funzjoni tal-GP billi jagħmilha waħda fejn il-pazjent ikun fiċ-ċentru tal-attenzjoni, ma jkunx possibbli mingħajr ċaqliq fl-iffinanzjar relattiv, li jirrifletti, b'mod aktar realistiku, il-vantaġġi soċjoekonomiċi fit-tul ta' investimenti fil-kura tas-saħħa primarja. Flimkien ma' dan, teżisti l-opportunità għal aktar sfruttar ta' interrelazzjoni u sinerġiji potenzjali ta' kollaborazzjoni bejn is-setturi privati u pubbliċi. Minħabba f'hekk, permezz ta' kollaborazzjoni aktar mill-qrib mal-partijiet interessati, il-funzjoni pubblika tal-GP tista' tikkontribwixxi iżjed biex tqiegħed il-kura tas-saħħa primarja fil-fulkru tas-servizzi nazzjonali tas-saħħa.

Rakkomandazzjonijiet

210 L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ta' Malta ħareġ ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- Id-Dipartiment tal-Kura tas-Saħħa Primarja (PHCD) ġie mhegġegħ ikompli jassessja b'aktar intensità l-probabbiltà li jwessa' u jestendi l-funzjoni tal-GP billi b'mod komplimentari jisfrutta s-servizzi pprovduti minn tobba fis-settur pubbliku u privat – inkluż permezz ta' Sħubija bejn il-Gvern u l-Privat u l-għoti b'kuntratt.
- Irid jittieħed inkunsiderazzjoni ċ-ċaqliq dejjem jiżdied fl-allokazzjoni tal-estimi fi ħdan is-settur tas-saħħa li jiffavorixxi l-kura tas-saħħa primarja.

- Il-PHCD ġie m'ħeġġeġ biex il-miżuri strateġiċi mniżżla fl-Istrateġija Nazzjonali għas-sistema tas-Saħħa għal Malta għall-perjodu 2014-2020 u dokumenti oħra issa jibdilhom fi pjani jiet ta' proġetti li jistgħu jiġu implimentati. Dan jitlob qabelxejn li jiġu stabbiliti skeda jew programm li matulhom issir l-implimentazzjoni kif ukoll x'riżorsi huma meħtieġa.
- Għandhom jiġihaffu l-isforzi biex tiġi introdotta l-Chronic Disease Management Clinic fiċ-ċentri tas-saħħa kollha. L-introduzzjoni tagħha maċ-ċentri kollha tas-saħħa tkompli tippromwovi l-kontinwità ta' prinċipji ta' kura u ta' fejn il-pazjent għandu jkun fiċ-ċentru tal-attenzjoni, u maż-żmien se tkabbar il-benefiċċji tal-funzjoni tal-GP.
- Il-PHCD ġie m'ħeġġeġ ikompli fit-tiftixa twila u diffiċli tiegħu li jara kif se jċaqlaq il-bilanċ tas-servizzi tiegħu minn kura immedjata għal promozzjoni favur is-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard. Il-PHCD kellu l-opportunità jżid mal-kampanji ta' għarfien li hawn bħalissa billi jinkoraġġixxi lill-GPs biex jenfasizzaw mill-ġdid il-messaġġi ta' dawn il-kampanji waqt iż-żjarat tagħhom għand il-pazjenti.
- Iridu jittieħdu inkunsiderazzjoni ż-żidiet fil-kollaborazzjoni strateġika, amministrattiva u fil-ħidmiet kollha li saru fiċ-ċentri tas-saħħa f'Malta u Għawdex. Dan jiżgura livell ogħla ta' servizz f'dawk li huma armonizzazzjoni u modifikazzjonijiet biex in-nies jinqdew aħjar, kif ukoll li jiġu kondiviżi ma' kulħadd l-esperjenzi individwali f'dak li hu żvilupp tas-servizz.
- L-aċċessibbiltà għall-informazzjoni finanzjarja amministrattiva kellha tissaħħaħ – is-Sezzjoni tal-Finanzi kien għad kellha bżonn aktar appoġġ permezz ta' investiment f'infrastruttura tal-ICT adatta.
- Il-PHCD ġie m'ħeġġeġ jagħmel użu aħjar tal-mezzi ta' ICT disponibbli, bħas-sistema Clinical Patient Administration, biex jiżgura li jkollu statistika eżatta ta' kuntatt tal-pazjent. Tali informazzjoni ssaħħaħ l-ippjanar strateġiku u l-kontroll amministrattiv tal-ħidmiet tal-PHCD.
- Sforzi relatati mar-reġistrazzjoni ta' faċilitajiet e-prescription fil-Bereġ kellhom jiġihaffu. Dan kien jiddependi minn investiment xieraq fl-ICT.
- Il-PHCD ġie m'ħeġġeġ jikkoordina aktar mad-Dipartiment tal-Aċċidenti u Emerġenza tal-Isptar Mater Dei biex jimminimizza r-rata ta' pazjenti li jirrikorru mill-ewwel f'dan id-dipartiment bla bżonn, u dan meta jistgħu faċilment jingħataw kura jew attenzjoni meħtieġa permezz tal-funzjoni tal-GP f'wieħed miċ-ċentri tas-saħħa.

Pubblikazzjoni u segwitu

211 Ir-rapport ġie ppreżentat lill-Ispeaker tal-Kamra tar Rappreżentanti nhar is-27 ta' Ġunju 2016, u dan tpoġġa fuq il-mejda tal-Kamra fis-seduta li kien imiss. Ir-rapport ġie wkoll diskuss fil-Kumitat Parlamentari għall-Fondi Pubbliċi. Kif dan ir-rapport ġie ppreżentat lill-Parlament, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ta' Malta ppubblikah fuq is-sit elettroniku uffiċjali tiegħu. Ħarġet ukoll stqarrija għall-istampa, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż; din kienet tinkludi ġabra fil-qosor ta' dak li nstab speċjalment kwistjonijiet meqjusa importanti ħafna. Is-SAI għaddiet kopja tar-rapport lill-mezzi tax-xandir u lil partijiet ikkonċernati oħra.

212 L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ta' Malta wettaq xogħol ta' segwitu fuq ir-rapport ta' verifika tal-effettività fl-2018. L-implimentazzjoni ta' dan is-segwitu kienet magħmula prinċipalment minn għadd ta' intervisti parzjalment miftuħa ma' uffiċjali importanti fid-Dipartiment tal-Kura tas-Saħħa Primarja u minn analiżi ta' dokumentazzjoni relattiva. Dan ix-xogħol ta' verifika ta' segwitu, fil-biċċa l-kbira tiegħu, wera li d-Dipartiment tal-Kura tas-Saħħa Primarja daħal għall-biċċa xogħol ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport b'mod ħabrieqi għall-aħħar. Għal dan il-għan, żewġ rakkomandazzjonijiet tar-rapport oriġinali kienu ġew implimentati bis-sħiħ, filwaqt li kien diġà sar xogħol sostanzjali fir-rigward tat-tmienja l-oħra li jifdal.

Impatt mistenni

213 L-impatt fit-tul mistenni tar-rapport huwa li se jwassal għal tibdil f'dawk li huma organizzazzjoni u proċedura, żieda fl-iffinanzjar u fir-riżorsi umani għall-funzjoni tat-tabib tal-familja, u tisħiħ fl-infrastruttura tal-IT. Dan għandu jwassal ukoll għal servizzi fejn il-pazjent ikun iċ-ċentru tal-attenzjoni b'aktar iffukar fuq il-kontinwità ta' kura u t-twessigħ tas-servizzi tal-GP. Impatti fit-tul oħra jinkludu tnaqqis fid-domanda għall-kura sekondarja u fuq id-Dipartiment tal-Aċċidenti u Emerġenza tal-Isptar Mater Dei. Effett fit-tul ieħor jista' jkun li permezz tal-kura tas-saħħa primarja jiżdied l-għarfien ta' kif wieħed għandu jgħix ħajtu u dan se jinfluwenza l-inċidenza ta' mard kroniku l-aktar komuni fil-popolazzjoni Maltija.



Il-Portugall Tribunal de Contas

L-aċċess taċ-ċittadini għall-kura tas-saħħa fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa tal-Portugall

Ħarsa ġenerali

214 L-Awditu tas-SAI Portugiż vvaluta l-aċċess taċ-ċittadini għall-kura tas-saħħa fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa tal-Portugall fil-perjodu 2014-2016. Iċ-ċittadini qed jiffaċċjaw diffikultajiet kontinwi, b'mod partikolari f'termini ta' ħinijiet ta' stennija, f'dak li jirrigwarda l-aċċess tagħhom għall-kura tas-saħħa fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, b'mod partikolari għall-konsultazzjonijiet speċjalizzati fl-isptar u għall-kirurġija.

Kif twettaq l-awditu

215 L-awditjar kellu l-għan li jistabbilixxi jekk:

- is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa huwiex qed iwieġeb, fi żmien klinikament aċċettabbli, għall-bżonnijiet taċ-ċittadini f'termini ta' aċċess għal konsultazzjonijiet inizjali speċjalizzati u għal kirurġija ppjanata;
- il-proċeduri għar-reġistrazzjoni u t-trasferiment tal-listi ta' stennija twettqux skont ir-regoli fis-seħħ;
- il-miżuri li ġew implimentati mill-Ministeru biex iwieġeb għad-diffikultajiet ta' aċċess kinux effettivi.

216 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu ċerti servizzi tal-Ministeru tas-Saħħa u unitajiet magħżula fl-isptar.

217 Il-prestazzjoni tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa fir-rigward ta' indikaturi tal-aċċess għal konsultazzjoni inizjali fl-isptar u għal kirurġija ġiet ivvalutata abbażi ta':

- rapporti tekniċi prodotti mill-Ministeru tas-Saħħa, diversi korpi tal-Ministeru tas-Saħħa u l-Awtorità Regulatorja tas-Saħħa;

- o analiżi tad-*data* u tal-informazzjoni pprovduta mill-Amministrazzjoni Ċentrali tas-Sistema tas-Saħħa dwar ir-reġistrazzjoni u t-trasferiment ta' pazjenti fuq listi ta' stennija għal konsultazzjonijiet u kirurġija.

218 Il-kwalità tal-indikaturi kkalkulati u tar-reġistri sottostanti għet ivvalutata abbażi ta':

- o intervisti mal-impjegati tal-Amministrazzjoni Ċentrali tas-Sistema tas-Saħħa, tal-Amministrazzjoni tas-Saħħa Reġjonali ta' Lisbona u ta' Tagus Valley, u tal-kampjun ta' unitajiet ta' sptarijiet awditjati;
- o informazzjoni u *data* miġbura mill-unitajiet ta' sptarijiet awditjati, inklużi testijiet mill-bidu sal-aħħar tal-ambjent ta' kontroll u tal-proċeduri għar-reġistrazzjoni u t-trasferiment ta' pazjenti fuq listi ta' stennija għal konsultazzjonijiet u kirurġija.

Osservazzjonijiet prinċipali

219 It-*Tribunal de Contas* ikkonkluda li l-aċċess tal-pazjenti għal konsultazzjonijiet speċjalizzati fl-isptarijiet u għal kirurġija ppjanata kien mar għall-agħar fil-perjodu ta' tliet snin mill-2014 sal-2016, u dan irriżulta f'żieda:

- o fil-ħin medju ta' stennija għal konsultazzjoni inizjali speċjalizzata fl-isptar minn 115 għal 121 jum, u fin-nuqqas ta' konformità mal-ħinijiet massimi ta' rispons garantiti, minn 25 % fl-2014 għal 29 % fl-2016;
- o (i) fl-għadd ta' pazjenti fuq listi ta' stennija għal kirurġija, b'27 000 utent (+ 15 %);
(ii) fil-medja tal-ħin ta' stennija sa ma ssir il-kirurġija, bi 11-il jum (+ 13 %); u
(iii) fin-nuqqas ta' konformità mal-ħinijiet massimi ta' rispons garantiti, minn 7.4 % fl-2014 għal 10.9 % fl-2016.

220 Huwa kkonkluda wkoll li l-inizjattivi ċentralizzati li ġew implimentati mill-Amministrazzjoni Ċentrali tas-Sistema tas-Saħħa fl-2016 biex jiġu vvalidati u jitnaqqsu l-listi ta' stennija għall-ewwel konsultazzjonijiet speċjalizzati fl-isptarijiet tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa kienu jinkludu l-eliminazzjoni amministrattiva ta' applikazzjonijiet qodma ħafna, li fixxlu l-indikaturi tal-prestazzjoni rappurtati.

221 B'mod speċifiku fil-qasam tal-kirurġija, instab li n-nuqqas ta' ħruġ, b'mod waqtu u regolari, ta' vawċers kirurġiċi u ta' noti ta' trasferiment lill-pazjenti fuq il-listi ta' stennija, li bihom kieku setgħu jiġu operati f'unitajiet oħra tal-isptar b'kapaċità ta' rispons, żied il-ħinijiet ta' stennija.

222 It-*Tribunal de Contas* ikkonkluda li l-informazzjoni dwar il-listi ta' stennija li saret pubblikament disponibbli mill-Amministrazzjoni Ċentrali tas-Sistema tas-Saħħa ma kinitx affidabbli mhux biss minħabba difetti ripetuti fl-inkorporazzjoni tal-informazzjoni tal-isptar fis-sistemi ċentralizzati għall-ġestjoni tal-aċċess għal konsultazzjonijiet fl-isptar u għall-kirurġija, iżda wkoll minħabba l-inizjattivi ċentralizzati msemmija hawn fuq.

Rakkomandazzjonijiet

223 It-*Tribunal de Contas* għamel bosta rakkomandazzjonijiet fid-dawl tas-sejbiet tal-awditjar tiegħu, inkluż:

Lill-Ministru tas-Saħħa biex:

- o joħloq mekkaniżmi għall-ħruġ awtomatiku ta' vawċers kirurġiċi fi ħdan il-limiti ta' żmien statutorji kull meta ma jkunx possibbli li jkun hemm konformità mal-ħinijiet massimi ta' rispons garantiti fl-isptarijiet tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, biex il-proċess ta' internalizzazzjoni tal-produzzjoni kirurġika fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa ma jimminax id-dritt tal-pazjent li jirċievi trattament f'perjodu li jitqies bħala klinikament aċċettabbli;
- o ikollu korp estern għall-Amministrazzjoni Ċentrali tas-Sistema tas-Saħħa li jwettaq kontrolli regolari fuq il-kwalità tal-indikaturi tal-aċċess reklamati għall-konsultazzjonijiet inizjali fl-isptar u għall-kirurġija ppjanata.

Lill-Bord ta' Tmexxija tal-Amministrazzjoni Ċentrali tas-Sistema tas-Saħħa biex:

- o ma jadottax proċeduri amministrattivi li jirriżultaw fi tnaqqis artifiċjali fil-listi u fil-ħinijiet ta' stennija;
- o jipproduċi rapporti li jispjegaw il-kriterji adottati, u l-metodi u r-riżultati miksuba, kull meta l-bażijiet ta' *data* tas-sistema ta' informazzjoni ċentralizzata għall-ġestjoni tal-aċċess għall-konsultazzjonijiet fl-isptar u l-kirurġija jiġu mmodifikati, biex jiġu rettifikati l-iżbalji.

Pubblikazzjoni u segwitu

224 Ir-rapport intbagħat lill-korpi awditjati u lill-membri tal-Gvern responsabbli għalihom. Huwa ġie ppubblikat ukoll fis-sit web tat-*Tribunal de Contas*, flimkien ma' sommarju ta' paġna waħda, u ġew pprovduti notifikati lill-midja.

225 Wara l-pubblikazzjoni, il-President tat-*Tribunal de Contas* u l-Ministru tas-Saħħa nstemgħu waqt seduta parlamentari quddiem il-Kumitat tas-Saħħa tal-Assemblea Nazzjonali.

226 Sabiex jikkonformaw mal-istipulazzjonijiet finali tar-rapport, l-awtoritajiet li lilhom ġew indirizzati r-rakkomandazzjonijiet irrappurtaw fi żmien tliet xhur dwar l-azzjoni li kienu kienet. Seħħew ukoll skambji ta' informazzjoni sussegwenti. L-azzjoni meħuda fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet ġiet analizzata f'Settembru 2018, bil-konklużjoni tkun li kienu ġew implimentati 20 rakkomandazzjoni mis-47 li kienu saru (43 %), filwaqt li 21 rakkomandazzjoni oħra (45 %) kienu ġew implimentati parzjalment. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet kienu jinkludi:

- o L-implimentazzjoni ta' proċeduri maħsuba biex itejbu l-kwalità tad-*data* dwar l-aċċess għal konsultazzjonijiet inizjali u għal kirurġija ppjanata, l-għan kien li jiġi żgurat li x-xogħol li jitwettaq biex jiġi kkoreġuti l-iżbalji fis-sistemi ta' informazzjoni attwali jkun standardizzat u aktar trasparenti u aktar faċli biex jiġi awditjat;
- o L-esternalizzazzjoni ta' servizzi li jiżguraw li l-vawċers kirurġiċi jinħarġu mingħajr interruzzjoni u b'mod f'waqtu lill-pazjenti fuq il-listi ta' stennija.

Impatt mistenni

227 Il-bidliet fil-proċeduri operazzjonali u ta' kontroll għall-ġestjoni tal-listi ta' stennija għal konsultazzjonijiet u kirurġija. Il-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont fir-rigward tal-ġestjoni effiċjenti tal-listi ta' stennija, tal-konformità mal-ħinijiet massimi ta' rispons u tat-trasparenza proċedurali.



Ir-Rumanija Curtea de Conturi a României

L-iżvilupp ta' infrastruttura tas-saħħa fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali biex jiżdied l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa

Ħarsa ġenerali

228 Is-SAI Rumena vvalutat l-użu tal-fondi allokati għall-iżvilupp tal-infrastruttura tas-saħħa. L-awditu kopra l-perjodu mill-2011 sal-2015.

Kif twettaq l-awditu

229 Il-Ministeru tas-Saħħa kien l-entità prinċipali awditjata.

230 Il-metodoloġija tal-awditjar kienet tinkludi l-eżaminar ta' dokumenti ministerjali eżistenti relatati mas-suġġett awditjat, osservazzjonijiet diretti, kwestjonarji u intervisti mal-impjegati tal-entità awditjata.

Osservazzjonijiet prinċipali

231 Is-SAI Rumena għamlet l-osservazzjonijiet li ġejjin:

- il-Ministeru tas-Saħħa naqas milli jissostanzja b'mod adegwat ir-riżorsi meħtieġa biex jiffinanzja l-investimenti fis-sistema tal-kura tas-saħħa;
- il-Ministeru tas-Saħħa ma kkoordinax b'mod effiċjenti l-implimentazzjoni tal-investimenti permezz tad-dipartimenti funzjonali, u dan wassal għal ġestjoni difettuża kemm fil-livell tiegħu kif ukoll fil-livell tal-unitajiet sanitarji subordinati, li jfisser li fi 19-il sena, ġew finalizzati biss żewġ objettivi kbar ta' investiment;
- l-installazzjoni ta' tagħmir mediku li nxtara b'dewmien ta' 90 sa 800 jum;

- in-nuqqas li jiġi stabbilit rekord ċentralizzat tat-talbiet għall-finanzjament ta' investimenti ppreżentati lill-Ministeru minn unitajiet tas-saħħa pubblika, inklużi r-raġunijiet għalfejn ma ngħatax il-finanzjament tal-investimenti;
- in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipji tal-ekonomija, tal-effiċjenza u tal-effettività. L-unitajiet tal-kura tas-saħħa xtraw servizzi tal-immaġnijiet minn fornituri esterni waqt li kellhom tagħmir li bih setgħu jwettqu tali servizzi;
- l-allokazzjoni tal-fondi ta' investiment isseħħ b'mod predominanti fit-tieni semestru tas-sena tal-baġit. Xi kultant il-proċeduri ta' akkwist ma ġewx iffinalizzati fis-sena baġitarja, u dan wassal għat-telf tal-finanzjament;
- ma hemm l-ebda akkwist pubbliku ċentralizzat ta' tagħmir mediku. L-akkwisti saru b'mod deċentralizzat minn kull unità tas-saħħa, li wassal għal prezzijiet tax-xiri differenti;
- il-Ministeru tas-Saħħa ma stabbilixxa l-ebda sett ta' indikaturi fiżiċi u ta' indikaturi tal-effiċjenza li jintraċċaw il-kisba tal-investimenti, l-iżvilupp ta' infrastruttura tas-saħħa, il-forniment ta' tagħmir mediku lill-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa jew il-livell ta' ssodisfar tal-indikaturi stabbiliti. L-analiżi regolari tal-indikaturi fiżiċi u tal-indikaturi tal-effiċjenza ma twettqitx;
- in-nuqqas ta' għarfien tas-sitwazzjoni attwali tal-faċilitajiet sanitarji f'termini ta' apparat mediku ta' prestazzjoni għolja (CT, MRI, angjografs, aċċeleraturi lineari);
- il-Ministeru tas-Saħħa ma ppjanax u ma wettaqx kontrolli li jivverifikaw l-użu tal-fondi allokati għall-iżvilupp tal-infrastruttura tas-saħħa.

Rakkomandazzjonijiet

232 Is-SAI Rumena targejt ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- jiġi stabbiliti riżorsi xierqa għall-iffinanzjar tal-infiq kapitali/tat-trasferimenti kapitali, immirati lejn l-użu effiċjenti tar-riżorsi allokati;
- jiġi stabbilit monitoraġġ permanenti tal-użu ta' riżorsi finanzjarji minn unitajiet sanitarji, u jiġi elaborati l-proċeduri li jistabbilixxu qafas obligatorju għal unitajiet subordinati ta' rappurtar f'waqtu ta' ammonti mhux użati;

- jiġi żgurat finanzjament adegwat tal-investimenti u l-miżuri approvati biex jipprovdu appoġġ speċjalizzat lil unitajiet subordinati;
- ikun hemm involviment b'mod sostnut fix-xogħol imwettaq mill-unitajiet sanitarji b'enfasi fuq it-twettiq u l-ikkummissjonar f'waqthom tal-investimenti f'termini ottimali;
- isiru arranġamenti għal spezzjonijiet perjodiċi fuq l-attività tal-investment biex jiġi vvalutat l-istadju tat-twettiq;
- jiġi stabbilit rekord reali tat-talbiet għall-finanzjament tal-investimenti mill-unitajiet sanitarji, biex jintuża bħala sors ta' informazzjoni għall-għażla tal-unitajiet benefiċjarji ta' fondi u għall-prijoritizzazzjoni ta' investimenti bbażati fuq kriterji oġġettivi;
- jiġu analizzati l-miżuri għal akkwist ċentralizzat għall-inqas għal tagħmir ta' prestazzjoni għolja u jiġu żviluppati miżuri li jiżguraw l-użu effiċjenti ta' fondi pubbliċi;
- jiġi stabbilit sett ta' indikaturi fiżiċi u ta' indikaturi tal-effiċjenza biex jiġi mmonitorjat kif l-infrastruttura tas-sistema tas-saħħa qed tiġi żviluppata;
- jiġu analizzati modi possibbli biex tiġi ffinalizzata, implimentata u mħaddma s-sistema informatika ta' prestazzjoni għolja u biex jiġu kkapitalizzati l-istudji ta' qabel il-fattibbiltà u tal-fattibbiltà, il-gwidi arkitettoniċi u l-proġetti tekniċi akkwistati u mhux użati;
- jiġu kkordinati u mmonitorjati l-unitajiet sanitarji matul il-proċess kollu ta' assorbiment ta' fondi mhux rimborżabbli biex tingħata spinta lir-rata ta' assorbiment;
- jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jinkisbu l-kundizzjonalitajiet *ex ante* u jiġi rilaxxat il-finanzjament mhux rimborżabbli pprovdut permezz tal-Programm Operazzjonali Reġjonali 2014-2020;
- jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiġu aċċessati u użati b'mod effiċjenti l-fondi magħmula disponibbli mill-UE permezz tal-Programm Operazzjonali Reġjonali u l-fondi allokat permezz tal-ftehim ta' self mal-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-lżvilupp;
- tiġi implimentata bażi ta' *data* nazzjonali tal-infrastruttura tas-saħħa.

Pubblikazzjoni u segwitu

233 Ir-rapport ġie ppreżentat fil-forma ta' sinteżi lill-Presidenza Rumena, lill-Gvern, lill-Kamra tad-Deputati, lis-Senat, lill-Akkademja Rumena, lill-Akkademja tax-Xjenzi Mediċi, lill-kumitati speċjalizzati tal-Parlament Rumen, lil xi ministeri u lill-Kamra Nazzjonali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa. Ir-rapport ġie ppubblikat f'Lulju 2017 fil-forma ta' sommarju fuq is-sit web tal-Qorti tal-Kontijiet Rumena.

234 Ir-rapport ta' segwitu ġie abbozzat f'Ottubru 2018, li wassal lill-Ministeru tas-Saħħa biex jibda l-passi biex jimplimenta l-miżuri mitluba mill-Qorti tal-Kontijiet.

Impatt mistenni

235 L-identifikazzjoni tal-aħjar riżultati miksuba b'segwitu għall-implimentazzjoni tal-miżuri mitluba u l-kawżi li wasslu għan-nuqqas ta' twettiq tal-oġettivi proposti.



L-Unjoni Ewropea

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Azzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali: ambizzjonijiet sinifikanti, iżda tenħtieġ ġestjoni aħjar

Ħarsa ġenerali

236 Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) vvalutat jekk l-azzjonijiet li ttieħdu mill-UE fil-kura tas-saħħa transkonfinali jwasslux il-benefiċċji antiċipati lill-pazjenti. L-awditu kopra l-perjodu mill-2008 sal-2018.

237 Id-Direttiva tal-UE dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali, li ġiet adottata fl-2011, għandha l-għan li tiżgura kura medika transkonfinali sikura u ta' kwalità għolja fl-UE, u li tipprevedi r-rimborż barra l-pajjiż taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikabbli fil-pajjiż ta' oriġini. Hija għandha wkoll l-għan li tiffaċilita kooperazzjoni aktar mill-qrib f'dak li jirrigwarda s-saħħa elettronika, l-iskambji transkonfinali ta' *data* tal-pazjenti u l-aċċess għall-kura tas-saħħa għal mard rari permezz tal-iżvilupp tan-Netzwerke Ewropej ta' Referenza (ERNs).

238 L-awdituri eżaminaw jekk il-Kummissjoni Ewropea kinitx immonitorjat l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali u jekk kinitx iggwidat lill-Istati Membri biex jinfurmaw lill-pazjenti dwar id-drittijiet tagħhom. Barra minn hekk, huma vvalutaw ir-riżultati li nkisbu fir-rigward tal-iskambji transkonfinali ta' *data* dwar is-saħħa u vverifikaw l-azzjonijiet ewlenin li ttieħdu mill-UE fil-qasam tal-mard rari.

Kif twettaq l-awditu

239 Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar kienet: "L-azzjonijiet li ttieħdu mill-UE fil-kura tas-saħħa transkonfinali qed jipprovdu benefiċċji għall-pazjenti?"

240 Il-QEA eżaminat ukoll jekk:

- il-Kummissjoni kinitx issorveljat tajjeb l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali fl-Istati Membri;

- ir-riżultati li nkisbu sa issa f'termini tal-iskambji transkonfinali ta' *data* dwar is-saħħa kinux konformi mal-aspettattivi;
- l-azzjonijiet li ttieħdu mill-UE fil-qasam tal-mard rari kinux ipprovdew valur miżjud għall-isforzi tal-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-aċċess tal-pazjenti għall-kura tas-saħħa.

Il-Kummissjoni Ewropea kienet l-entità prinċipali awditjata.

241 Il-metodoloġija kienet tinkludi intervisti ma' rappreżentanti tal-Kummissjoni u ma' ħames awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-implimentazzjoni tad-Direttiva (fid-Danimarka, fl-Italja, fil-Litwanja, fin-Netherlands u fl-Iżvezja). Twettaq stħarriġ fost ir-rappreżentanti kollha tal-Istati Membri fi ħdan il-Grupp ta' Esperti dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali u fost ir-rappreżentanti tan-Netwerk tas-saħħa elettronika. Barra minn hekk, ġew iwwalutati proġetti ffinanzjati mill-UE u ġew ikkonsultati l-esperti.

Osservazzjonijiet prinċipali

242 Il-QEA għamlet l-osservazzjonijiet li ġejjin:

Implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali

- Il-Kummissjoni mmonitorjat tajjeb kemm it-traspożizzjoni tad-direttiva fil-liġi nazzjonali kif ukoll l-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri.
- Hija appoġġat ukoll lill-Istati Membri fit-titjib tal-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-pazjenti għall-kura tas-saħħa transkonfinali, iżda għad hemm xi lakuni.

Skambji transkonfinali ta' *data* dwar is-saħħa

- Il-Kummissjoni ma vvalutatx kif xieraq la l-għadd potenzjali ta' utenti u lanqas il-kosteffettività tal-iskambju transkonfinali ta' *data* dwar is-saħħa.
- It-tbassir tal-volumi ta' skambji transkonfinali ta' *data* dwar is-saħħa kien ottimist iżżejjed. Fiż-żmien meta sar l-awditu – Novembru 2018 – l-Istati Membri kienu għadhom se jibdwu jiskambjaw id-*data* dwar is-saħħa tal-pazjenti b'mod elettroniku.

In-Netzwerke Ewropej ta' Referenza

- L-ERNs għal mard rari huma innovazzjoni ambizzjuża, li hija appoġġata b'mod mifrux minn tobbja, fornituri tal-kura tas-saħħa u pazjenti.

- Madankollu, il-proċess biex jiġu stabbiliti l-ERNs kien ikkaratterizzat minn nuqqasijiet, u qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti f'dak li jirrigwarda s-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom.

Rakkomandazzjonijiet

243 Il-QEA tirrakkomanda li l-Kummissjoni:

- tipprovdi aktar appoġġ lill-punti ta' kuntatt nazzjonali biex isir titjib fl-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-pazjenti għall-kura tas-saħħa transkonfinali;
- tħejji aħjar għall-iskambji transkonfinali ta' *data* dwar is-saħħa;
- ittejjeb l-appoġġ li jingħata lill-ERNs u l-ġestjoni tagħhom, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kura tas-saħħa għal pazjenti b'mard rari.

Pubblikazzjoni u segwitu

244 Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

245 Ir-rapport ġie ppubblikat fuq is-sit web tal-QEA fi 23 lingwa tal-UE flimkien ma' stqarrija għall-istampa fl-4 ta' Ġunju 2019.

246 Bħala proċedura standard, il-QEA se twettaq segwitu tar-rapport wara tliet snin mill-pubblikazzjoni tiegħu.

Impatt mistenni

247 Il-QEA tistenna l-impatt li ġej:

- informazzjoni aktar ċara lill-pazjenti tal-UE dwar id-dritt tagħhom għal kura tas-saħħa transkonfinali;
- l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ERNs għal mard rari fuq is-siti web tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali;

- il-valutazzjoni tal-prattika u tal-kosteffettività tal-iskambji ta' *data* dwar il-kura tas-saħħa bejn il-fruntieri u jekk dawn jipprovdux kontribut sinifikanti għas-sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa;
- l-azzjonijiet li ttieħdu mill-UE fil-qasam tal-mard rari u tal-kura tas-saħħa transkonfinali jiffaċilitaw l-aċċess ta' pazjenti b'mard rari għal dijanjożi rapida u trattament xieraq;
- il-valutazzjoni tar-riżultati tal-istrateġija tal-UE dwar il-mard rari;
- biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-ERNs, kwalunkwe finanzjament futur li jingħata mill-UE għan-Netzwerke se jiġi mmaniġġjat taħt l-istruttura aktar sempliċi u, b'hekk, il-piż amministrattiv tagħhom se jitnaqqas.

PARTI III – Rapporti tas-SAls mad-daqqa t'għajn

88

Il-kwalità tas-servizzi tas-saħħa



L-Awstrija
Rechnungshof

Aċċertament tal-kwalità għat-tobba

Ħarsa ġenerali

248 L-awditu tas-SAI Awstrijaka kellu l-għan li jivvaluta l-organizzazzjoni, is-suġġetti magħżula u t-trasparenza tal-aċċertament tal-kwalità tal-Gvern Federali għal tobba li għandhom il-prattika tagħhom stess. L-awditu kopra l-perjodu mill-2013 sal-2016.

Kif twettaq l-awditu

249 Il-valutazzjoni ffukat fuq l-elementi li ġejjin:

- il-bażi ġuridika u teknika għall-aċċertament tal-kwalità, inklużi l-għanijiet u l-benefiċċji tal-aċċertament tal-kwalità;
- l-organizzazzjoni tal-aċċertament tal-kwalità, inklużi atturi, strutturi u attivitajiet;
- l-evalwazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani li jintużaw għall-aċċertament tal-kwalità;
- l-evalwazzjoni tal-prijoritajiet magħżula tal-aċċertament tal-kwalità – il-proċeduri tal-aċċertament tal-kwalità, is-sistemi tal-ġestjoni tal-kwalità u l-proġetti tal-kejl tal-kwalità fil-livell tal-kura outpatient;
- ir-rappurtar dwar l-aċċertament tal-kwalità.

250 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu l-Ministeru tas-Saħħa u l-Affarijiet tan-Nisa (fiżżmien meta sar l-awditu: il-Ministeru tas-Saħħa), il-Kamra Medika Awstrijaka u s-Soċjeta Awstrijaka għall-Aċċertament tal-Kwalità u l-Ġestjoni tal-Kwalità fil-Mediċina (ÖQMed).

251 Il-metodoloġija tal-awditjar kienet tinkludi valutazzjoni kemm tal-istudji Awstrijaċi kif ukoll ta' dawk internazzjonali, intervisti mal-persunal tal-entitajiet prinċipali awditjati, u analiżi tal-evidenza miġbura, inkluż jekk u kif il-miri ġew implimentati.

Osservazzjonijiet prinċipali

252 Bejn l-2005, meta l-Att dwar il-Kwalità tal-Kura tas-Saħħa sar effettiv, u l-2012, il-Ministeru Federali tas-Saħħa ppubblika tliet settijiet ta' linji gwida dwar il-kwalità għat-tobba li għandhom il-prattika tagħhom stess. Billi dawn kienu validi għal żmien limitat biss u billi l-Ministeru ma pprovdix regolamenti ta' segwitu fil-ħin, mill-inqas tnejn minnhom ma baqgħux validi fl-2017.

253 Ir-riforma fil-kura tas-saħħa tal-2013 kienet tinkludi d-deċiżjoni li jiġi introdott kejl tal-kwalità tal-output għat-tobba li għandhom il-prattika tagħhom stess. Minn dakinhar, madankollu, il-kejl standardizzat tal-kwalità tat-trattamenti la ġie żviluppat u lanqas ġie implimentat għas-settur tal-outpatient. Għalhekk, għad ma hemm l-ebda pjattaforma federali indipendenti li tipprovdi lill-pazjenti bl-informazzjoni dwar il-kwalità tat-trattament.

254 Barra minn hekk, is-SAI Awstrijaka osservat li l-Gvern Federali, il-provinċji u l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ma kinux introduċew dokumentazzjoni standardizzata dwar id-dijanjożi u l-prestazzjoni fil-livell tal-kura outpatient, għalkemm din kienet diġà ġiet maqbula bħala parti mir-riforma fil-kura tas-saħħa tal-2005 u proġett pilota kien ikkonferma l-fattibbiltà teknika tagħha.

255 Għalkemm il-kompiti tal-aċċertament tal-kwalità kienu ta' interess pubbliku, il-Gvern Federali assenja dawn il-kompiti lill-Kamra Medika Awstrijaka, li l-għan prinċipali tagħha huwa li tissalvagwardja l-interessi professjonali, soċjali u ekonomiċi tat-tobba. F'dan il-kontest, kienet l-ÖQMed li fil-prattika wettqet il-kompiti tal-aċċertament tal-kwalità f'isem il-Kamra Medika Awstrijaka. Madankollu, bħala s-sussidjarja tagħha, l-ÖQMed kellha rabtiet organizzattivi u baġitarji mill-qrib mal-Kamra.

256 Skont l-Att dwar it-Tobba, it-tobba kellhom jevalwaw il-kwalità tas-servizzi offruti fil-kirurġija tagħhom kull ħames snin. Biex jagħmlu dan, huma mlew kwestjonarji ta' awtovalutazzjoni pprovduti mill-ÖQMed. It-tweġibiet għall-mistoqsijiet kienu limitati għal "iva", "le" jew "mhux applikabbli". It-tqassim u l-kontenut tagħhom ħeġġew risposti pożittivi.

257 Fost il-prattikanti li mlew il-kwestjonarju bejn l-2012 u l-2016, 97 % kienu ddikjaraw li huma konformi bis-sħiħ mal-kriterji msemmija fil-mistoqsijiet. Madankollu, il-kontrolli tal-validità fuq l-awtovalutazzjoni mwettqa mill-ÖQMed abbażi ta' spezzjonijiet ta' kirurġiji magħżula permezz ta' kampjun aleatorju wrew li madwar 18 % tal-kirurġiji ma kinux

jikkonformaw ma' mill-inqas kriterju wieħed. Il-probabbiltà ta' rieżaminar min-naħa tal-ÖQMed, madankollu, kienet biss ta' 7 %; statistikament, kirurġija setgħet tiġi inkluża biss fil-kampjun darba kull 70 sena.

Rakkomandazzjonijiet

258 Is-SAI Awstrijaka għamlet l-osservazzjonijiet li ġejjin:

Lill-Ministeru Federali tas-Saħħa biex:

- jiżviluppa standards ta' kwalità bi kriterji u/jew dispożizzjonijiet vinkolanti malajr kemm jista' jkun u b'hekk jiżgura l-implimentazzjoni tal-oġettiv stabbilit fl-Att dwar il-Kwalità tal-Kura tas-Saħħa mill-korp leġiżlattiv.
- ifassal regolamenti ta' segwitu għal-linji gwida federali dwar il-kwalità li jkunu invalidi. Fil-futur, meta jippubblika l-istandards tal-kwalità, jenħtieġ li jiġi kkjarifikat jekk dawn humiex vinkolanti jew rakkomandazzjonijiet biss.
- jipprovdi lill-kummissjoni tal-kontroll tal-eżitu bi proposta ta' riżoluzzjoni għall-prijoritizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' kura oħra fil-livell nazzjonali, li jenħtieġ li jiġu żviluppati u implimentati malajr.
- jagħmel sforz biex il-kejl tal-kwalità tal-output jiġi implimentat fil-livell tal-kura outpatient kif stabbilit fil-Ftehim dwar l-Organizzazzjoni u l-Finanzjament tas-Sistema tal-Kura tas-Saħħa skont l-Artikolu 15a tal-Liġi Kostituzzjonali Federali; dan jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-kunċett maqbul fil-perjodu tal-kontroll tal-eżitu mill-2017 sal-2021.
- jistabbilixxi mill-aktar fis possibbli bażi ġuridika għad-dokumentazzjoni dwar id-dijanjożi outpatient.
- jiżviluppa xenarji biex tiġi stabbilita istituzzjoni responsabbli għall-aċċertament tal-kwalità, li tkun indipendenti mil-lat finanzjarju u organizzattiv.
- fir-rapporti futuri dwar il-kwalità, jenħtieġ li r-rata tan-nuqqas ta' konformità tal-awtovalutazzjoni tat-tobba li jkollhom il-prattika tagħhom u dik tal-kontroll tal-validità tal-istituzzjoni responsabbli għall-aċċertament tal-kwalità jiġu deskritti separatament u jiġu mqabbla. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-devjazzjonijiet jiġu evalwati u jittieħdu miżuri (eż. servizzi ta' informazzjoni u ta' konsulenza) biex fl-awtovalutazzjoni jiġu evitati dikjarazzjonijiet foloz.

Lill-Ministeru Federali tas-Saħħa u lill-Kamra Medika Awstrijaka:

- o jagħmlu newtrali l-alternattivi tar-risposti fil-kwestjonarji tal-awtovalutazzjoni.
- o iqisu l-alternattivi li jżidu l-għadd ta' kontrolli tal-validità. Biex tiġi garantita l-kwalità meħtieġa tal-kirurġiji u bħala servizz ta' konsulenza għat-tobba li jstabbilixxu faċilità ta' kirurġija ġdida, il-kontroll tal-validità jista' jsir vinkolanti. L-ispejjeż addizzjonali jistgħu jiġu koperti b'tariffa li trid titħallas minn dawk involuti.

Pubblikazzjoni u segwitu

259 Ir-rapport intbagħat lill-Parlament Awstrijak, lill-Ministru tas-Saħħa u lill-Kanċillier Awstrijak f'Lulju 2018 u ġie ppubblikat fuq is-sit web tal-ACA fl-istess jum. Huwa ġie ppreżentat lill-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-Parlament Awstrijak f'Novembru 2018 u ġie diskuss fil-Parlament Awstrijak f'Jannar 2019. Il-Qorti tal-Awditjar Awstrijaka biġsiebha twettaq inkjesta dwar l-istat tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fl-2019 u r-risultati se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tagħha fl-aħħar tal-2019. Skont ir-risultati ta' din l-inkjesta, jista' jitwettaq awditu ta' segwitu li jirriżulta f'awditi fuq il-post u f'rapport separat.

Impatt mistenni

260 L-awditu huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-kwalità tal-output billi jeżamina l-attivitajiet li kienu twettqu u jivvaluta l-effettività tagħhom. Mil-lat tat-twaqqit, ir-risultati tal-awditjar jistgħu jinċentivaw bidliet organizzattivi u proċedurali, u jikkontribwixxu għall-immirar u l-prioritizzazzjoni adegwati tal-fondi u tar-riżorsi fi żminijiet ta' restrizzjoni baġitarja.



Id-Danimarka Rigsrevisionen

Rapport dwar id-differenzi fil-kwalità tal-kura fl-isptarijiet Daniżi

Ħarsa ġenerali

261 L-awditu tas-SAI Daniż kellu l-għan li jivvaluta d-differenzi potenzjali fil-kwalità tal-kura fl-isptarijiet Daniżi. L-awditu kopra l-perjodu mill-2007 sal-2016.

262 L-Att Daniż dwar is-Saħħa jistipula li l-pazjenti kollha għandu jkollhom aċċess faċli u ugwali għal kura ta' kwalità għolja. Il-Ministeru tas-Saħħa u r-reġjuni ffukaw fuq id-differenzi ġeografiċi fil-kwalità tal-kura permezz ta' diversi inizjattivi. Mill-2012 'il hawn, ir-Reġistri Kliniċi Daniżi (RKKP) immonitorjaw id-*data* dwar il-kwalità tal-kura. L-RKKP jimmonitorjaw jekk il-pazjenti jirċevux kura li hija konsistenti mal-linji gwida dwar il-prattika klinika. Biex jagħmlu dan, l-RKKP jiġbru għarfien dwar il-kwalità tal-kura pprovduta fir-reġjuni u dwar kwalunkwe differenza bejn ir-reġjuni u l-isptarijiet.

Kif twettaq l-awditu

263 L-awditu ffoka fuq il-kwalità tal-kura u fuq id-differenzi li jikkonċernaw erba' tipi ta' mard: l-insuffiċjenza kardijaka, il-mard pulmonari ostruttiv kroniku (COPD), il-puplesija u l-ksur tal-ġenbejn. Dan il-mard intgħażel għall-istudju minħabba li jaffettwa għadd kbir ta' pazjenti u huwa ttrattat fil-biċċa l-kbira mill-isptarijiet fil-pajjiż. L-għan tal-awditu kien li jwieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin:

- Il-Ministeru tas-Saħħa u r-reġjuni stabbilew oqfsa li jiżguraw b'mod adegwat li l-pazjenti kollha jkollhom aċċess ugwali għal kura ta' kwalità fl-isptar u li jippermettu li r-reġjuni u l-isptarijiet jidentifikaw il-kawżi ta' kwalunkwe differenza fil-kwalità tal-kura fl-isptarijiet u jnaqqsu d-differenzi infondati?
- Hemm differenzi infondati fil-punt sa fejn il-kura pprovduta fl-isptarijiet lil pazjenti li jbatu minn insuffiċjenza kardijaka, COPD, puplesija jew ksur tal-ġenbejn hija konsistenti mal-indikaturi tal-proċess rilevanti kollha (indikaturi tal-kwalità għall-kura)?

264 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu l-Ministeru Daniż tas-Saħħa u l-ħames Reġjuni Daniżi. (Is-servizzi tas-saħħa huma fost il-kompiti ewlenin tar-reġjuni Daniżi.)

265 L-awditu twettaq permezz ta' reviżjonijiet ta' dokumenti, intervisti u analiżi bbażata fuq ir-reġistru.

Osservazzjonijiet prinċipali

266 *Ir-Rigsrevisionen* għamlet l-osservazzjonijiet li ġejjin:

- L-analiżi tas-SAI wriet li għadd sinifikanti ta' pazjenti li jbatu minn insuffiċjenza kardijaka, puplesija jew ksur tal-ġenbejn ma rċevewx il-programm sħiħ ta' kura rrakkomandata. Barra minn hekk, l-analiżi wriet nuqqas ta' konsistenza fil-kwalità tal-kura fl-erba' oqsma kollha ta' mard. Id-differenzi ma setgħux jiġu spjegati b'deċiżjonijiet professjonali konxji bbażati fuq iċ-ċirkostanzi jew il-bżonnijiet u x-xewqat tal-pazjenti stess.
- L-analiżi wriet li d-differenzi fil-kura affettwaw ir-riskju ta' riammissjoni jew mewt sussegwenti tal-pazjenti. L-analiżi bbażata fuq ir-reġistru indikat ukoll li l-biċċa l-kbira mid-differenzi relatati mar-riammissjoni u l-mewt jistgħu jiġu ttraċċati għal fatturi li mhumx taħt il-kontroll tal-isptarijiet.
- L-analiżi bbażata fuq ir-reġistru wriet li l-kura mogħtija lill-pazjenti bl-aġġar prospettivi kienet inqas konsistenti mal-indikaturi tal-proċess kollha rilevanti (indikaturi tal-kwalità għall-kura) milli kienet il-kura mogħtija lill-pazjenti bl-aħjar prospettivi. Dan kien japplika għall-erba' oqsma ta' mard.
- Għalhekk, l-analiżi bbażata fuq ir-reġistru indikat li għal pazjenti bl-aġġar prospettivi fi tlieta mill-erba' tipi ta' mard, id-differenzi fil-kwalità fil-kura jista' potenzjalment ikollhom effett fuq ir-riskju sussegwenti tagħhom ta' riammissjoni jew mewt.
- L-istudju wera li l-Ministeru u r-reġjuni taw segwitu għad-differenzi reġjonali fil-kwalità tal-kura mogħtija fl-isptarijiet u l-kawżi tagħhom. Madankollu, l-aċċertament tal-kwalità ma kienx ġie organizzat u segwit b'enfasi speċifika fuq jekk il-pazjenti bi bżonnijiet simili għall-kura, iżda f'ċirkostanzi differenti, kinux irċevew l-istess kura ta' kwalità għolja. Dan kien ifisser li l-Ministeru u r-reġjuni ma kellhom l-ebda *data* dwar id-differenzi fil-kwalità

tal-kura mogħtija lill-pazjenti f'ċirkustanzi differenti, u lanqas ma kienu jafu x'effett jista' jkollha differenza potenzjali fuq ir-riskju ta' riammissjoni jew mewt tal-pazjenti.

Rakkomandazzjonijiet

267 Ir-*Rigsrevisionen* irrakkomandat li l-Ministeru tas-Saħħa u r-reġjuni jivvalutaw regolarment jekk in-nuqqas li tingħata kura skont l-indikaturi tal-proċess rilevanti kollha kienx jaffettwa biss pazjenti b'ċerti karatteristiċi. Din l-informazzjoni tista' ttipprovdi l-bażi biex jittieħdu passi li jtejbu l-kwalità tal-kura għal dawn it-tipi ta' pazjenti u b'hekk tappoġġa l-oġettiv tal-Ministeru u tar-reġjuni li tiġi pprovduta b'mod konsistenti kura ta' kwalità għolja lill-pazjenti kollha.

Pubblikazzjoni u segwitu

268 Ir-rapport ġie ppreżentat lill-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi, li mbagħad żied ir-rimarki tiegħu qabel ma talab risposta mingħand il-Ministru tas-Saħħa.

269 Ir-rapport huwa disponibbli online mingħajr ħlas, u l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi kien disponibbli għall-mistoqsijiet tal-ġurnalisti.

270 Billi r-rapport huwa pjuttost reċenti (Jannar 2019), ir-*Rigsrevisionen* qed tistenna d-dikjarazzjoni tal-Ministru u se tkompli ssegwi r-rapport mill-qrib sakemm jiġu implimentati miżuri sodisfaċenti.

Impatt mistenni

271 Għadu kmieni wisq biex jiġi ddeterminat l-impatt tar-rapport.



Oifig an Ard-Reachtaire Cuntas agus Ciste
Office of the Comptroller and Auditor General



L-Irlanda Office of the Comptroller and Auditor General

Ġestjoni ta' kirurġija elettiva li titlesta f'ġurnata

Ħarsa ġenerali

272 L-awditu tas-SAl Irlandiża vvaluta l-progress li sar fil-bidla tal-għoti tat-trattament minn bażi inpatient għal bażi ta' kirurġija li titlesta f'ġurnata. Huwa kellu l-għan li jidentifika kwalunkwe fattur li jew jiffaċilita jew inkella jxekkel din il-bidla u li jivvaluta jekk kienx hemm lok biex jiġi estiż l-użu tal-kirurġija li titlesta f'ġurnata. Huwa kopra l-attività tal-kirurġija li titlesta f'ġurnata fi sptarijiet pubbliċi għall-kura akuta fl-Irlanda matul il-perjodu 2006-2012.

Kif twettaq l-awditu

273 L-awditu ffoka fuq mistoqsija waħda prinċipali: Hemm potenzjal biex jitnaqqas l-għadd ta' każijiet inpatient billi jiġi żgurat li, fejn ikun medikament xieraq, dawn il-każijiet jiġu trattati bħala każijiet li jitlestew f'ġurnata?

274 Skont din il-mistoqsija prinċipali, l-awditu qies jekk:

- o L-Eżekuttiv tas-Servizz tas-Saħħa (HSE) kienx analizza r-raġunijiet għall-varjazzjonijiet bejn l-isptarijiet biex jidentifika fejn jista' jsir titjib;
- o l-ostakoli għat-titjib tar-rati tal-kirurġiji li jitlestew f'ġurnata ġewx identifikati u indirizzati;
- o l-isptarijiet/il-proċessi HSE kinux iffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-informazzjoni biex jinkisbu ideat ta' prassi tajba.

L-entitajiet prinċipali awditjati kienu l-HSE u d-Dipartiment tas-Saħħa.

Il-valutazzjoni kienet prinċipalment ibbażata fuq il-għbir ta' *data* dwar il-kirurġija li titlesta f'ġurnata, intervisti li saru ma' persunal ewlieni u sħarriġ maħruġ lill-isptarijiet pubbliċi kollha għall-kura akuta fl-Eżekuttiv tas-Servizz tas-Saħħa. Dan sar f'kooperazzjoni ma' żewġ konsulenti mediċi bbażati fir-Renju Unit (anestetista u kirurgu newroloġiku).

Osservazzjonijiet prinċipali

275 Is-SAI Irlandiża għamlet l-osservazzjonijiet li ġejjin:

- Il-proporzjon tal-kirurġiji elettivi rrapportati, li twettqu bħala każijiet li jitlestew f'għurnata, żdied b'mod kostanti bejn l-2006 u l-2012. Il-volum tal-proċeduri kirurġiċi elettivi mwettqa fi sptarijiet pubbliċi għall-kura akuta żdied b'26 %, filwaqt li r-rata tal-każijiet li jitlestew f'għurnata għal dawn il-proċeduri żdiedet minn 55 % għal 69 % matul l-istess perjodu.
- Kien hemm varjazzjoni sinifikanti fil-prestazzjoni bejn l-isptarijiet, u dan jindika li għad hemm lok li r-rata tal-każijiet li jitlestew f'għurnata f'xi sptarijiet tiżdied b'mod konsiderevoli.
- Il-volum ta' każijiet ta' kirurġiji elettivi li jitlestew f'għurnata "mhux fil-mira" li saru fi sptarijiet għall-kura akuta żdied bejn l-2006 u l-2012, mingħajr ma kien hemm bidla korrispondenti fl-għadd ta' proċeduri "mhux fil-mira" mwettqa fuq bażi inpatient. Dan jista' jfisser li għadd dejjem akbar ta' proċeduri kirurġiċi minuri qed jitwettqu fuq bażi ta' ammissjoni fl-isptarijiet.
- Il-kriterji applikati mit-tobba meta jiddeċiedu jekk inizzjazzjoni pazjent fil-lista għal kirurġija li titlesta f'għurnata jew għal trattament inpatient jistgħu ma jkunux ċari jew konsistenti minħabba n-nuqqas ta' protokoll u listi ta' kontroll bil-miktub. Għall-maniġment jista' ma jkunx possibbli li jivvaluta għalfejn il-pazjenti tqiesu bħala li mhumiex adatti għall-kirurġija li titlesta f'għurnata.
- In-nuqqas ta' monitoraġġ jew rieżaminar min-naħa tal-maniġment superjuri tal-għadd ta' pazjenti meqjusa bħala li mhumiex adatti għall-kirurġija li titlesta f'għurnata jagħmilha diffiċli għall-isptarijiet biex jidentifikaw fejn ir-rati tal-kirurġiji li jitlestew f'għurnata għal tobba jew speċjalisti individwali huma baxxi u biex jinvestigaw il-kawżi ta' dan.
- Il-valutazzjonijiet ta' qabel l-operazzjoni mhux qed jitwettqu regolarment fi proporzjon sinifikanti ta' sptarijiet minkejja l-importanza tagħhom fl-identifikazzjoni ta' fatturi li jagħmlu l-kirurġija li titlesta f'għurnata mhux xierqa għal pazjenti individwali. Inqas minn nofs l-isptarijiet mistħarrġa jimmonitorjaw ir-rata ta' kanċellazzjoni tal-kirurġiji li jitlestew f'għurnata li jkunu skedati.
- L-infermiera huma responsabbli biss għal madwar 50 % tal-persuni li joħorġu mill-isptar, għalkemm l-użu ta' infermiera mħarrġa kif xieraq jista' jtaffi xi ftit mill-piż fuq it-tobba.

Il-pazjenti ta' kirurġiji li jitlestew f'għurnata meta joħorġu mill-isptar ftit li xejn jingħataw informazzjoni bil-miktub.

Rakkomandazzjonijiet

276 Is-SAI Irlandiża ħarġet l-osservazzjonijiet li ġejjin:

- Jenħtieġ li l-HSE jimmonitorja l-livelli tal-kirurġiji li jitlestew f'għurnata skont l-isptar, il-proċedura u l-ispeċjalità biex jistabbilixxi fejn il-livell tal-każijiet li jitlestew f'għurnata jkun baxx għal proċeduri ta' volum għoli, u jiffoka l-isforzi fuq it-titjib tal-prestazzjoni f'dawn il-każijiet. Jenħtieġ li l-isptarijiet jistabbilixxu miri speċifiċi għar-rati tal-kirurġiji li jitlestew f'għurnata għal kull tabib. Ir-rieżaminar tal-valutazzjonijiet tal-prestazzjoni kirurġika tat-tobba jenħtieġ li jinkludi l-kunsiderazzjoni tar-rati ta' prestazzjoni tal-kirurġiji li jitlestew f'għurnata.
- Biex jiġu ottimizzati r-rati tal-kirurġiji li jitlestew f'għurnata għal proċeduri elettivi, jenħtieġ li l-HSE jistabbilixxi miri separati xierqa għal kull proċedura kirurġika. Jenħtieġ li l-miri ġenerali għall-każijiet li jitlestew f'għurnata stabbiliti għal kull proċedura jkunu bbażati fuq il-prestazzjoni fl-isptarijiet bl-aqwa prestazzjoni filwaqt li miri aktar ambizzjużi jistgħu jiġu stabbiliti għal daww l-isptarijiet li diġà jinsabu fost daww bl-aqwa prestazzjoni.
- Biex jiġi żgurat li l-isptarijiet jiffukaw l-attenzjoni biex jiżdiedu r-rati tal-kirurġiji li jitlestew f'għurnata għall-kirurġiji elettivi kollha, jenħtieġ li l-HSE jżid l-għadd ta' proċeduri li għalihom huwa jistabbilixxi miri għar-rata tal-każijiet li jitlestew f'għurnata.
- Jenħtieġ li l-HSE jimmonitorja każijiet li attwalment huma kklassifikati bħala każijiet ta' kirurġija li titlesta f'għurnata, bl-għan li jiżgura li l-isptarijiet kollha jorjentaw il-każijiet kirurġiċi lejn strutturi ta' twettiq l-aktar xierqa u ekonomiċi.
- Jenħtieġ li l-isptarijiet kollha jistabbilixxu protokollu u listi ta' kontroll maqbula lokalment li jistabbilixxu b'mod ċar il-kriterji li t-tobba għandhom jużaw meta jagħżlu l-pazjenti li jkunu adatti għal kirurġija li titlesta f'għurnata. Jenħtieġ li l-HSE jissorvelja dan il-proċess biex jiżgura konsistenza fl-approċċ bejn l-isptarijiet.
- Sabiex jiġu identifikati l-oqsma fejn ir-rati tal-kirurġiji li jitlestew f'għurnata jkunu baxxi, jenħtieġ li l-amministrazzjoni tal-isptar tissorvelja r-rati tal-kirurġiji li jitlestew f'għurnata għat-tobba individwali u għal kull speċjalità. Jenħtieġ li l-HSE jikseb konferma mill-

isptarijiet li r-rati baxxi tal-kirurġiji li jitlestew f'għurnata jiġu diskussi regolarment mat-timijiet kliniċi rilevanti.

- Jenħtieġ li l-isptarijiet jiżguraw li l-proċeduri ta' valutazzjoni ta' qabel l-operazzjoni jiddaħħlu fis-seħħ biex jidentifikaw minn qabel il-pazjenti li ma jkunux adattati għall-kirurġija li titlesta f'għurnata.
- Jenħtieġ li l-isptarijiet jiżguraw li jkun hemm disponibbli informazzjoni xierqa bil-miktub għall-pazjenti ta' għurnata li joħorġu mill-isptar. Jenħtieġ li l-informazzjoni bil-miktub tkun ċara, kompluta u disponibbli bil-lingwi rilevanti. Jenħtieġ li l-HSE jassisti lill-isptarijiet biex jipprovdu din l-informazzjoni.
- Idealment, il-valutazzjoni ta' kemm il-pazjenti jkunu adatti biex joħorġu mill-isptar jenħtieġ li ssir minn infermiera u billi jintużaw kriterji stabbiliti.

Pubblikazzjoni u segwitu

277 Ir-rapport ġie ppreżentat lill-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi ta' Dáil Éireann (il-Parlament Irlandiż). Huwa ġie ppubblikat fuq is-sit web tal-Office of the Comptroller and Auditor General (l-Uffiċċju tal-Kontrollur u tal-Awditur Ġenerali) tal-Irlanda fid-19 ta' Awwissu 2014. Il-pubblikazzjoni kienet akkumpanjata minn stqarrija għall-istampa. L-HSE aċċetta li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-awditu. Għad irid jiġi stabbilit x'impatt dan se jkollu fuq l-effiċjenza u l-ispiża tal-kirurġija elettiva jew fuq il-kwalità tas-servizz li jingħata lill-pazjenti.

Impatt mistenni

278 Opportunitajiet għall-HSE biex joħloq effiċjenzi fil-livell operazzjonali u fir-rigward tal-ispejjeż f'dak li jirrigwarda t-twettiq ta' kirurġiji elettivi li jitlestew f'għurnata.

PARTI III – Rapporti tas-SAls mad-daqqa t'għajn

100

Teknoloġiji ġodda u Saħħa elettronika



Il-Bulgarija
Сметна палата на Република
България
Saħħa elettronika

Ħarsa ġenerali

279 L-awditu tas-SAI Bulgara vvaluta jekk is-saħħa elettronika kinitx għet żviluppata b'mod effettiv fil-Bulgarija. L-awditu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sat-30 ta' Ġunju 2016.

280 Il-Bulgarija bdiet tintroduċi s-saħħa elettronika fl-2006 u din tissemma fl-istrategġija u fil-pjanijiet tal-gvern bħala prijorità. Sal-2016, kienet għadha ma għet implimentata l-ebda sistema xierqa ta' informazzjoni dwar is-saħħa li (1) kienet tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għall-proċessi deċiżjonali, u (2) li kienet tippermetti skambji transkonfinali ta' *data* dwar is-saħħa.

Kif twettaq l-awditu

281 Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar kienet "Is-saħħa elettronika għet żviluppata b'mod effettiv fil-Bulgarija?"

282 Skont din il-mistoqsija prinċipali, is-SAI eżaminat żewġ sottomistoqsijiet:

- o Ġew stabbiliti l-prerekwiżiti għall-introduzzjoni u l-iżvilupp tas-saħħa elettronika?
- o Intlaħqu l-għanijiet relatati mal-bini u mal-iżvilupp tas-saħħa elettronika?

283 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu l-Ministeru tas-Saħħa, il-Fond Nazzjonali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa (NHIF) u ċ-Ċentru Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika u l-Analiżi (NCPHA).

284 Il-metodi standard għall-għbir u l-analiżi tad-*data* ntużaw biex jintlaħqu l-oġettivi tal-awditjar, bħal reviżjoni ta' dokumenti, intervisti ma' uffiċjali fil-Ministeru tas-Saħħa, fl-NCPHA u fl-NHIF, kif ukoll studji ta' każijiet.

285 Il-preċiżjoni u l-integrità tar-rekords elettroniċi tas-saħħa ġew ivvalutati permezz tal-ġhodka “xiri bil-moħbi”. Is-SAI Bulgara ħadet miżuri speċjali biex tissalvagwardja d-*data* privata tal-parteċipanti. Is-sodisfazzjon u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini ġew imkejla permezz ta’ stħarriġ tal-opinjoni pubblika mwettaq minn aġenzija speċjalizzata.

Osservazzjonijiet prinċipali

286 Il-prekundizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tas-saħħa elettronika ma kinux inħolqu:

- o ma kienx hemm qafas regolatorju għas-saħħa elettronika u għall-komponenti tagħha;
- o kien hemm dgħufijiet fl-ippjanar u fit-tqassim operazzjonali tal-oġettivi, il-miżuri u l-attivitajiet strateġiċi fil-livell tal-Ministeru tas-Saħħa, tal-NCPHA u tal-NHIF;
- o is-saħħa elettronika kienet qed tinbena fil-kuntest ta’ bidliet frekwenti ħafna fl-istruttura u fil-persunal, kemm fil-livell tal-maniġment superjuri kif ukoll fil-livell tal-persunal espert, li kellu impatt negattiv ħafna fuq it-traċċabbiltà tal-proċess u l-ilħuq tal-ġhanijiet;
- o id-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet għall-introduzzjoni tas-saħħa elettronika ma kinitx komprensiva jew adegwata biżżejjed;
- o ma ġietx stabbilita sistema effettiva għall-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni ta’ azzjonijiet, proġetti u akkwist pubbliku fost l-istituzzjonijiet, li twassal għal infiq ineffiċjenti ta’ fondi pubbliċi u għal dewmien fil-kisba ta’ priyoritajiet strateġiċi.

287 Matul il-perjodu awditjat, kien hemm dewmien fl-istabbiliment tas-saħħa elettronika fil-Bulgarija, u l-azzjonijiet tal-istituzzjonijiet setgħu jitqiesu li ma kinux effettivi minħabba dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

- o Ma kien hemm l-ebda kunċett ċar wara l-kostruzzjoni tas-sistema jew pjan għar-riżorsi finanzjarji meħtieġa; duplikazzjoni ta’ funzjonalitajiet u proġetti ta’ istituzzjonijiet oħra, eċċ.
- o Fit-30 ta’ Ġunju 2016, l-ebda standard nazzjonali relatat mal-informazzjoni dwar is-saħħa jew dokumentazzjoni medika ma ġew żviluppati u approvati, li jkunu jippermettu l-ipproċessar elettroniku u l-iskambju ta’ informazzjoni medika u dwar is-saħħa.

- Għad ma kienx hemm fis-seħħ sistema integrata xierqa għall-informazzjoni dwar is-saħħa.
- Is-sistemi ta' informazzjoni u r-reġistri tal-kura tas-saħħa ma kinux integrati u l-iskambju ta' *data* f'ħin reali bejniethom ma kienx ġie implimentat.
- Kważi 10 snin wara li l-ħtieġa għal konsultazzjonijiet elettroniċi, preskrizzjonijiet elettroniċi, u softwer ieħor ta' qsim ta' *data* f'ħin reali ġiet iddikjarata bħala prijorità strateġika, dawn ma kinux ġew żviluppati.
- Fit-30 ta' Ġunju 2016, ma kien inħoloq l-ebda rekord elettroniku tas-saħħa li kien komplet u li jipprovdi liċ-ċittadini u lill-professjonisti mediċi bl-informazzjoni meħtieġa biex jieħdu deċiżjonijiet adegwati fil-proċess tad-dijanjożi, tat-trattament u tar-riabilitazzjoni.
- Sa tmiem il-perjodu awditjat, ma kienx hemm portal nazzjonali tas-saħħa operazzjonali biex jintuża bħala punt uniku ta' aċċess għas-servizzi elettroniċi tas-saħħa u biex jipprovdi informazzjoni importanti dwar il-prevenzjoni tas-saħħa, l-edukazzjoni dwar is-saħħa, eċċ.
- Ir-riżultati tal-istħarriġ rappreżentattiv nazzjonali li twettaq ikkonfermaw li l-azzjonijiet għall-implimentazzjoni tas-saħħa elektronika ma kinux effettivi.

Rakkomandazzjonijiet

288 Saru 20 rakkomandazzjoni lill-Ministru tas-Saħħa biex itejjeb:

- il-qafas regolatorju u r-regolamentazzjoni tar-responsabbiltajiet;
- l-organizzazzjoni ġenerali għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-miżuri;
- is-sistema għall-koordinazzjoni, il-monitoraġġ u l-verifikazzjoni tal-implimentazzjoni.

289 Saru seba' rakkomandazzjonijiet lill-manijer tal-NHIF rigward l-iskambju awtomatiku ta' *data* f'ħin reali u t-titjib tas-sistemi tal-informazzjoni.

Pubblikazzjoni u segwitu

290 Ir-rapport ġie ppreżentat lill-Kumitat tal-Baġit u tal-Finanzi tal-Parlament Bulgaru u lill-Kumitat għall-Kura tas-Saħħa. Ir-rapport ġie ppubblikat elettronikament fuq is-sit web tas-SAI fit-28 ta' Lulju 2017. Il-pubblikazzjoni kienet akkumpanjata minn stqarrija għall-istampa.

291 Ir-rapport tal-awditjar ġie wkoll ippreżentat b'mod wiesa' permezz ta' diversi mezzi tal-midja Bulgari: il-gazzetti, ir-Radju Nazzjonali Bulgaru, it-Televiżjoni Nazzjonali Bulgara, l-aġenziji tal-informazzjoni u l-midja elettronika.

292 F'konformità mal-proċedura standard, ir-rapport se jingħata segwitu wara d-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

Impatt mistenni

293 L-implimentazzjoni tas-saħħa elettronika hija proċess kumpless u għali. Meta jitqies dan, l-impatt mistenni tal-awditjar huwa:

- o titjib fl-ambjent regolatorju;
- o l-iżvilupp ta' kunċett ċar għat-tiżiħ tas-saħħa elettronika, bl-involvement tal-partijiet ikkonċernati kollha;
- o koordinazzjoni aħjar biex jiġu eliminati r-riskji li l-fondi pubbliċi jintnefqu b'mod mhux effiċjenti;
- o azzjonijiet urġenti mill-istituzzjonijiet rilevanti biex jimplimentaw miżuri pubbliċi ewlenin, bħal rekords tas-saħħa elettronika, preskrizzjonijiet elettroniċi, referenzi elettroniċi, portal nazzjonali tas-saħħa u sistema nazzjonali ta' informazzjoni dwar is-saħħa.



L-Estonja
Riigikontroll

Attivitajiet tal-Istat fl-implimentazzjoni tas-sistema
tas-saħħa elettronika

Ħarsa ġenerali

294 L-awditu tas-SAI Estonjana vvaluta l-implimentazzjoni tas-sistema ta' informazzjoni tas-saħħa elettronika fil-livell nazzjonali.

295 L-ewwel pjanijiet għas-saħħa elettronika fl-Estonja tnejn fl-2004. Il-Gvern approva l-Pjan ta' Żvilupp tas-Sistema Estonjana ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa għall-perjodu 2005-2008 fl-2005. Il-Fondazzjoni Estonjana għas-saħħa elettronika twaqqfet f'Novembru 2005. Għalkemm is-sistema ta' informazzjoni dwar is-saħħa kellha tkun kompletament operattiva mill-2013, ir-Rekord Elettroniku tas-Saħħa (il-bażi ta' *data* ċentrali tas-saħħa) kien ġie implimentat biss parzjalment, il-fornituri tal-kura tas-saħħa (bħala l-utenti prinċipali tas-servizzi tas-saħħa elettronika) ma kinux sodisfatti bis-sistema, u ntnefqu aktar flus milli kien ippjanat oriġinarjament.

296 Il-perjodu awditjat kien mill-2005 u sal-2012, u jkopri l-attivitajiet kollha mwettqa sa mit-twaqqif tal-Fondazzjoni Estonjana għas-Saħħa Elettronika.

Kif twettaq l-awditu

297 Il-mistoqsijiet prinċipali tal-awditjar kienu:

1. Is-sistema ta' informazzjoni tas-saħħa elettronika tilħaq l-oġġettivi tagħha, u ġiet implimentata kif ippjanat? Jekk le, x'inhuma r-raġunijiet għal dan?
2. Il-prekundizzjonijiet tas-sistema attwali tas-saħħa elettronika jippermettulha tilħaq l-oġġettivi tagħha fil-futur?

298 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu l-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali, il-Fondazzjoni Estonjana għas-Saħħa Elettronika, il-Fond Estonjan għall-Assigurazzjoni tas-Saħħa u l-Awtorità tas-Sistema ta' Informazzjoni (ISA) tar-Repubblika tal-Estonja.

299 Il-metodoloġija tal-awditjar kienet tinkludi l-analiżi ta' dokumenti u rapporti, s'tħarriġ fost madwar 200 tabib, analiżi tad-*data*, osservazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tas-saħħa elettronika (b'għall-funzjonalità tagħhom u l-interfaċċja tal-utent għat-tobba) f'kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi tas-saħħa u intervisti mal-entitajiet awditjati u mal-fornituri tal-kura tas-saħħa.

Osservazzjonijiet prinċipali

300 Is-SAI Estonjana sabet li l-oġettivi tas-saħħa elettronika ma kinux intlaħqu billi:

- o minkejja l-pjanijiet inizjali, id-*data* fis-sistema tas-saħħa elettronika ma setgħetx tintuża għall-istatistika nazzjonali, għaż-żamma tar-reġistri jew għas-superviżjoni, u ma kinitx użata b'mod attiv mit-tobba għal skopijiet ta' trattament;
- o il-Preskrizzjoni Diġitali kienet l-unika soluzzjoni elettronika maħluqa mill-Istat li kienet tintuża b'mod attiv;
- o l-użu tar-Rekords Elettroniċi tas-Saħħa u r-referenzjar tal-immaġnijiet kien modest, u r-Reġistrazzjoni Diġitali (sistema ta' prenotazzjoni elettronika għall-appuntamenti) ma kinitx tniedet, minkejja li kienet ilha ħames snin li ġiet ikkompletata;
- o is-saħħa elettronika ma kellhiex maniġer strateġiku biex isegwi l-interessi tal-Istat u dan żamm lura l-implimentazzjoni;
- o il-ħolqien u l-implimentazzjoni tas-saħħa elettronika kienu swew konsiderevolment ħafna aktar milli kien ippjanat u ma kienx magħruf l-ammont ta' flus li għad kien meħtieġ;
- o is-saħħa elettronika ma għenitx biex jiġu ffrankati l-flus tal-assigurazzjoni tas-saħħa jew biex jiġi ottimizzat il-ħin tax-xogħol tat-tobba;
- o l-istituzzjonijiet tal-Istat ma kinux għadhom qed jibbenefikaw mid-*data* fis-sistema tas-saħħa elettronika, billi ħafna mid-*data* kienet nieqsa jew il-kwalità tagħha ma kinitx sodisfaċenti. Għalkemm il-fornituri tas-servizzi tas-saħħa jridu jibagħtu fajls mediċi lis-

sistema tas-saħħa elettronika, dan ma sarx b'mod sistematiku, u ħafna *data* ma ġietx ippreżentata.

301 Is-SAI sabet li r-raġuni wara t-tnedija dgħajfa tas-saħħa elettronika kienet l-attività mingħajr skop u każwali tal-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali bħala l-manigġer strateġiku inkarigat mill-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-saħħa elettronika. Huma kkonkludew li s-suċċess tas-saħħa elettronika kien jiddependi fuq it-tiżiżi tar-rwol ewlieni tal-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali.

Rakkomandazzjonijiet

302 Is-SAI Estonjana għamlet għadd ta' rakkomandazzjonijiet. Ir-rakkomandazzjonijiet prinċipali huma elenkati hawn taħt.

- Jiġu ddeterminati l-interessi tal-Istat fl-implimentazzjoni tas-saħħa elettronika u mbagħad jiġu stabbiliti l-kompiti tal-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u tal-Fondazzjoni Estonjana għas-Saħħa Elettronika.
- Jiġu kkompletati u implimentati l-proġetti tas-saħħa elettronika li diġà bdew (b'mod partikolari, ir-Reġistrazzjoni Diġitali u r-Rekords Elettroniċi tas-Saħħa) qabel ma jsir tentattiv biex jinħolqu servizzi ġodda.
- B'effett immedjat, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi tas-saħħa jiġu obbligati jibdew jużaw is-sistema ta' informazzjoni tas-saħħa elettronika u, jekk ikun meħtieġ, il-pagament għas-servizzi jintrabat mal-użu tas-sistema.
- Tiġi żviluppata l-faċilità tal-użu faċli tas-saħħa elettronika f'kooperazzjoni mal-Fondazzjoni Estonjana għas-Saħħa Elettronika.

Pubblikazzjoni u segwitu

303 Ir-rapport ġie ppreżentat lill-entitajiet awditjati, lill-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali u lill-Kumitat Magħżul għall-Kontroll tal-Baġit Statali fil-Parlament.

304 Ir-rapport ġie ppubblikat fuq is-sit web tas-SAI. Il-pubblikazzjoni kienet akkumpanjata minn stqarrija għall-istampa. Ġurnata qabel il-pubblikazzjoni, saret laqgħa għall-istampa fi ħdan is-SAI.

305 Fl-10 ta' Frar 2014, il-Kumitat Magħżul għall-Kontroll tal-Baġit Statali tal-Parlament organizza laqgħa miftuħa li għaliha attendew il-partijiet ikkonċernati prinċipali tas-sistema tas-saħħa elettronika u s-SAI. Il-laqgħa xxandret b'mod dirett fuq is-sit web tal-Parlament u minn portal ewlieni tal-aħbarijiet. Is-SAI kitbet ukoll artiklu dwar l-osservazzjonijiet prinċipali tal-awditjar, li ġie ppubblikat f'gazzetta ewlenija kwotidjana.

306 Is-segwitu tar-rapport twettaq minn April sa Settembru tal-2019. Instab li matul l-aħħar ħames snin saru avvanzi sinifikanti fl-iżvilupp tas-sistema tas-saħħa elettronika. Minbarra l-preskrizzjoni diġitali, ġew implimentati l-immaġni diġitali u l-portal tal-pazjenti. Barra minn hekk, ir-Reġistrazzjoni Diġitali fil-livell nazzjonali għal appuntamenti mediċi tniedet f'Awwissu tal-2019. Madankollu, għad hemm bosta konġestjonijiet importanti. Pereżempju, sa issa ma kienx hemm titjib fil-faċilità tal-użu tar-Rekords Elettroniċi tas-Saħħa, u għalhekk il-professjonisti tal-kura tas-saħħa ma għandhomx aċċess rapidu għall-informazzjoni kollha meħtieġa biex jipprovdu servizz f'waqt u ta' kwalità għolja lill-pazjent. Barra minn hekk, is-sistema tal-ambulanza elettronika jeħtieġ li tittejjeb sabiex tiżgura li l-informazzjoni tgħaddi b'mod effiċjenti bejn l-ambulanzi u l-isptarijiet sabiex il-pazjenti jkunu jistgħu jingħataw l-aktar trattament rapidu possibbli. Barra minn hekk, jeħtieġ li jsir titjib fl-istatistika u fil-kapaċità analitika fi ħdan is-sistema tas-saħħa elettronika għall-evalwazzjoni tal-kwalità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa.

Impatt mistenni

307 L-awditu kien mistenni jinkoraġġixxi lill-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali biex iwettaq ir-rwol tiegħu bħala l-mexxej strateġiku tas-sistema tas-saħħa elettronika u jiddefinixxi l-interessi tal-Istat fl-implimentazzjoni tas-saħħa elettronika. Kien importanti li l-Ministeru jiżgura l-integrazzjoni tal-ippjanar strateġiku u dak finanzjarju, minħabba li l-awditjar wera li, f'dak iż-żmien, ma kienx hemm stampa ġenerali dwar kemm l-ikkompletar u l-implimentazzjoni tal-proġetti tas-saħħa elettronika kienu se jiġu jiswew. B'mod ġenerali, ir-rapport tal-awditjar kien mistenni li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-sistema tas-saħħa elettronika biex jintlaħaq bis-sħiħ il-potenzjal tagħha għall-fornituri tal-kura tas-saħħa, il-pazjenti u l-Istat.



Il-Latvja Valsts Kontrole

Il-proġett “Saħħa elettronika fil-Latvja” huwa
pass
fid-direzzjoni t-tajba?

Ħarsa ġenerali

308 L-awditu tas-SAI Latvjana vvaluta jekk l-attivitajiet tal-Ministeru tas-Saħħa u s-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa kinux effettivi, produttivi u ffukati fuq l-ilħuq tal-oġġettivi relatati mal-introduzzjoni tas-saħħa elettronika u jekk l-investimenti fis-saħħa elettronika fil-Latvja ġewx użati b'mod ekonomiku u produttiv. L-awditu kopra l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2007 u l-1 ta' April 2015.

309 Id-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni tas-saħħa elettronika kienet tmien l-2015. Fuq perjodu ta' disa' snin ġew investiti EUR 14.5 miljun, iżda ma kien hemm disponibbli l-ebda servizz tas-saħħa elettronika għall-utenti. Sadanittant, mill-1 ta' Jannar 2016, is-sistema ta' informazzjoni tas-saħħa elettronika saret obbligatorja għall-fornituri kollha tas-servizzi tal-kura tas-saħħa (għal trattamenti outpatient u inpatient, prenotazzjonijiet elettroniċi, konsultazzjonijiet elettroniċi għal eżamijiet jew trattamenti, preskrizzjonijiet elettroniċi u ċertifikati elettroniċi tal-liv tal-mard).

Kif twettaq l-awditu

310 Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar kienet: Is-saħħa elettronika ġiet implimentat b'tali mod li tilħaq l-oġġettiv tagħha li tippromwovi kura tas-saħħa aktar effiċjenti?

311 Skont din il-mistoqsija prinċipali, is-SAI eżaminat jekk:

- is-sistema tas-saħħa elettronika tkunx kapaċi ssolvi l-problemi u tilħaq l-oġġettivi;
- l-attivitajiet imwettqa mis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa għall-introduzzjoni tas-saħħa elettronika kinux xierqa għall-ilħuq tal-oġġettivi;

- is-sistema ta' informazzjoni tas-saħħa elettronika żviluppata reċentement kinitx tiżgura s-sigurtà tal-informazzjoni u l-protezzjoni tad-*data* personali;
- kinux ġew stabbiliti superviżjoni u kontrolli effiċjenti tal-proġett “Saħħa elettronika fil-Latvja”.

312 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu l-Ministeru tas-Saħħa u l-istituzzjoni subordinata tiegħu – is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, li kien responsabbli għall-implimentazzjoni tas-saħħa elettronika.

313 Il-metodoloġija tal-awditjar kienet tinkludi analiżi tal-liġijiet u tar-regolamenti esterni, evalwazzjoni tal-politika implimentata mill-Ministeru tas-Saħħa, u valutazzjoni tal-konformità tas-saħħa elettronika mar-rekwiżiti tas-sikurezza tad-*data* u tal-protezzjoni tad-*data* personali (tal-pazjent), kif ukoll sħarriġ, reviżjoni tad-dokumenti u intervisti ma' uffiċjali mill-Ministeru tas-Saħħa u mis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa.

Osservazzjonijiet prinċipali

314 Il-proġett implimentat mill-Ministeru tas-Saħħa huwa pass fid-direzzjoni t-tajba biex tittejjeb l-effettività tal-forniment tas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Huwa jagħti lill-pazjenti kontroll akbar fuq saħħithom billi jħeġġiġhom iżommu stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa u se jipprovd i ġustifikazzjoni akbar għat-teħid ta' deċiżjonijiet, iħaffef is-servizzi fl-industrija tal-kura tas-saħħa u jiżgura informazzjoni ta' kwalità għolja u aċċessibbli.

315 Madankollu, il-politika mħejjija mill-Ministeru tas-Saħħa fil-qasam tas-saħħa elettronika ma kinitx ġiet implimentata fl-ambitu u fid-data ta' skadenza ppjanati; għalhekk il-mira biex tittejjeb l-effettività tal-forniment tas-servizzi tal-kura tas-saħħa kienet intlaħqet biss parzjalment.

316 Mill-bidu nett tal-implimentazzjoni tal-proġett tas-saħħa elettronika feġġew xi defiċjenzi (żbalji) sostanzjali, jiġifieri l-esperti tal-industrija ma kinux involuti fil-proġett, ġew identifikati bosta bidliet fl-istituzzjoni li timplimenta l-proġett u ġestjoni mhux effettiva tal-proġett, u fl-aħħar nett ma kienx hemm superviżjoni adegwata tal-proġett.

- Għalkemm il-Ministeru tas-Saħħa kien ħejja dokument ta' ppjanar għall-implimentazzjoni tas-saħħa elettronika, dan ma kienx ġie aġġornat fuq perjodu ta' disa' snin (mill-2007) u ma kienx jirrifletti r-realtà.
- Għalkemm għaddew disa' snin mill-bidu tal-proġett tas-saħħa elettronika (mill-2007) u l-Ministeru tas-Saħħa kien investa EUR 14.5 miljun fil-proġett, fl-1 ta' April 2015, is-sistema ta' informazzjoni dwar is-saħħa u s-servizzi elettroniċi ppjanati ma kinux aċċessibbli għall-utenti.
- Kien hemm riskju li s-sistema tas-saħħa elettronika ma tiksibx popolarità biżżejjed fost il-popolazzjoni u l-fornituri tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, minħabba li s-sistema ma kinitx tinftehem u ma kinitx aċċessibbli għall-utenti potenzjali kollha.
- Fl-1 ta' April 2015, is-sistema ta' informazzjoni tas-saħħa elettronika ma kinitx lesta mill-perspettiva tas-sigurtà tad-*data* u tal-protezzjoni tad-*data* personali.
- Is-superviżjoni u l-kontrolli tal-implimentazzjoni tas-saħħa elettronika, imwettqa mill-Ministeru tas-Saħħa, ma kinux effettivi biżżejjed.

Rakkomandazzjonijiet

317 L-Uffiċċju Statali tal-Awditjar tal-Latvja għamel għadd ta' rakkomandazzjonijiet. Ir-rakkomandazzjoni prinċipali indirizzata lill-Ministeru tas-Saħħa kienet li jenħtieġ li huwa jemenda r-regolament dwar id-data tal-bidu għall-użu obligatorju tas-sistemi ta' informazzjoni tas-saħħa elettronika, billi jipprovdi perjodu ta' żmien biex jiġu riżolti d-defiċjenzi misjuba, u jiġi ddefinit perjodu raġonevoli – ta' mill-inqas sitt xhur – biex il-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jissieħbu fis-sistema ta' informazzjoni tas-saħħa elettronika fuq bażi volontarja.

318 Sabiex it-tnedija tas-sistema ta' informazzjoni tas-saħħa elettronika tirnexxi, is-SAI rrakkomandat lill-Ministeru tas-Saħħa biex:

- jittestja ripetutament is-soluzzjonijiet kollha żviluppati f'dak li jirrigwarda s-saħħa elettronika, skont ir-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, sabiex jinkiseb aċċertament rigward l-operat tas-sistema, il-kapaċità tagħha biex taħdem flimkien ma' sistemi oħra u l-kompatibbiltà semantika tagħha;

- o jirrettifika d-defiċjenzi u l-imperfezzjonijiet kollha relatati mas-sigurtà tad-*data* u mal-protezzjoni tad-*data* tal-entitajiet fiżiċi;
- o jiżviluppa pjan għall-impriżi li jinvolvi lill-fornituri kollha tas-servizzi tal-kura tas-saħħa li jużaw is-sistema ta' informazzjoni tas-saħħa elettronika, sabiex tittejjeb l-effettività tal-kura tas-saħħa;
- o wara t-tnedija tas-sistema ta' informazzjoni tas-saħħa elettronika u meta l-fornituri tas-servizzi tal-kura tas-saħħa jkunu jistgħu jissieħbu liberament fis-sistema ta' informazzjoni tas-saħħa elettronika, iwettaq kampanja ta' informazzjoni mmirata biex jipromwovi s-sistema.

Pubblikazzjoni u segwitu

319 Ir-rapport ġie ppreżentat lill-Kumitat għall-Awditjar u n-Nefqa Pubblika tal-Parlament. Ir-rapport ġie ppubblikat fuq is-sit web tal-Uffiċċju Statali tal-Awditjar tal-Latvja fit-8 ta' Settembru 2015. Il-pubblikazzjoni kienet akkumpanjata minn konferenza stampa u minn stqarrija għall-istampa.

320 Il-Ministeru tas-Saħħa jrid jaġġorna lill-Uffiċċju Statali tal-Awditjar tal-Latvja dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet skont il-perjodu ta' żmien maqbul għar-rappurtar. Wara li jirċievi din l-informazzjoni, l-Uffiċċju Statali tal-Awditjar tal-Latvja jevalwa l-progress li jkun sar mill-Ministeru tas-Saħħa. Sal-2019, il-Ministeru tas-Saħħa kien implimenta 70 % tar-rakkomandazzjonijiet kollha.

Impatt mistenni

321 Billi l-awditu twettaq fi żmien meta s-sistema ta' informazzjoni tas-saħħa elettronika ma kinitx għadha obbligatorja u kienet għadha fil-fażi ta' implimentazzjoni, ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-awditu kienu mistennija jtejjbu l-proċess ta' implimentazzjoni tas-saħħa elettronika u, fl-aħħar mill-aħħar, jiżguraw l-użu b'suċċess tas-sistema tas-saħħa elettronika min-naħa tal-partijiet ikkonċernati kollha biex tittejjeb l-effettività tal-forniment tas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Mill-2016 'il hawn, is-sistema ta' informazzjoni tas-saħħa elettronika u s-servizzi elettroniċi saru gradwalment disponibbli għall-utenti. Skont l-istatistika, is-servizzi tas-saħħa elettronika l-aktar użati b'mod komuni huma ċ-ċertifikat

elettroniku tal-liv tal-mard u l-preskrizzjoni elettronika: fl-2018 inħarġu miljun (1) ċertifikat elettroniku tal-liv tal-mard u 11.7 miljun preskrizzjoni elettronika.

PARTI III – Rapporti tas-SAls mad-daqqa t'għajn

114

Sostenibbiltà fiskali u aspetti finanzjarji oħra



Il-Finlandja Valtiontalouden Tarkastusvirasto

Projezzjonijiet tax-xejra għan-nefqa fuq is-sigurtà soċjali

Ħarsa ġenerali

322 L-awditu tas-SAI Finlandiża (NAOF) ivvaluta l-affidabbiltà tal-projezzjonijiet tax-xejra għan-nefqa fuq is-sigurtà soċjali. Dawn il-projezzjonijiet jintużaw bħala bażi għad-deċiżjonijiet politiċi u għall-istimi tas-sostenibbiltà ekonomika.

323 L-awditu ffoka fuq l-użu tal-mudell makroekonomiku għall-projezzjonijiet tan-nefqa fuq is-sigurtà soċjali. Il-mudell ġie ddefinit mill-ġdid matul is-snin 2007-2009, u l-awditu kkonċentra prinċipalment fuq il-perjodu ta' wara l-2010. Huwa kopra l-projezzjonijiet tax-xejra fit-tul għan-nefqa fuq is-sigurtà soċjali li jintużaw bħala bażi għad-deċiżjonijiet politiċi soċjali u tas-saħħa. Xi wħud mill-projezzjonijiet tax-xejra tħejjew fil-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa permezz tal-mudell ta' analiżi tan-nefqa fuq is-sigurtà soċjali (il-mudell SOME).

Kif twettaq l-awditu

324 Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar kienet: Il-projezzjonijiet tax-xejra għan-nefqa fuq is-sigurtà soċjali, li jintużaw bħala bażi għad-deċiżjonijiet politiċi u għall-istimi tas-sostenibbiltà ekonomika kemm huma affidabbli?

325 Skont din il-mistoqsija prinċipali, l-NAOF staqsa:

1. X'tip ta' projezzjonijiet tax-xejra jew tbassir għan-nefqa fuq is-sigurtà soċjali jinġabru għat-teħid ta' deċiżjonijiet?
 - (a) X'inhuma d-differenzi ewlenin bejniethom?
 - (b) Dawn kif jintużaw fil-proċessi deċiżjonali?

- (c) X'inhu r-rwol tat-tbassir tal-popolazzjoni prodott minn Statistics Finland f'dawn il-projezzjonijiet?
- (d) X'tip ta' kooperazzjoni teżisti bejn l-awtoritajiet li jiġbru u jużaw il-projezzjonijiet?
- 2. Il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa għandu l-kapaċità li jiżviluppa l-mudell skont id-domanda?
 - (a) Il-mudell kemm huwa flessibbli f'dak li jirrigwarda l-iżvilupp tiegħu?
 - (b) Il-Ministeru għandu riżorsi u għarfien espert suffiċjenti biex jiżviluppa l-mudell?
- 3. It-tfassil tal-politika huwa bbażat fuq metodi miftuħa u trasparenti f'termini tal-projezzjonijiet tax-xejra għan-nefqa fuq is-sigurtà soċjali?
 - (a) Il-mudelli u s-suppożizzjonijiet sottostanti kif jiġu ddokumentati?
 - (b) L-analiżijiet tas-sensittività bbażati fuq is-suppożizzjonijiet huma mwettqa u ppubblikati b'mod sistematiku?

326 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu l-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa u l-Ministeru tal-Finanzi.

327 L-evidenza nkisbet minn valutazzjoni tat-trasparenza u tal-metodoloġija tal-projezzjonijiet tax-xejra fil-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa, minn intervisti ma' esperti fil-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa u fil-Ministeru tal-Finanzi, kif ukoll f'xi istituzzjonijiet oħra li jipproduċu projezzjonijiet tax-xejra (l-Istituzzjoni tal-Assigurazzjoni Soċjali tal-Finlandja (Kela) u ċ-Ċentru Finlandiż għall-Pensjonijiet (ETK)), permezz ta' valutazzjoni komparattiva u analiżi tal-metodi tal-mudell SOME użati fil-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa mal-metodi użati mill-Kela u l-ETK għall-projezzjonijiet tax-xejriet.

Osservazzjonijiet prinċipali

328 L-NAOF għamel l-osservazzjonijiet li ġejjin:

- o Il-mudell SOME rriżulta li kien l-aktar wieħed komprensiv għall-produzzjoni ta' projezzjonijiet tax-xejra fit-tul għan-nefqa fuq is-sigurtà soċjali. Il-qafas kontabilistiku kien strutturat b'mod ċar u pprova bażi tajba għal aktar żvilupp.

- Id-deskrizzjoni tal-mudell u l-manwal tekniku kienu komprensivi u dettaljati. Madankollu, id-deskrizzjoni ma kinitx ġiet aġġornata, minkejja li fil-mudell kienu ġew inkorporati għadd ta' bidliet mill-introduzzjoni tiegħu.
- Kien hemm bżonn ta' verżjonijiet aktar avvanzati tal-mudell. Pereżempju, ir-riforma soċjali u tal-kura tas-saħħa (ir-riforma SOTE) ħolqot il-ħtieġa għal projezzjonijiet tax-xejra għan-nefqa fuq is-sigurtà soċjali f'reġjuni individwali tas-SOTE.
- Il-mudell SOME kellu rwol ċentrali fl-istimi tal-Ministeru tal-Finanzi dwar id-distakk tas-sostenibbiltà, billi serva bħala bażi għall-istimi għan-nefqa relatata mal-età. Il-projezzjonijiet tax-xejra għan-nefqa relatata mal-età ġew imħejjija b'mod konġunt mill-Ministeru tal-Affarjiet Soċjali u s-Saħħa u mill-Ministeru tal-Finanzi fuq bażi mhux uffiċjali. It-tqassim tar-responsabbiltajiet f'dan il-proċess ta' kooperazzjoni baqa' mhux ċar, minkejja li r-responsabbiltà aħħarija għall-istima tad-distakk tas-sostenibbiltà hija f'idejn il-Ministeru tal-Finanzi. Id-deskrizzjoni tal-metodoloġija applikata fl-istima tad-distakk tas-sostenibbiltà għan-nefqa relatata mal-età kienet ta' natura ġenerali u kienet ikkaratterizzata minn nuqqas ta' trasparenza.
- Ix-xenarji jew l-analiżijiet tas-sensittività prodotti bil-mudell SOME ma ġewx ippubblikati fuq bażi regolari. Il-pubblikazzjoni sistematika tas-sejbiet tipprovdi bażi għal dialogu bejn l-esperti, tagħmel it-tfassil tal-politika soċjali u tas-saħħa kif ukoll l-istimi tad-distakk tas-sostenibbiltà prodotti mill-Ministeru tal-Finanzi aktar miftuħin u trasparenti, u tiffaċilita aktar l-iżvilupp tal-mudell.
- Ir-riżorsi allokat i għall-mudell SOME ma kinux neċessarjament adegwati għall-iżvilupp tiegħu skont id-domanda u b'mod li jippermetti analiżi sistematika tas-sejbiet.

Rakkomandazzjonijiet

329 L-NAOF ħareġ ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- Jenħtieġ li l-Ministeru tal-Affarjiet Soċjali u s-Saħħa jiżgura li l-manwal tekniku tal-mudell SOME jiġi aġġornat. Ir-rapporti dwar il-kalkoli tax-xenarju prodotti bil-mudell SOME u li fihom analiżijiet tas-sensittività jenħtieġ ukoll li jiġu ppubblikati fuq bażi regolari.
- Meta jiżviluppa l-mudell SOME, jenħtieġ li l-Ministeru tal-Affarjiet Soċjali u s-Saħħa jieħu inkunsiderazzjoni l-ħtiġijiet ġodda ta' informazzjoni li jirriżultaw mir-riforma SOTE.

Jenħtiegħ li l-Ministeru jalloka riżorsi adegwati għax-xogħol ta' żvilupp u għall-analiżi regolari, u jiżgura kooperazzjoni suffiċjenti fil-livell tal-esperti ma' organizzazzjonijiet oħra li jipproduċu projezzjonijiet tax-xejra għan-nefqa fuq is-sigurtà soċjali u li jipprovdihom informazzjoni.

- o Jenħtiegħ li l-kooperazzjoni bejn il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa u l-Ministeru tal-Finanzi fit-tnejn tal-istima tad-distakk tas-sostenibbiltà mmirata lejn il-produzzjoni tan-nefqa relatata mal-età tiġi deskritta b'mod trasparenti. Jenħtiegħ li l-Ministeru tal-Finanzi jħejji deskrizzjoni bir-reqqa u trasparenti tal-metodoloġija dwar l-istima tad-distakk tas-sostenibbiltà u juża analiżi tas-sensittività fir-rappurtar regolari dwar l-istima tad-distakk tas-sostenibbiltà, pereżempju fir-rigward tax-xejriet fin-nefqa fuq is-sigurtà soċjali.
- o L-analiżi bbażata fuq il-mudell tista' tintuża wkoll b'mod aktar estensiv fl-ippjanar ta' politika fuq terminu qasir.

Pubblikazzjoni u segwitu

330 Ir-rapport ġie ppreżentat lill-entitajiet awditjati u lill-Kumitat tal-Awditjar fil-Parlament. Ir-rapport ġie ppubblikat fuq is-sit web tal-NAOF fis-16 ta' Jannar 2017. Il-pubblikazzjoni kienet akkumpanjata minn stqarrija għall-istampa.

331 Il-proċedura ta' segwitu saret kif skedat fil-ħarifa tal-2018. Is-segwitu sar permezz ta' kwestjonarju mibgħut lill-entitajiet awditjati. Ir-rapport ta' segwitu ġie ppubblikat fuq is-sit web tal-NAOF.

Impatt mistenni

332 Il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa, li huwa responsabbli għall-mudell SOME, kien mistenni jagħmel daqsxejn sforz biex jiżviluppa l-mudell u jiddokumenta l-metodoloġija, kif ukoll biex jippubblika sistematikament ir-riżultati tal-projezzjonijiet. Il-Ministeru tal-Finanzi kien mistenni wkoll li jtejjeb it-trasparenza tal-metodoloġija tal-istimi tas-sostenibbiltà ekonomika u l-użu tal-mudell SOME f'dan il-kuntest.



Il-Greċja

Ελεγκτικό Συνέδριο

Awditjar tematiku orizzontali dwar l-arretrati tal-Istat rigward l-isptarijiet, l-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Forniment ta' Servizzi tal-Kura tas-Saħħa (EOPYY) u direttorat reġjonali tas-saħħa

Ħarsa ġenerali

333 Is-SAI Griega vvalutat l-akkumulazzjoni tal-arretrati tal-Istat.

334 L-awditu kopra l-perjodu mill-31 ta' Diċembru 2016 sat-30 ta' Settembru 2017.

Kif twettaq l-awditu

335 Il-mistoqsijiet prinċipali tal-awditjar kienu:

- Il-finanzjament tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà għall-approvazzjoni tal-arretrati ntuża għall-iskop intenzjonat?
- Għalfejn l-arretrati jibqgħu jakkumulaw?

336 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu sitt sptarijiet, l-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Forniment ta' Servizzi tal-Kura tas-Saħħa (EOPYY) u d-Direttorat Reġjonali tas-Saħħa tal-Ewwel Distrett ta' Attika.

337 L-evidenza nkisbet prinċipalment minn intervisti, ittri ta' kklerjar lil partijiet terzi (fornituri), kontrolli fuq il-post mhux imħabbra fuq konsenji ta' oġġetti u servizzi, reviżjonijiet ta' dokumenti, u verifikazzjoni tal-legalità u tar-regolarità ta' dokumenti u proċeduri.

Osservazzjonijiet prinċipali

Obbligazzjonijiet Pendenti – Arretrati

338 L-awditu żvela:

- irregolaritajiet fil-maturazzjoni tal-arretrati, kif ukoll dokumenti ta' sostenn jew ta' pagament mhux kompleti rigward provvisti u servizzi;
- nuqqas ta' mekkaniżmi li jimmonitorjaw il-pagament tal-imgħax u l-penali finanzjarji, kif ukoll nuqqas ta' rekords dwar l-istatus tal-kawżi fil-qrati;
- li għadd sinifikanti ta' obbligazzjonijiet ma kinux ġew irreġistrati jew inkella kienu ġew irreġistrati bi żball fir-Reġistru tal-Impenji, jew ma ġewx kontabilizzati fis-sistemi tal-IT;
- li s-sistemi tal-IT naqsu milli jesportaw rapporti aggregati u analitiċi speċifiċi dwar il-kumpens.

Programm ta' Approvazzjoni tal-Arretrati

339 Is-SAI Griega sabet:

- każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regola tal-FIFO u mal-limiti ta' żmien għas-saldu tal-obbligazzjonijiet, kif ukoll diskrepanzi bejn id-dokumenti riveduti u defiċjenzi fil-proċedura tal-pagament. Is-sejbiet rigward l-affidabbiltà tad-*data* u tas-sistemi ta' rappurtar kienu jikkonċernaw prinċipalment is-sistemi ta' reġistrazzjoni tal-obbligazzjonijiet; u barra minn hekk
- ġew identifikati diskrepanzi bejn is-sistemi ta' rappurtar.

340 L-awditu kompla jiffoka fuq l-identifikazzjoni ta' sorsi ta' arretrati ġodda. Is-sejbiet kienu kif ġej:

- Nuqqas ta' likwidità attribwit għal baġits mhux realistċi, l-impożizzjoni ta' limiti massimi tal-infiq mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, dewmien fl-applikazzjoni ta' mekkaniżmi ta' rifiżjoni u ta' rkupru, dewmien fil-ġbir tad-dħul u tnaqqis fit-talbiet rilevanti taħt arranġamenti speċifiċi.
- Minħabba l-komplessità (u f'xi każijiet in-nuqqas ta' ċarezza) tal-qafas leġislattiv li jirregola l-proċeduri ta' akkwist, il-proċeduri tal-offerti mhux dejjem ġew ikkompletati

(b'riżultat ta' burokrazija żejda u r-restrittività tal-qafas leġiżlattiv li wasslu għal għadd kbir ta' impenji u għal dewmien fir-ripagamenti minħabba kwistjonijiet ta' legalità), u kienu meħtieġa għadd kbir ta' dokumenti ta' sostenn għall-approvazzjoni tal-arretrati.

- o Il-valutazzjoni tar-riżultati tal-programm tal-pagament tal-arretrati żvelat li l-programm ma kienx matur biżżejjed u li, f'xi każijiet, ir-regola tal-awtofinanzjament – jiġifieri l-pagament mill-entitajiet tal-obbligazzjonijiet proprji tagħhom permezz tar-riżorsi proprji tagħhom – ma kinitx ġiet rispettata.

Rakkomandazzjonijiet

341 Is-SAI Griega tirrakkomanda li:

- o jiġu aġġornati s-sistemi tal-IT u l-appoġġ tagħhom għal baġits regolari;
- o jintużaw dawn is-sistemi biex ir-rapporti kollha meħtieġa jiġu estratti b'mod awtomatiku;
- o jiġi aġġornat b'mod awtomatiku r-Reġistru tal-Impenji; isiru bidliet u titjib speċifiċi fih sabiex jiżgura l-legalità u r-regolarità tar-reġistrazzjoni u tal-pagament tal-obbligazzjonijiet u tal-arretrati;
- o jiġi applikat il-metodu FIFO meta jitħallsu l-obbligazzjonijiet; u jiġu rrikonċiljati b'mod awtomatiku l-pagamenti ma' fatturi aktar qodma;
- o il-korp ċentrali nazzjonali għall-akkwisti għas-settur tas-saħħa pubblika jsir kompletament operazzjonali;
- o jiġu stabbiliti protokoll tal-produzzjoni permezz ta' proċedura medika, kontrolli interni fuq il-proċeduri amministrattivi tal-akkwist u tal-pagament, kodifikazzjoni u klassifikazzjoni unifikata, Speċifikazzjonijiet Tekniċi uniformi, barcodes u reġistri komuni għal konsumabbli, materjali u tagħmir mediku;
- o isir titjib fil-ġestjoni tal-istokk;
- o tiġi aċċellerata l-evalwazzjoni tal-offerti fil-proċeduri għall-għoti ta' kuntratt;
- o tiġi kkonsolidata u adottata sistema tal-IT li tkun komuni fl-isptarijiet kollha;

- o jiġu applikati indikaturi, KPIs, parametri referenzjarji, kontabbiltà tal-ispejjeż u sistema kontabilistika bbażata fuq id-dovuti;
- o jiġi applikat, b'mod f'waqtu, l-mekkaniżmu ta' rkupru għall-fornituri tal-kura;
- o jiġu żviluppati baġits realistiċi;
- o jiġu stabbiliti regoli ta' proċedura interni, kontrolli interni għal kull proċedura u manwal tal-awditjar intern;
- o isir titjib fil-proċess tal-analiżi tar-riskju fl-isptarjiet kif ukoll fl-adegwatezza u fl-allokazzjoni tal-persunal;
- o jiġu aċċellerati l-proċeduri ta' kklerjar u ta' pagament; u
- o is-sussidji tal-gvern jiġihallsu fuq bażi ta' kull xahar.

Pubblikazzjoni u segwitu

342 It-tmien rapporti kollha ġew ippreżentati fil-Parlament waqt laqgħa konġunta tal-Kumitati Permanenti Parlamentari tal-Affarjiet Ekonomiċi u Soċjali f'Ottubru 2018. Ir-rapporti ġew ippubblikati fuq is-sit web tal-Awtorità tal-Awditjar Ellenika. Il-preżentazzjoni msemmija qabel xxandret fuq l-istazzjon televiżiv tal-Parlament.

343 Is-segwitu kien skedat li jitwettaq fi żmien sena.

Impatt mistenni

344 L-awditu orizzontali kellu l-għan li jidentifika l-kawżi għall-arretrati tal-gvern ġenerali u jgħin lill-Gvern jiżviluppa strateġiji biex jindirizza din il-problema u biex jistituzzjonalizza r-riformi meħtieġa biex jipprevjeni milli jinħolqu oħrajn.



L-Italja Corte dei conti

L-implimentazzjoni tal-programm straordinarju
għar-rinnovament tal-bini u l-immodernizzar
teknoloġiku tal-proprjetajiet immobbli
ta' istituzzjonijiet tas-saħħa pubblika

Ħarsa ġenerali

345 L-awditu tas-SAI Taljana vvaluta l-programm straordinarju tar-rinnovament tal-bini u tal-immodernizzar teknoloġiku tal-proprjetajiet immobbli pubbliċi ta' istituzzjonijiet tas-saħħa pubblika.

346 L-awditu kopra l-perjodu mill-2012 sal-2016.

347 Il-Programm ta' Rinnovament tal-Bini u Mmodernizzar Teknoloġiku ġie adottat bil-Liġi Nru 67/88 u l-ewwel fażi ġiet konkluża fl-1996. Il-Corte dei conti diġà kienet wettqet awditu u ppreżentat rapport f'Mejju 2011.

Kif twettaq l-awditu

348 Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar kienet:

- Huwa possibbli li jiġi bbilanċjat l-interess nazzjonali fl-istabbiltà tal-kontijiet mal-prijoritajiet u l-bżonnijiet tas-saħħa u tas-sikurezza tal-istruttura?

349 Il-Ministeru tas-Saħħa kien l-entità prinċipali awditjata.

350 Il-valutazzjoni saret bl-użu ta' evidenza miksuba minn talbiet għal informazzjoni u dokumenti lill-Ministeru tas-Saħħa (id-Direttorat Ġenerali għall-Ippjanar tas-Saħħa), li huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm ta' investiment għall-infrastruttura.

Osservazzjonijiet prinċipali

351 Is-SAI Taljana għamlet l-osservazzjonijiet li ġejjin:

- o Il-Ministeru tas-Saħħa kien għadu ma stabbilixxiex id-**Dokument ta' Ppjanar Pluriennali** kif stipulat bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 228/2011.
- o L-hekk imsejħa metodoloġija “Mexa” ma kinitx tippermetti l-evalwazzjoni reali tal-effettività tal-interventi.
- o Ir-rapport annwali dwar il-progress tax-xogħlijiet, li ġie ppreżentat mir-regġuni lill-Ministeru tas-Saħħa, ma kienx meqjus li huwa adegwat biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-proġetti. Id-dokument dwar l-istat tal-progress tax-xogħlijiet li jintbagħat mir-regġuni darba fis-sena mhuwiex adegwat, billi ma jurix b'mod xieraq l-iżvilupp reali.
- o Is-sħubija pubblika-privata ma ntużatx b'mod effiċjenti u r-riżorsi privati kienu skarsi.

Rakkomandazzjonijiet

352 Is-SAI Taljana ħarġet ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- o jenħtieġ li l-Ministeru tas-Saħħa jadotta d-**Dokument ta' Ppjanar Pluriennali** kif stipulat bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 228/2011;
- o jenħtieġ li l-metodoloġija “Mexa” tippermetti kemm kontroll strateġiku kif ukoll awditjar tal-prestazzjoni. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tal-investimenti pubbliċi tkun parti minn sistema ta' kontroll tal-ġestjoni li tinkludi kemm l-iffissar tal-oġettivi kif ukoll il-valutazzjoni tar-riżultati miksuba.

353 Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi żviluppata sħubija pubblika-privata li tippermetti:

- o interrelazzjonijiet u konnessjonijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat;
- o viżibbiltà akbar tal-proġett sabiex is-sieħeb privat jiġi kompletament involut fil-proċess deċiżjonali; u
- o ġestjoni aktar xierqa tar-riskji konnessi mal-proġetti.

354 Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Ministeru jiffavorixxi impriżi privatorjentati lejn l-investimenti fit-tul u jkun kapaċi jffinanzja proġetti fil-fażi inizjali.

355 Huwa fundamentali li tiġi riorganizzata u mtejbja l-għabra ta' informazzjoni amministrattiva u kontabilistika dwar il-proċessi ta' ġestjoni wara l-implimentazzjoni tal-programm.

356 Jenħtieġ li l-Ministeru tas-Saħħa jkun konxju dwar kwalunkwe inizjattiva mwettqa minn entitajiet lokali li tikkonċerna l-infrastrutturi tas-saħħa ffinanzjati b'riżorsi nazzjonali jew Ewropej. Barra minn hekk, jenħtieġ li huwa jimplimenta bażi ta' *data* sabiex jiġbor l-informazzjoni meħtieġa biex jittejbu l-attivitajiet tal-ippjanar u jiġu ottimizzati l-investimenti.

Pubblikazzjoni u segwitu

Preżentazzjoni tar-rapport:

357 Ir-rapport ġie ppreżentat lill-Parlament, il-Ministeru tal-Ekonomija u l-Finanzi, il-Ministeru tas-Saħħa, u r-reġjuni tal-Veneto, l-Emilia-Romagna u l-Calabria.

358 Ir-rapport ġie ppubblikat fuq is-sit web tal-*Corte dei conti* fid-9 ta' April 2018.

Impatt mistenni

359 Is-SAI Taljana tistenna l-impatt li ġej:

- o bidliet leġiżlattivi li jiffaċilitaw ir-rinnovament tal-bini u l-immodernizzar teknoloġiku tal-assi immobbli tas-settur tas-saħħa pubblika.
- o evalwazzjoni aħjar tal-kwistjonijiet kritiċi enfasizzati mill-entitajiet awditjati sabiex jiġu żviluppati soluzzjonijiet ġodda.
- o fokus fuq is-sikurezza tal-bini, partikolarment b'rabta ma' materjali antisismiċi u tat-tifi tan-nar.



Il-Lussemburgu
Cour des comptes
Finanzjament pubbliku ta' investimenti fl-isptarijiet

Ħarsa ġenerali

360 Is-SAI Lussemburgiża vvalutat il-finanzjament pubbliku ta' investimenti fl-isptarijiet fil-perjodu mill-2011 sal-2017.

Kif twettaq l-awditu

361 L-oġġettiv tal-awditu kien li jiġi vverifikat jekk ir-rekwiżiti tar-Regolament tal-Gran Dukat li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-parteċipazzjoni tal-Istat f'investimenti fl-isptarijiet kinux ġew issodisfati. Barra minn hekk, is-SAI analizzat l-effettività u l-konsistenza tal-mekkaniżmi ta' spezzjoni fil-Ministeru tas-Saħħa għall-validazzjoni tat-talbiet għar-rimborż ippreżentati mill-isptarijiet.

362 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu l-Ministeru tas-Saħħa u kampjun ta' beneficijarji ta' parteċipazzjoni tal-Istat.

363 Il-metodoloġija tal-awditjar kienet tinkludi intervisti mal-korpi awditjati u analiżi tad-dokumenti pprovduti.

Osservazzjonijiet prinċipali

Parteċipazzjoni tal-Istat fil-finanzjament tal-immodernizzar, ir-rinnovazzjoni jew il-kostruzzjoni tal-isptarijiet

364 Il-Ministeru tas-Saħħa ma pprovdix rapport finanzjarju li jqabbel l-ispejjeż tal-proġetti awtorizzati bil-liġi mal-ispiża reali tal-investimenti, inklużi ġustifikazzjonijiet għal kwalunkwe ammont finanzjarju li jaqbeż iż-żidiet legali.

Dispożizzjonijiet legali u regolatorji

365 Għalkemm meħtieġ mil-liġi, ma kien hemm l-ebda ftehim rigward l-għoti ta' għajnuna għal xi wħud mill-proġetti tal-isptarijiet, eż. l-estensjoni ta' sptar wieħed u x-xogħol imwettaq fuq il-faċilità ċentrali ta' sterilizzazzjoni ta' sptar ieħor. Barra minn hekk, ix-xogħol fuq proġett wieħed twettaq mingħajr awtorizzazzjoni formali minn qabel mill-Ministru tas-Saħħa.

366 Il-liġi tipprovdi wkoll li regolament irid jiddetermina l-proċeduri ddettaljati għall-għajnuna finanzjarja, eż. fir-rigward tal-limiti ta' żmien u l-proċeduri għall-eżaminar tal-fajls, id-dokumenti ta' sostenn li jridu jiġu pprovduti, u r-rekwiżit u l-ambitu għal studju dwar il-ħtiġijiet u l-impatt. Madankollu, tali regolament ma kienx ġie adottat fiż-żmien meta sar l-awditu.

Monitoraġġ ta' proġetti ta' kostruzzjoni u/jew ta' modernizzar

367 Għall-erba' proġetti fil-kampjun, il-manigġers tal-proġetti ħejjew regolarment rapporti dwar il-progress, iżda ma pprezentawhomx b'mod sistematiku lill-Ministeru, kif meħtieġ mir-Regolament.

368 L-awdituri sabu wkoll inkonsistenzi varji bejn il-programmazzjoni pluriennali tal-Fond għall-Infrastruttura tal-Isptarijiet li kien tfassal bħala parti mill-baġit tad-dħul u tal-infiq tal-Istat, u t-tabelli ta' monitoraġġ għall-proġetti ssussidjati li kienu tfasslu għal kull sptar mill-Ministeru tas-Saħħa.

369 Fir-rigward tal-aġġustament tal-baġit għal proġetti ta' investiment fl-isptarijiet biex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-bidliet fl-indiċi tal-prezzijiet tal-kostruzzjoni, l-awdituri osservaw li l-Ministeru tas-Saħħa ma kellux il-mezzi biex jiddetermina, bi preċiżjoni, il-baġit disponibbli għal proġett li jkun għaddej, jew biex jivverifika l-kalkoli tal-isptarijiet.

Talbiet għal rimborż

370 L-awdituri osservaw li (1) il-proġetti ġew awtorizzati u ssussidjati minn entitajiet separati; (2) kien hemm nuqqas ta' kuntatt bejn dawn l-entitajiet; u (3) uffiċjal wieħed kien responsabbli biex jivverifika t-talbiet għal rimborż.

371 Skont il-liġi, il-Kummissarju tal-Isptarijiet tal-Gvern huwa inkarigat biex jiskrutinizza l-allokazzjoni tas-sussidji pubbliċi u t-talbiet għal rimborż. Għalkemm is-setgħat tiegħu ssaħħu, l-awdituri kkonkludew li huwa mhuwiex f'pożizzjoni li jwettaq id-dmirijiet tiegħu bis-sħiħ minħabba nuqqas ta' riżorsi umani suffiċjenti.

372 Barra minn hekk, skont il-liġi, l-Istat ikopri 80 % tal-ispejjeż tal-investimenti mobbli u immobbli fl-isptarijiet li ġew awtorizzati mill-Ministru tas-Saħħa. Madankollu, l-awdituri osservaw li l-Ministru tas-Saħħa kien tbiegħed minn din ir-regola f'bosta okkażjonijiet.

373 Fir-rigward tal-oqsma li ma jistgħux jiġu ssussidjati mill-Ministeru tas-Saħħa, ir-Regolament jispeċifika li għal dawk il-partijiet tal-proġett li ma jistgħux jiġu separati, l-ispejjeż tal-partijiet mhux issussidjati se jiġu kkalkulati meta jintemm ix-xogħol. Madankollu, għal proġett wieħed fil-kampjun kienu biss l-ispejjeż għall-parkeġġ taħt l-art li ġew ivvalutati mill-ġdid fi tmiem il-proġett. Għal proġett ieħor, l-ispejjeż taż-żoni mhux issussidjati kienu fil-fatt ġew ivvalutati mill-ġdid, iżda baqa' mhux ċar jekk din is-separazzjoni kinitx rilevanti, billi diversi dettalji ma kinux ġew ipprovduti.

374 Għalkemm ir-Regolament jistipula li l-Ministru tas-Saħħa jista' jadotta regoli uniformi ta' eliġibbiltà għall-isptarijiet kollha, dan ma sarx.

Rakkomandazzjonijiet

Il-parteciġazzjoni tal-Istat fil-finanzjament tal-immodernizzar, ir-rinnovazzjoni u l-kostruzzjoni tal-isptarijiet

375 Jenħtieġ li l-Ministeru tas-Saħħa:

- jaġġorna perjodikament lill-Kamra tad-Deputati dwar il-progress ta' proġetti kbar ta' investiment fi sptarijiet iffinanzjati minn fondi pubbliċi;
- isegwi proċeduri simili għal dawk segwiti fil-Kamra tad-Deputati għal proġetti infrastrutturali implimentati mill-Istat, jiġifieri trid tiġi rieżaminata kwalunkwe bidla sinifikanti fil-programm, irid jitressaq abbozz ta' liġi ġdid kull meta l-infiq tal-proġett ikun jaqbeż il-5 % tal-ammont awtorizzat, u trid tiġi ppreżentata ripartizzjoni finali tal-infiq għal kull proġett individwali awtorizzat minn liġi ta' finanzjament.

Monitoraġġ ta' proġetti ta' kostruzzjoni u/jew ta' modernizzar

376 Jenħtieġ li l-Ministeru tas-Saħħa:

- jispeċifika liema informazzjoni huwa jkun jeħtieġ u jitlob li r-rapporti jintbagħtu regolarment;
- jirrieżamina fid-dettall id-*data* finanzjarja għall-proġetti u juża strument uniku ta' monitoraġġ għal dan l-iskop;
- jistabbilixxi l-għodda tiegħu stess għall-kalkolu tal-aġġustamenti tal-baġit u jinnotifika regolarment lill-isptarjiet dwar il-baġit li jkun jifdal.

Talbiet għal rimborż

377 Il-kompiti tal-awtorizzazzjoni u l-finanzjament ta' proġetti ta' mmodernizzar u/jew kostruzzjoni għandhom jinġabru flimkien fi ħdan unità speċjali ġdida, inklużi esperti mill-Amministrazzjoni tal-Bini Pubbliku. Il-Ministeru għandu jfassal lista ta' spejjeż ta' investiment li mhumx eliġibbli għal sussidji, jistabbilixxi limiti finanzjarji għal ċerti tipi ta' nfiq u jinkludi l-lista fil-ftehimiet finanzjarji futuri. Il-partijiet kollha għandhom jiġu vvalutati mill-ġdid fi tmiem il-proġett u tiġi pprovduta ripartizzjoni tal-ispejjeż reali mġarrba.

Pubblikazzjoni u segwitu

378 Bħala parti mill-fażi kontenzjuża, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet intbagħtu lill-entitajiet awditjati fil-15 ta' Novembru 2018. Ir-rapport speċjali ġie ppreżentat lill-Kamra tad-Deputati fid-29 ta' April 2019 u sussegwentement ġie ppubblikat fuq is-sit web tas-SAI flimkien ma' stqarrija għall-istampa.

379 Ir-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri jingħataw segwitu mill-Kumitat tal-Eżekuzzjoni Baġitarja tal-Kamra tad-Deputati, li jfassal rapport dwar l-azzjoni li tkun ittiegħdet mill-awtoritajiet ikkonċernati b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti.

Impatt mistenni

380 L-impatti mistennija huma li jiġi ottimizzat il-proċess proċedurali għas-sussidjar tal-investimenti fl-isptarijiet u li l-Kamra tad-Deputati tinżamm infurmata regolarment dwar il-progress tal-proġetti kbar ta' investiment fl-isptarijiet iffinanzjati mill-Istat.



Ir-Repubblika Ċeka
Nejvyšší kontrolní úřad

Fondi li jintefqu minn sptarijiet magħżula għar-rimborż tal-ispejjeż

Ħarsa ġenerali

381 L-awditu tas-SAI Ċeka vvaluta l-konformità tal-isptarijiet universitarji mar-regolamenti legali fl-akkwist tagħhom ta' materjali, oġġetti u servizzi u jekk il-ministeri, bħala l-fundaturi tal-isptarijiet, kinux ikkonformaw mal-obbligi tal-liġi. L-awditu kopra l-perjodu mill-2014 sal-2016.

382 Is-SAI awditjat ix-xiri ta' volumi sinifikanti ta' mediċini u apparat mediku. Barra minn hekk, l-awdituri eżaminaw l-obbligu tal-isptarijiet universitarji li jagħżlu fornituri permezz tal-akkwist pubbliku u vvalutaw jekk il-ministeri kinux ikkonformaw mal-obbligi tal-fundatur skont il-liġi.

Kif twettaq l-awditu

383 Il-mistoqsijiet prinċipali indirizzati mill-awditu kienu:

- L-akkwist ta' materjali, oġġetti u servizzi (b'mod partikolari prodotti mediċinali u apparat mediku) minn sptarijiet universitarji huwa konformi mar-regolamenti legali, u huwa effiċjenti u kosteffettiv?
- Hemm differenzi sinifikanti fil-prezzijiet tax-xiri unitarji bejn l-isptarijiet universitarji?
- Il-Ministeru tas-Saħħa u l-Ministeru tad-Difiża jaqdu r-rwol tagħhom bħala l-fundaturi tal-isptarijiet universitarji?

384 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu l-fundaturi tal-isptarijiet universitarji, jiġifieri l-Ministeru tas-Saħħa (MoĦ), il-Ministeru tad-Difiża (MoD), l-Isptar Universitarju ta' Brno (BUH) u l-Isptar Universitarju ta' Motol (MUH), kif ukoll l-Isptar Militari Ċentrali (CMH) (l-Isptar Universitarju Militari ta' Praga).

385 Il-valutazzjoni twettqet abbażi tal-analiżi ta' evidenza miġbura, ir-reviżjoni ta' dokumenti, l-intervisti u t-tqabbil.

Osservazzjonijiet prinċipali

386 Is-SAI Ċeka għamlet l-osservazzjonijiet li ġejjin:

- L-akkwist ta' materjali u oġġetti kien espedjenti, iżda mhux dejjem kien kosteffettiv jew konformi mal-leġislazzjoni. Ix-xiri ta' servizzi mhux dejjem kien kosteffettiv jew konformi mal-leġislazzjoni. F'xi każijiet, il-ministeri naqsu milli jikkonformaw mal-obbligi fundaturi tagħhom skont il-liġi.
- L-isptarijiet universitarji xtraw il-farmaċewtiċi permezz ta' proċeduri ta' akkwist jew permezz ta' xiri dirett mingħand il-fornituri. Minħabba l-portafoll wiesa' ta' farmaċewtiċi u apparat mediku użati, l-isforzi biex jiġu żgurati l-funzjonijiet vitali tal-pazjenti, l-eżistenza ta' manifattur uniku fis-suq jew proċedura tal-offerti li ma rnexxiex, mhux dejjem kien possibbli għall-isptarijiet universitarji li jagħżlu fornitur skont ir-riżultati tal-proċedura tal-offerti. Il-proporzjon tal-provvisti akkwistati barra mill-proċeduri tal-offerti kien konsiderevoli, minkejja li l-isptarijiet universitarji kollha pprovdew raġunijiet għax-xiri ta' farmaċewtiċi u provvisti mediċi (bl-esklużjoni tal-BUH) mingħajr proċedura tal-offerti.
- Il-kriterji stabbiliti għall-evalwazzjoni tal-offerti ma kinux uniformi fost l-isptarijiet universitarji.
- It-tqabbil tal-prezzijiet tax-xiri unitarji fl-isptarijiet universitarji individwali fuq kampjun tal-awditjar tal-istess farmaċewtiċi u apparat mediku wera differenzi sinifikanti kemm fil-valuri assoluti kif ukoll fil-proporzjonijiet perċentwali.
- Fost l-isptarijiet universitarji, il-prezzijiet tax-xiri unitarji ta' kampjun magħżul ta' farmaċewtiċi u apparat mediku kienu jvarjaw b'mod sinifikanti, ħafna drabi anki fir-rigward tax-xiri li jsir mill-istess fornituri. Dawn id-differenzi fil-prezzijiet kienu prinċipalment dovuti għal skontijiet mill-fornituri, l-eżistenza ta' manifattur uniku, in-nuqqas ta' fornituri, l-akkwist mingħajr proċedura tal-offerti, id-distribuzzjoni diretta minn fornitur uniku, bidliet fir-rimborż, jew l-introduzzjoni ta' prodott ġeneriku fis-suq. Is-SAI tqis li hemm lok biex jitnaqqsu l-ispejjeż f'dawn id-differenzi konsiderevoli fil-prezz.

- Is-sistema tal-bonus tal-kura tas-saħħa ma kellhiex regoli ċari għax-xiri ta' farmaċewtiċi u apparat mediku. Il-kunċett ta' bonus ma ġiex iddefinit mil-liġi, iżda kien ibbażat biss fuq it-termini ta' relazzjoni kuntrattwali speċifika bejn l-isptar universitarju u l-fornitur. L-isptarijiet universitarji ma segwewx proċedura unifikata fin-negozjar ta' bonusijiet u fl-użu tal-introjt mill-bonus. B'mod ġenerali, huma kkonkludew kuntratti ta' bonus b'mod separat mir-relazzjoni prinċipali ta' forniment. L-isptarijiet universitarji, b'referenza għas-sigrieti kummerċjali, la ddivulgaw il-kuntratti ta' bonus fir-reġistru tal-kuntratti u lanqas il-valur tal-bonusijiet ikkuntrattati.
- Il-BUH ma kienx irrispetta d-dixxiplina baġitarja billi uża b'mod mhux ġustifikabbli fondi għall-akkwist ta' apparat mediku u ta' servizzi ta' rimi tal-iskart.
- Is-CMH kien uża l-assi tiegħu b'mod ineffiċjenti billi ma pprovdix evidenza konklussiva għal 15-il fattura għall-konsultazzjonijiet legali pprovduti.

Rakkomandazzjonijiet

387 Is-SAI Ċeka tirrakkomanda li:

- L-isptarijiet universitarji jakkwistaw farmaċewtiċi u apparat mediku abbażi ta' proċeduri ta' akkwist, li huwa obbligu statutorju u prerekwiżit għall-ġestjoni ekonomika ta' fondi u għat-trasparenza tal-għażla tal-fornitur;
- L-MoĦ u l-MoD jistabbilixxu b'mod ċar ir-regoli f'dak li jirrigwarda l-ksib, ir-rappurtar u l-immaniġġjar ta' bonusijiet mingħand il-fornituri tal-kura tas-saħħa;
- fil-proċeduri ta' akkwist, l-isptarijiet universitarji ma jistabbilixxux biss il-prezz bħala kriterju iżda, minħabba n-natura u l-komplessità tal-oġġett tal-kuntratt pubbliku, il-bonus ukoll, jekk dan ikun se jiġi pprovdut;
- L-MoĦ jittratta l-istrateġiji ta' żvilupp u jħejji l-kunċett tiegħu stess dwar l-iżvilupp ta' organizzazzjonijiet immaniġġjati direttament;
- L-MoĦ u l-BUH jeżaminaw l-utilità u l-merti tal-fond ta' dotazzjoni tal-BUH u jqis ir-raġunijiet għall-eżistenza kontinwa tiegħu;
- L-MoD jittratta r-riskju identifikat fl-għoti tal-fondi lis-CMH.

Pubblikazzjoni u segwitu

388 Ir-rapport ġie ppreżentat lill-Gvern fit-8 ta' April 2019.

389 Ir-rapport ġie ppubblikat fuq is-sit web tas-SAI fit-3 ta' Settembru 2018. Is-SAI ppubblikat din il-konklużjoni tal-awditjar fil-Bullettin tas-SAI Nru 4/2018. Il-pubblikazzjoni kienet akkumpanjata minn stqarrija għall-istampa.

390 Ir-rapport għadu ma ngħatax segwitu.

Impatt mistenni

391 Huma mistennija li jsiru bidliet fil-proċeduri ta' akkwist tal-isptarijiet universitarji, kif ukoll titjib mill-ministeri fit-twettiq tar-rwoli tagħhom, speċjalment f'termini tal-adozzjoni tar-regoli għall-bonusijiet, il-proċeduri ta' akkwist u l-monitoraġġ tal-operat prattiku u ekonomiku tal-isptarijiet universitarji fuq bażi kosteffettiva.



Is-Slovakkja
Najvyšší kontrolný úrad
Slovenskej republiky

Il-finanzi pubbliċi u l-proprjetà tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa

Ħarsa ġenerali

392 L-awditu tas-SAI Slovakka vvaluta jekk il-finanzi pubbliċi u l-proprjetà tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa kinux konformi mar-regolamenti legali.

393 L-awditu kopra l-perjodu mill-2011 sal-2015. Għal valutazzjoni oġġettiva ta' wħud mill-fatti awditjati, kien hemm ukoll snin oħra li ttieħdu inkunsiderazzjoni.

Kif twettaq l-awditu

394 Il-mistoqsijiet prinċipali tal-awditjar kienu:

- Il-baġit tal-entità awditjata kien realistiku?
- Il-prinċipju ta' baġit ibbilanċjat ġie segwit?
- Kif kienet is-saħħa finanzjarja tal-faċilitajiet mediċi individwali?
- L-obbligazzjonijiet tal-entitajiet awditjati kienu tħallsu?
- L-entità awditjata investiet fix-xiri ta' tagħmir mediku ġdid u tnejjew pjanijiet ta' investment?
- L-akkwist pubbliku kien trasparenti u mhux diskriminatorju, u l-prinċipju ta' ekonomija u effiċjenza ġie osservat?
- Hemm differenzi fit-tipi ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa (mill-perspettiva tas-sjieda) f'kull wieħed mill-oqsma awditjati?

395 L-entitajiet prinċipali awditjati kienu sptarijiet u faċilitajiet mediċi, inkluż 22 minnhom li huma pubbliċi (14 tal-Istat u 8 entitajiet awtonomi), 10 li kienu ġew ikkonvertiti f'tipi oħra ta' entitajiet (kumpaniji b'ishma konġunti, kumpaniji b'responsabbiltà limitata, organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ) u 6 entitajiet privati.

396 Il-metodoloġija tal-awditjar kienet tinkludi reviżjonijiet ta' dokumenti, intervisti, valutazzjoni komparattiva u analiżi tad-*data* statistika.

Osservazzjonijiet prinċipali

397 Ħafna sejbiet kienu ġew applikati għat-tipi kollha ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa (statali, awtonomi, konvertiti u privati), iżda f'xi oqsma l-approċċi għall-ġestjoni kienu sinifikattivament differenti.

- Il-proċess tal-ibbaġitjar u tal-approvazzjoni tal-baġits f'faċilitajiet statali u f'dawk awtonomi ma kienx realistiku peress li fis-snin preċedenti r-riżultat ekonomiku kien negattiv. Il-fundaturi, li japprovaw u jikkontrollaw il-baġits, għandhom ukoll grad ta' responsabbiltà għall-kwalità insuffiċjenti tal-baġits. Instab li l-faċilitajiet trasformati u speċjalment dawk privati kellhom aċċess aħjar għall-ġestjoni tal-baġit u għall-ġestjoni tal-assi.
- Kien hemm rabta diretta bejn il-livell tal-ġestjoni, il-kontroll tar-riżorsi baġitarji u r-riżultati ekonomiċi miksuba. Il-ġestjoni tal-biċċa l-kbira mill-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa konvertiti u tal-isptarijiet privati rriżultat fi profitt (bl-eċċezzjoni ta' sptar wieħed konvertit u wieħed privat).
- L-ispejjeż tal-kura tas-saħħa żdiedu iżda ma ġewx koperti mir-rikavat. L-entitajiet awditjati rrapportaw ammonti sinifikanti ta' kura tas-saħħa mhux imħallsa. Is-SAI tas-Slovakkja tqis li n-nuqqas ta' pagament għall-kura tas-saħħa rikonoxxuta minn kumpaniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa huwa wieħed mill-kawżi prinċipali tad-dejn tal-isptarijiet.
- Matul terz tal-perjodu awditjat, sena wara sena ġiet irreġistrata żieda fl-impenji (2011-2015).

- L-investimenti fil-qasam tat-teknoloġija medika kienu baxxi fil-faċilitajiet tas-saħħa pubblika, u rriżultaw f'żieda fl-ispejjeż tat-tiswija u tal-manutenzjoni. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda pjan ta' investiment.
- Fil-qasam tal-akkwist pubbliku, instabu defiċjenzi rigward id-diskriminazzjoni tal-offerenti, il-vantaġġ tal-informazzjoni ta' xi offerenti, ir-rabta tal-akkwist tat-tagħmir mediku max-xogħol ta' kostruzzjoni, u suspett ta' assoċjazzjoni kif ukoll ta' prezzar eċċessiv. Fil-faċilitajiet privati, il-prezz tat-tagħmir mediku akkwistat kien sinifikattivament aktar baxx minn dak f'faċilitajiet b'forma oħra ta' sjieda.
- Bosta kuntratti ta' servizzi żvantaġġati ġew konklużi f'faċilitajiet tal-kura tas-saħħa kemm statali kif ukoll awtonomi.
- L-oġġettivi tal-gruppi tas-saħħa elettronika u dawk relatati mad-dijanjożi ma ntlaħqux għalkollox.

Rakkomandazzjonijiet

398 Ir-rakkomandazzjonijiet proposti mis-SAI tas-Slovakkja biex jiġu rimedjati n-nuqqasijiet identifikati u jsir titjib fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-assi tal-faċilitajiet tas-saħħa, kienu prinċipalment jikkonċernaw il-ġestjoni u l-awditjar tan-nefqa finanzjarja u materjali, l-unifikazzjoni tar-rappurtar u r-reġistrazzjoni biex jiġu ottimizzati l-parametri, kif ukoll l-alternattiva li t-tagħmir mediku jinxtara b'mod ċentralizzat.

Pubblikazzjoni u segwitu

399 Ir-rapport intbagħat lill-President tar-Repubblika Slovakkja, lill-President tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakkja, lil żewġ kunitati parlamentari u lill-Prim Ministru tar-Repubblika Slovakkja. Ir-riżultati ntbagħtu wkoll lill-Uffiċċju ta' kontra l-Monopolji tar-Repubblika Slovakkja, l-Uffiċċju għas-Superviżjoni tal-Kura tas-Saħħa, l-Uffiċċju għall-Akkwist Pubbliku, il-Ministeru tas-Saħħa tar-Repubblika Slovakkja, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika Slovakkja, u l-Aġenzija Nazzjonali ta' Kontra l-Kriminalità. Ir-riżultati tal-awditjar ġew ippreżentati lill-istampa, lir-radju u lill-midja televiżiva.

400 Skont l-Att dwar is-SAI tas-Slovakkja, l-isptarijiet/il-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa awditjati kienu obbligati jieħdu miżuri biex jirrimedjaw id-defiċjenzi identifikati u

jibagħtuhom lis-SAI sa data ta' skadenza. B'kollox, l-entitajiet awditjati adottaw 168 miżura, li 122 minnhom kienu minn faċilitajiet tas-saħħa pubbliċi, 41 kienu minn faċilitajiet tas-saħħa kkonvertiti u 5 kienu minn faċilitajiet tas-saħħa privati.

401 B'konformità ma' dan l-Att, l-entitajiet awditjati ppreżentaw lis-SAI tas-Slovakkja rapporti bil-miktub dwar is-sitwazzjoni attwali fl-implimentazzjoni tal-miżuri biex jirrimedjaw id-defiċjenzi identifikati. Skont ir-rapporti ppreżentati, is-SAI mmonitorjat l-implimentazzjoni tal-miżuri adottati u pproponiet proċeduri ulterjuri (eż. monitoraġġ ulterjuri tal-implimentazzjoni tal-miżuri, awditjar tal-implimentazzjoni tal-miżuri f'entità speċifika awditjata, eċċ.).

Impatt mistenni

402 Ir-riżultati tal-awditjar jistgħu jwasslu għal:

- o bidliet organizzattivi/proċedurali fil-Ministeru tas-Saħħa tar-Repubblika Slovakkja f'dak li jirrigwarda l-ġestjoni ta' organizzazzjonijiet subordinati, u l-istabbiliment u l-approvazzjoni ta' baġits ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa tal-Istat, kif ukoll ir-relazzjoni tagħhom mal-kumpaniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa;
- o rieżaminar tad-deċiżjoni li jsir investiment f'apparat mediku ġdid;
- o proċeduri biex jiġi żgurat l-akkwist ċentrali ta' tagħmir mediku;
- o bidliet sistemiċi oħra fl-implimentazzjoni tal-politika dwar is-saħħa.



Spanja
Tribunal de Cuentas

Il-ġestjoni u l-kontroll tal-benefiċċji farmaċewtiċi mill-Kumpanija Ġenerali Spanjola tal-Assigurazzjoni Komuni tas-Servizz Ċivili (MUFACE)

Ħarsa ġenerali

403 L-awditu tas-SAI Spanjola vvaluta l-ġestjoni u l-kontroll tal-benefiċċji farmaċewtiċi mill-Kumpanija Ġenerali Spanjola tal-Assigurazzjoni Komuni tas-Servizz Ċivili (MUFACE). Il-perjodu awditjat kien is-sena fiskali 2015.

404 L-MUFACE għandha ħafna membri li huma intitolati għal benefiċċji farmaċewtiċi, għadd u ammont għoli ta' pagamenti kif ukoll għadd għoli ta' kumpaniji privati li jipparteċipaw fil-proċedura. Barra minn hekk, ġew identifikati defiċjenzi u pagamenti eċċessivi f'dak li jirrigwarda benefiċċji farmaċewtiċi ffinanzjati minn korpi simili oħra, li l-ġestjoni tagħhom kienet ġiet analizzata preċedement.

Kif twettaq l-awditu

405 L-oġġettiv prinċipali tal-awditjar kien li jiġi vverifikat jekk il-benefiċċji farmaċewtiċi għall-ispiżeriji u l-isptarijiet kinux ġew iffatturati u mħallsa skont ir-regolamenti fis-seħħ u l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

406 L-oġġettivi speċifiċi kienu li jiġu analizzati l-proċeduri implimentati mill-MUFACE biex jiġi vverifikat jekk il-fatturazzjoni u l-pagament tal-benefiċċji farmaċewtiċi lil spiżeriji u isptarijiet kinux konformi mar-regolamenti u mal-prinċipji msemmija hawn fuq. Minbarra dan, biex jiġi vvalutat jekk il-preskrizzjonijiet mediċi kinux iffinanzjati mill-MUFACE skont ir-regolament applikabbli u l-ftehim iffirmit mal-Kunsill Ġenerali tal-Kmamar tal-Ispiżeriji Provinċjali fi Spanja.

407 L-entità prinċipali awditjata kienet l-MUFACE, korp awtonomu taħt il-Ministeru tal-Politika Territorjali u s-Servizz Ċivili.

408 Il-valutazzjoni twettqet bl-użu ta' kombinament ta' reviżjonijiet ta' dokumenti, intervisti, analiżi tal-kampjunar u tad-*data* matul ix-xogħol li twettaq fuq il-post. Il-bażijiet ta' *data* u l-fajls tal-pagament tal-benefiċjarji ta' servizzi farmaċewtiċi ġew analizzati, u twettqu verifiki u kontrolli fuq l-applikazzjoni tal-kompjuter użata għall-ġestjoni ta' fajls tal-benefiċċji farmaċewtiċi.

Osservazzjonijiet prinċipali

409 Is-SAI Spanjola għamlet l-osservazzjonijiet li ġejjin:

- o Il-limiti stabbiliti mill-MUFACE għall-kontroll tal-konsum ta' mediċini psikotropiċi kienu komuni għas-sustanzi attivi kollha, irrispettivament mid-dożi massimi rrakkomandati għal kull tip ta' medikazzjoni mill-Aġenzija Spanjola tal-Mediċini u l-Prodotti tas-Saħħa.
- o Is-sistema ta' twissijiet stabbilita biex tillimita l-konsenja ta' formoli tal-preskrizzjonijiet lil membri li jaqbżu l-użu normali ta' mediċini kellha bosta defiċjenzi (nuqqas ta' struzzjonijiet, nuqqas ta' twissijiet dwar membri li jew kienu diġà telqu mill-MUFACE jew inkella ma kellhomx użu jew kellhom użu eċċessiv ta' mediċini).
- o Il-proċedura tal-pagament għal benefiċċji farmaċewtiċi deċentralizzati ma kienet tikkorrispondi għall-ebda wieħed mit-tliet tipi speċifikati mil-Liġi Baġitarja Spanjola Nru 47/2003, tas-26 ta' Novembru 2003.
- o Ġew identifikati fatturi ddublikati li jammontaw għal EUR 55 998.
- o L-ammont li għadu pendenti u li se jiġi skontat fil-31 ta' Diċembru 2016, minħabba li nqabżu l-limiti massimi tan-nefqa għall-2015 għal ċerti mediċini, jammonta għal EUR 329 988.
- o Fid-dossiers relatati mal-medikazzjoni għat-trattament tal-epatite Ċ, iffinanzjati mill-MUFACE, il-prezz korrispondenti kien tħallas, iżda b'mod ġenerali l-isptarijiet ma applikawx it-tnaqqis ta' 7.5 % previst fl-Artikolu 9 tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali Spanjol Nru 8/2010.

Rakkomandazzjonijiet

410 Is-SAI Spanjola ħarġet ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- Jiġu msaħħa l-kontrolli, isir tqabbil perijodiku bejn il-bażijiet ta' *data* tal-MUFACE u dawk tal-Aġenzija tat-Taxxa Spanjola (verifikazzjoni tal-livell tal-introjt) u tal-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali (verifikazzjoni tas-sħubija korretta).
- Tiġi promossa l-implimentazzjoni tas-sistema elettronika tal-preskrizzjonijiet mediċi, sabiex tippermetti kontroll akbar fuq tobba li jippreskrivu l-mediċini kif ukoll rekwiżiti oħra ta' validità u ddispensar għal dawn il-mediċini.
- Jiġu adottati miżuri xierqa għall-ġestjoni korretta tal-formoli tal-preskrizzjoni, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tagħhom, u l-kontrolli fuq l-istokks.
- Jiġu adattati l-istruzzjonijiet dwar ir-reġim tal-benefiċċji farmaċewtiċi għall-proċedura reali għall-ipproċessar ta' dawk il-benefiċċji, jiġu solvuti d-defiċjenzi attwali fis-sistema ta' twissija għall-konsum tal-mediċini, jitjiebu u jitwessgħu l-kontrolli stabbiliti għal dan il-għan, jiġu ffissati limiti ta' konsum skont is-sustanza attiva f'kull mediċina.
- Jiġu stabbiliti miżuri biex jiġu rkuprati l-pagamenti eċċessivi magħmula lill-isptarijiet għall-finanzjament tal-medikazzjoni tal-epatite Ċ, u jiġu adottati miżuri xierqa biex l-isptarijiet ikunu jistgħu japplikaw it-tnaqqis ta' 7.5 % fil-proċess tal-fatturazzjoni għall-mediċini ddispensati mill-isptar.
- Tiġi modifikata l-proċedura tal-ġestjoni tal-pagament għal mediċini ddispensati mill-isptar, li titwettagħ permezz tal-kontijiet bankarji tal-MUFACE.

Pubblikazzjoni u segwitu

411 L-abbozz preliminari tar-rapport intbagħat lill-MUFACE għall-kummenti. Ir-rapport finali tal-awditjar ġie ppreżentat lill-Kumitat Parlamentari fis-16 ta' Novembru 2017.

412 Ir-rapport tal-awditjar ilu disponibbli fuq is-sit web tal-Qorti tal-Awditjar Spanjola mill-1 ta' Ottubru 2017. Stqarrija għall-istampa li tiġbor fil-qosor il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet prinċipali ġiet ippubblikata fis-16 ta' Ottubru 2017. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kumitat Parlamentari, datata t-23 ta' Novembru 2017, ġiet ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali tal-Istat fis-26 ta' Frar 2018.

413 Is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet fir-rapport se jitwettaq jew permezz ta' rapport ta' segwitu speċifiku, jew inkella meta jitwettqu l-kompiti tal-awditjar ġodda relatati ma' din l-entità. Sa issa, ma twettqet l-ebda azzjoni ta' segwitu minħabba li ma tantx għadda żmien mill-approvazzjoni tar-rapport.

Impatt mistenni

414 Id-Direttur Ġenerali tal-MUFACE informa lill-Qorti tal-Awditjar Spanjola dwar l-implimentazzjoni ta' bosta emendi organizzattivi, proċedurali u regolatorji fis-27 ta' Marzu 2018:

- il-modifika tal-ftehim dwar il-kura tas-saħħa;
- il-modifika tar-riżoluzzjoni dwar id-delegazzjoni ta' kompiti, datata t-23 ta' Mejju 2012;
- il-modifika tar-regoli kontabilistiċi speċifiċi għall-MUFACE relatati ma' spejjeż, ħlasijiet, kontrolli finanzjarju u kontabilistiku;
- ġew rinforzati l-kontrolli, twettqu kontroverifiki regolari bejn il-bażijiet ta' *data* tal-membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-benefiċjarji u d-detenturi;
- fl-2018, l-implimentazzjoni ta' applikazzjoni speċifika tal-kompjuter għall-ġestjoni tal-pagamenti ta' medikazzjonijiet;
- miżuri biex jiġu rkuprati l-pagamenti eċċessivi lill-isptarijiet għall-finanzjament tal-medikazzjoni tal-epatite Ċ;
- l-implimentazzjoni ta' sistema ta' preskrizzjonijiet elettroniċi, it-tisħiħ tal-kontrolli ta' identifikazzjoni u prevenzjoni fir-rigward tal-konsum eċċessiv ta' mediċini, l-adozzjoni ta' miżuri xierqa għall-ġestjoni korretta tal-formoli tal-preskrizzjonijiet.



L-Ungerija Állami Számvevőszék

Analiżi fil-qosor tal-esperjenza miksuba
mill-awditjar tal-isptarijiet

¶arsa ġenerali

415 L-analiżi tal-Uffiċċju Statali tal-Awditjar tal-Ungerija ġabret fil-qosor l-esperjenza li huwa kien kiseb mill-awditjar tal-isptarijiet.

416 L-analiżi kopriet il-perjodu mill-2008 sal-2016.

Kif twettaq l-awditu

417 L-analiżi ffukat fuq:

- it-twettiq tal-kompiti mill-korpi ta' tmexxija;
- is-sistema ta' kontroll intern tal-isptarijiet;
- il-ġestjoni finanzjarja tal-isptarijiet;
- il-ġestjoni tal-assi tal-isptarijiet;
- it-twettiq tal-approċċ ta' integrità.

418 Fost l-entitajiet prinċipali awditjati kien hemm 21 sptar, il-Ministeru tal-Kapaċitajiet Umani u ċ-Ċentru Nazzjonali tas-Servizz tal-Kura tas-Saħħa.

419 Il-metodoloġija kienet tinkludi reviżjonijiet ta' dokumenti, valutazzjoni komparattiva u analiżi tad-*data* (statistika).

Osservazzjonijiet prinċipali

420 L-Uffiċċju Statali tal-Awditjar tal-Ungerija għamel l-osservazzjonijiet li ġejjin:

- Il-ħtiġijiet bażiċi għall-ġestjoni tal-isptarijiet ġew stabbiliti mill-korpi ta' tmexxija. Matul il-proċeduri ta' akkwist pubbliku u dawk ta' approvazzjoni kien hemm irregolaritajiet marbuta mal-attivitajiet imwettqa mill-korp ta' tmexxija intermedju. L-attivitajiet ta' kontroll tal-korpi ta' tmexxija, madankollu, ma wasslux għall-ġestjoni xierqa tal-isptarijiet.
- Id-diretturi tal-isptar ma ħadux miżuri adegwati biex tiġi stabbilita u operata sistema ta' kontroll intern xierqa.
- L-irregolaritajiet li seħħew fil-ġestjoni finanzjarja tal-isptarijiet (marbuta mal-ippjanar, il-ġestjoni tal-appropriazzjonijiet u l-akkwist pubbliku) iqiegħdu f'riskju t-trasparenza u r-responsabbiltà tal-fondi pubbliċi.
- Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-ġestjoni legali u trasparenti tal-assi tal-Istat ma ġewx issodisfati la waqt ix-xiri, l-installazzjoni, ir-reġistrazzjoni, u d-deprezzament tal-assi, u lanqas fl-inventarju tal-assi u tal-obbligazzjonijiet.
- L-approċċ ta' integrità fl-isptarijiet kien ġie msaħħaħ; madankollu, il-kontrolli tal-integrità ma kinux effettivi għalkollox, u rriżultaw f'irregolaritajiet fil-ġestjoni finanzjarja.

Rakkomandazzjonijiet

421 B'kollox saru 441 rakkomandazzjoni: 16 lill-Ministru, 21 lill-korp ta' tmexxija intermedju u 404 lid-diretturi tal-isptarijiet.

422 L-oqsma suġġetti għar-rakkomandazzjonijiet huma:

- is-sistema ta' kontroll intern;
- il-ġestjoni finanzjarja;
- il-ġestjoni tal-assi;
- l-attività tal-korpi ta' tmexxija.

Pubblikazzjoni u segwitu

423 L-analiżi ġiet ippreżentata f'konferenza stampa f'April tal-2019 u ġiet ippubblikata fuq is-sit web tal-Uffiċċju Statali tal-Awditjar tal-Ungerija.

Impatt mistenni

424 Huwa mistenni li jkun hemm impatt minħabba l-identifikazzjoni ta' oqsma ta' riskju. L-analiżi tista' twassal għal kunsiderazzjoni istituzzjonali akbar tal-konformità legali fil-ġestjoni u tista' tassisti istituzzjonijiet oħra fis-settur b'ġestjoni soda u operat regolari.

Lista tax-xogħlijiet tal-awditjar relatati mas-saħħa pubblika, li twettqu mis-SAls parteċipanti tal-UE mill-2014 'il hawn

425 Din il-lista tipprovdi ħarsa ġenerali lejn ix-xogħlijiet tal-awditjar li twettqu mis-SAls tal-UE, li ttrattaw – kompletament jew parzjalment – is-saħħa pubblika. Għal aktar informazzjoni dwar l-awditu rilevanti, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-SAI kkonċernata.

L-Awstrija

- Qualitätssicherung für niedergelassene Ärztinnen und Ärzte [*Aċċertament tal-kwalità għat-tobba*] – Bund 2018/37] (2018)

Il-Belġju

- Vlaams preventief gezondheidsbeleid – Evaluatie van het uitvoeringslandschap [*Politika Fjamminga dwar is-saħħa preventiva – valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-politika*]

Il-Bulgarija

- Ефективност на системата на психиатричното обслужване (одитът да бъде завършен и публикуван през 2020) [*L-effikaċja tas-sistema tal-kura psikoloġika, li għandu jitlesta u jiġi ppubblikat fl-2020*]
- Електронно здравеопазване (2017) [*Saħħa elettronika, ippubblikat fl-2017*]
- Дейност на Центъра за асистирана репродукция (2017) [*Xogħol taċ-Ċentru ta' Riproduzzjoni Assistita, ippubblikat fl-2017*]
- Одит за съответствие при финансовото управление на Изпълнителна агенция по лекарствата за периода (2016) [*Awditjar tal-konformità tal-ġestjoni finanzjarja tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Mediċini, ippubblikat fl-2016*]
- Одит за съответствие при финансовото управление на Министерството на здравеопазването (2016) [*Awditjar tal-konformità tal-ġestjoni finanzjarja tal-Ministeru tas-Saħħa, ippubblikat fl-2016*]

Lista tax-xogħlijiet tal-awditjar relatati mas-saħħa pubblika, li twettqu mis-SAls parteċipanti tal-UE mill-2014 'il hawn

147

- Эффективность на контрола върху дейностите по профилактика и диспансеризация на задължително здравноосигурените лица в РБ на възраст до 18 (2016) [*L-effettività tal-monitoraġġ tax-xogħol tas-saħħa preventiva u tal-ispiżeriji permezz tas-servizzi tal-assigurazzjoni tas-saħħa għal minorenni fil-Bulgarija, ippubblikat fl-2016*]
- Дейност по оказване на спешна медицинска помощ (2015) [*Xogħol tas-servizzi tal-kura f'każ ta' emerġenza, ippubblikat fl-2015*]
- Механизъм за договаряне на изпълнението на болнична помощ (2014) [*Mekkaniżmu ta' negozjar għall-għoti tal-kura fl-isptar, ippubblikat fl-2014*]
- Одит на изпълнението на проекти, реализирани от Министерството на здравеопазването по Оперативна програма „Развитие на човешките ресурси” (2014) [*Awditjar tal-prestazzjoni tal-proġetti tal-Ministeru tas-Saħħa taħt il-PO “Żvilupp tar-riżorsi umani”, ippubblikat fl-2014*]

Id-Danimarka

- Beretning om lægemiddelanbefalinger (2019) [*Rapport dwar rakkomandazzjonijiet relatati mal-medikazzjoni, ippubblikat fl-2019*]
- Beretning om forskelle i behandlingskvaliteten på sygehusene (2019) [*Rapport dwar id-differenzi fil-kwalità tal-kura fl-isptarijiet Daniżi, ippubblikat fl-2019*]
- Beretning om rettidigheden i indsatsen over for kræftpatienter (2018) [*Rapport dwar l-aċċess tal-pazjenti bil-kanċer għas-servizzi tal-kanċer, ippubblikat fl-2018*]
- Beretning om forløbet for flygtninge med traumer (2018) [*Rapport dwar il-perkorsi għal refuġjati bi trawma, ippubblikat fl-2018*]
- Beretning om udredningsretten (2018) [*Rapport dwar id-dritt tal-pazjenti għal investigazzjoni fil-pront, ippubblikat fl-2018*]
- Beretning om Sundhedsplatformen (2018) [*Rapport dwar il-pjattaformi tas-saħħa, ippubblikat fl-2018*]
- Beretning om salget af Statens Serum Instituts vaccineproduktion(2018) [*Rapport dwar il-bejgħ ta' vaċċini prodotti mill-Istitut Statali Serum, ippubblikat fl-2018*]

- Beretning om forebyggelse af hospitalsinfektioner (2017) [*Rapport dwar il-prevenzjoni ta' infezzjonijiet li jittieħdu mill-isptar, ippubblikat fl-2017*]
- Beretning om 3 regioners beskyttelse af adgangen til it-systemer og sundhedsdata (2017) [*Rapport dwar il-protezzjoni tas-sistemi tal-IT u tad-data dwar is-saħħa fi tliet reġjuni Daniżi, ippubblikat fl-2017*]
- Beretning om Region Hovedstadens akuttefon 1813 (2017) [*Rapport dwar il-linja ta' għajnuna medika 1813 li ġiet stabbilita mir-Reġjun Kapitali tad-Danimarka, ippubblikat fl-2017*]
- Beretning om Beskæftigelsesministeriets data om ressourceforløb (2017) [*Rapport dwar id-data tal-Ministeru tal-Impjiegi dwar programmi ta' riżorsi, ippubblikat fl-2017*]
- Beretning om indsatsen over for patienter med hjerneskade (2016) [*Rapport dwar l-isforzi diretti lejn pazjenti bi ħsarat akkwiziżiti fil-moħħ, ippubblikat fl-2016*]
